32006R1875

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1875/2006

tat-18 ta' Diċembru 2006

li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2454/93 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità [1], u b' mod partikolari l-Artikolu 247 tiegħu,

Billi:

(1) L-emendi għar-Regolament (KEE) Nru 2913/92, minn hawn 'il quddiem "il-Kodiċi", mniżżla fir-Regolament (KE) Nru 648/2005, idaħħlu għadd ta' miżuri li jsaħħu s-siġurtà fuq oġġetti li jiddaħħlu u jinħarġu mill-Komunità. Dawn il-miżuri għandhom jipproduċu kontrolli doganali mħaffa aktar u mmirati aħjar, u jikkonsistu fl-analiżi u l-iskambju elettroniku ta' informazzjoni dwar ir-riskji bejn l-awtoritajiet doganali u bejn dawk l-awtoritajiet u l-Kummissjoni f'qafas komuni għall-ġestjoni tar-riskju; ir-rekwiżit biex jingħata lill-awtoritajiet doganali informazzjoni, ta' qabel il-wasla u qabel it-tluq, dwar il-merkanzija kollha li tiddaħħal jew tinħareġ mit-territorju doganali tal-Komunità, u l-għoti ta' l-istatus ta' Operatur Ekonomiku Awtorizzat lil operaturi ekonomiċi affidabbli li jissodisfaw ċerti kriterji u li għandhom igawdu minn simplifikazzjonijiet kif provduti mir-regoli doganali u/jew faċilitazzjonijiet fir-rigward tal-kontrolli doganali;

(2) Sabiex tkun żgurata l-implimentazzjoni effettiva u minnufih ta' dawn il-miżuri, jeħtieġ li l-iskambju tad-data bejn l-awtoritajiet doganali jsir permezz tat-teknoloġija ta' l-informatika u netwerks tal-kompjuter, bl-użu ta' standards maqbula u ' *data sets* komuni.

(3) Meta wieħed iqis il-progress fis-sistemi kompjuterizzati ta' l-Istati Membri għar-rilaxx mid-dwana, kif ukoll l-użu li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jagħmlu mit-teknoloġija ta' l-informatika u n-netwerks tal-kompjuter, l-użu komuni ta' sistemi bħal dawn għandu jiġi estiż lil hinn mis-sistema ta' transitu kompjuterizzata eżistenti, fl-ewwel waqt bid-dħul ta' sistema kompjuterizzata għall-kontroll ta' l-esportazzjoni.

(4) Bil-ħsieb ta' qafas komuni għall-ġestjoni tar-riskju u t-twaqqif ta' kontrolli doganali ta' l-istess livell madwar il-Komunità, l-analiżi tar-riskju għandu jkun ibbażat fuq tekniki ta' l-ipproċessar tad-data bl-użu ta' kriterji komuni. Għalhekk l-awtoritajiet doganali u l-Kummissjoni, bla ħsara għall-obbligi nazzjonali u internazzjonali, għandhom jiskambjaw bejniethom i l-informazzjoni dwar ir-riskju bl-użu ta' Sistema Komunitarja għall-Ġestjoni tar-Risjku Doganali, żoni ta' kontrol prijoritarji komuni, u kriterji komuni tar-riskju u standards għat-twettiq armonizzat ta' kontrolli doganali f'każijiet speċifiċi.

(5) Operaturi ekonomiċi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet għal ksib ta' l-istatus ta' Operatur Ekonomiku Awtorizzat, u għalhekk jkunu ddistingwew lilhom infushom pożittivament minn operaturi ekonomiċi oħrajn, għandhom jitqiesu bħala msieħba affidabbli fil-katina tal-provvista. L-Operaturi Ekonomiċi Awtorizzati għandhom għalhekk ikunu jistgħu igawdu mhux biss mis-simplifikazzjonijiet previsti taħt ir-regoli doganali, imma wkoll, fejn jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet ta' sikurezza u sigurtà, minn faċilitazzjonijiet fil-kontrolli doganali.

(6) Jeħtieġ li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet u kriterji komuni fl-Istati Membri kollha għall-għoti, tibdil jew revoka taċ-ċertifikati ta' l-Operaturi Ekonomiċi Awtorizzati, jew għas-sospensjoni ta' l-istatus ta' Operatur Ekonomiku Awtorizzat, kif ukoll regoli dwar l-applikazzjoni għal u l-ħruġ ta' Ċertifikati ta' Operaturi Ekonomiċi Awtorizzati. Sabiex ikun żgurat li jinżamm livell għoli ta' sigurtà, l-awtoritajiet doganali għandhom jissorveljaw bla waqfien il-konformità ta' l-Operaturi Ekonomiċi Awtorizzati mar-rekwiżiti rilevanti.

(7) Jeħtieġ li titnieda u tinżamm sistema elettronika komuni għall-informazzjoni u komunikazzjoni għall-magazinaġġ u l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-Operaturi Ekonomiċi Awtorizzati.

[1] ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 648/2005 (ĠU L 117, 4.5.2005, p. 13).

(8) Sabiex ikunu possibbli analiżi tar-riskju u kontrolli bbażati fuq ir-riskju xierqa, jeħtieġ li jiġu stabbiliti limiti ta' żmien u regoli dettaljati li jirregolaw l-obbligu ta' l-operaturi ekonomiċi biex jipprovdu informazzjoni ta' qabel il-wasla u qabel it-tluq lill-awtoritajiet doganali għall-merkanzija kollha li tiddaħħal jew tinħareġ mit-territorju doganali tal-Komunità. F'konformità ma' miżuri simili adottati f'livell internazzjonali bħala parti mill-Qafas ta' Standards li JiżgurawuJiffaċilitawil-KummerċGlobali,maqbulmill-Organizzazzjoni Dinjija tad-Dwana, u skond l-arranġamenti speċjali oħra previsti fi ftehimiet internazzjonali, jixraq li jitqiesu mezzi differenti tat-trasport, kif ukoll tipi differenti ta' merkanzija jew operaturi ekonomiċi.

(9) Sabiex ikun possibli għall-awtoritajiet doganali biex iwettqu analiżi tar-riskju effettiv, jeħtieġ li l-informazzjoni ta' qabel il-wasla u qabel it-tluq jiddaħħal elettronikament. Dikjarazzjonijiet jew notifiki fuq il-karta għandhom ikunu permessibli biss f'ċerti ċirkustanzi eċċezzjonali.

(10) Id-data li tkun meħtieġa għad-dikjarazzjonijiet fil-qosor tal-ħruġ u tad-dħul għandhom ikunu armonizzati sabiex ikun żgurat bażi komuni għall-analiżi tar-riskju madwar il-Komunità u jkun possibli l-iskambju effettiv ta' l-informazzjoni bejn l-awtoritajiet doganali. Minkejja li, għal dawn l-għanijiet, għandu jitqies it-tip ta' traffiku li bih tinġarr il-merkanzija u l-istatus ta' l-Operatur Ekonomiku Awtorizzat, ma għandhomx jiġu ppreġudikati l-miżuri tas-sigurtà u sikurezza. Barra minn dan, minkejja li t-tneħħija tar-rekwiżit għal dikjarazzjoni fil-qosor tista' tkun ġustifikata għal merkanzija li tkun iċċaqalqet skond ir-regoli ta' l-Unjoni Postali Universali, minħabba ċ-ċirkustanzi partikolari relatati ma' dan it-tip ta' traffiku, huwa xorta waħda meħtieġ li jkun previst qafas tekniku għal provvista tad-data lill-awtoritajiet doganali b'mezzi elettroniċi fir-rigward ta' dan it-traffiku, għat-tgawdija reċiproka.

(11) Fil-każ ta' analiżi tar-riskju pożittiva, għandu jkun applikat livell ekwivalenti ta' kontroll preventiv madwar il-Komunità. F'dak il-kuntest, il-kummerċjant jew it-trasportatur għandu jiġi nnotifikat kif xieraq.

(12) Ir-regoli li jirregolaw il-preżentazzjoni u l-ħażnatemporanja tal-merkanzija li tiddaħħal fit-territorju doganali Komunitarju għandhom jinkorporaw it-tibdiliet fir-rekwiżiti tad-data.

(13) Bl-istess mod, f'każijiet fejn id-dikjarazzjoni doganali tintuża bħala dikjarazzjonijiet fil-qosor ta' ħruġ jew dħul, jixraq li jiġu adattati r-regoli ġenerali li jirregolaw il-metodu, il-ħin u l-post tad-depożitu tad-dikjarazzjonijiet doganali sabiex il-merkanziji jtitqiegħed taħt proċedura doganali.

(14) Sabiex ikun possibbli kontroll aktar effiċjenti tal-proċedura ta' l-esportazzjoni u pproċessar 'l barra, kif ukoll ir-rijesportazzjoni, għal skopijiet ta' sigurtà u sikurezza kif ukoll ta' kontrolli doganali, l-awtoritajiet doganali għandhom jibdlu l-proċedura fuq il-karta eżistenti bi skambju elettroniku tad-data bejn l-uffiċċju doganali ta' l-esportazzjoni u l-uffiċċju doganali tal-ħruġ.

(15) Is-sistema kompjuterizzata għall-kontroll ta' l-esportazzjonijiet għandha titħaddem f'parallel mal-proċedura ta' l-esportazzjoni fuq il-karta għall-perjodu tranżitorju. Il-proċedura ta' l-esportazzjoni fuq il-karta għandha tintuża wkoll bħala arranġament kontinġenti għas-sistema elettronika kemm waqt kif ukoll wara l-perjodu tranżitorju. Għandhom japplikaw dispożizzjonijiet speċifiċi meta uffiċċji doganali jiskambjaw data ta' l-esportazzjoni, bis-sistema kompjuterizzata għall-kontroll ta' l-esportazzjonijiet. Sabiex jiġi żgurat it-tħaddim xieraq ta' din is-sistema, id-dispożizzjonijiet eżistenti tal-proċedura ta' l-esportazzjoni fuq il-karta għandhom jiġu emendati.

(16) Sabiex jinżammu s-simplifikazzjonijiet possibli skond ir-regoli ta' l-esportazzjoni, mingħajr ma jiġu affettwati l-benefiċċji offruti lill-operaturi ekonomiċi mis-sistema kompjuterizzati ta' kontroll ta' l-esportazzjonijiet, l-esportaturi għandhom ikunu jistgħu jagħżlu jekk jużawx jew le id-dispożizzjonijiet dwar il-merkanzija li toħroġ mit-territorju doganali tal-Komunità taħt kuntratt uniku ta' trasport.

(17) Id-dispożizzjonijiet dwar l-għoti ta' l-istatus ta' Operatur Ekonomiku Awtorizzat għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2008, sabiex jippermettu l-Istati Membru biex joħolqu l-istrutturi amministrattivi meħtieġa.

(18) Madankollu, sabiex jingħata ħin raġonevoli lill-Istati Membri u l-operaturi ekonomiċi biex jadattaw is-sistemi elettroniċi tagħhom, id-dispożizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament marbuta mat-tifsira tar-rekwiżiti tad-data u d-dħul elettroniku ta' l-informazzjoni ta' qabel il-wasla u ta' qabel it-tluq għandhom japplikaw mill-1 ta' Lulju 2009.

(19) Għalhekk ir-Regolament (KEE) Nru 2454/93 [1] għandu jiġi emendat skond dan.

(20) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi ma l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

[1] ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru. 402/2006 (ĠU L 70, 9.3.2006, p. 35).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KEE) 2454/93 huwa emendat kif ġej:

1. Fl-Artikolu 1, jiżdied il-punt li ġej:

"12. Operatur ekonomiku tfisser:

persuna li, matul in-negozju tagħha, tkun involuta f'attivitajiet koperti mil-leġiżlazzjoni doganali."

2. Fil-Part I, Titolu I, jiżdiedu l-Kapitoli 4 u 5 li ġejjin:

"KAPITOLU 4

L-iskambju tad-data bejn l-awtoritajiet doganali permezz tat-teknoloġija ta' l-informatika u n-netwerks tal-kompjuter;

Artikolu 4d

1. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe ċirkostanza speċjali u għad-dispożizzjonijiet tal-proċedura kkonċernata, li, fejn ikun xieraq, għandha tapplika *mutatis mutandis*, fejn ġew żviluppati, sistemi elettroniċi għall-iskambju ta' informazzjoni marbut ma' proċedura doganali jew operaturi ekonomiċi mill-Istati Membri, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, l-awtoritajiet doganali għandhom jużaw dawn is-sistemi għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-uffiċċji doganali kkonċernati.

2. Fejn l-uffiċċji doganali involuti fi proċedura jinsabu fi Stati Membri differenti, il-messaġġi li għandhom jintużaw għall-iskambju tad-data għandhom jikkonformaw ma' l-istruttura u d-dettalji definiti mill-awtoritajiet doganali bi qbil bejniethom.

Artikolu 4e

1. Barra mir-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 4a (2), l-awtoritajiet doganali għandhom jistabbilixxu u jżommu arranġamenti adekwati ta' sigurtà għat-tħaddim effettiv, affidabbli u sikur tad-diversi sistemi.

2. Sabiex ikun żgurat il-livell ta' sigurtà tas-sistema previst fil-paragrafu 1, kull entrata, tibdil u tneħħija ta' data għandha tiġi rreġistrata flimkien ma' l-informazzjoni li tagħti r-raġunijiet għaliex saret, u l-ħin eżatt ta' l-ipproċessar u identifikazzjoni tal-persuna li wettqitha. Id-data oriġinali u kwalunkwe data li tiġi pproċessata b'dan il-mod għandha tinżamm għallinqas għal tliet snin kalendarji minn tmiem is-sena li tirreferi għaliha d-data, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

3. L-awtoritajiet doganali għandhom jissorveljaw is-sigurtà regolarment.

4. L-awtoritajiet doganali involuti għandhom jgħarrfu lil xulxin u, fejn jixraq, lill-operatur ekonomiku kkonċernat, dwar is-suspetti kollha ta' ksur tas-sigurtà.

KAPITOLU 5

Ġestjoni tar-riskju

Artikolu 4f

1. L-awtoritajiet doganali għandhom iwettqu ġestjoni tar-riskju biex jiddifferenzjaw bejn il-livelli ta' riskju assoċjat ma' merkanzija soġġetta għall-kontroll jew superviżjoni doganali u biex jiddeterminaw jekk il-merkanzija hijiex se tkun soġġetta għal kontrolli doganali speċifiċi jew le, u jekk iva, fejn.

2. Id-determinazzjoni tal-livelli tar-riskju għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni tal-probabbiltà li jseħħ l-avveniment relatat ma' riskju, u l-impatt tiegħu, fil-każ li l-avveniment iseħħ tassew. Il-bażi għall-għażla ta' kunsinni jew dikjarazzjonijiet li għandhom ikunu soġġetti għal kontrolli doganali għandhom jinkludu element każwali.

Artikolu 4g

1. Il-ġestjoni tar-riskju fil-livell Komunitarju, imsemmija fl-Artikolu 13(2) tal-Kodiċi, għandha ssir skond qafas elettroniku komuni għall-ġestjoni tar-riskju li jkun magħmul mill-elementi li ġejjin:

(a) Sistema Komunitarja Doganali għall-Ġestjoni tar-Riskju għall-implimentazzjoni tal-ġestjoni tar-riskju, li għandha tintuża għall-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri u l-Kummissjoni, ta' kwalunkwe informazzjoni marbut mar-riskju li jista' jgħin fil-kontrolli doganali;

(b) żoni ta' kontroll prijoritarji komuni;

(c) kriterji u standards tar-riskju komuni, għat-twettiq armonizzat ta' kontrolli doganali f'każijiet speċifiċi.

2. L-awtoritajiet doganali, permezz tas-sistema msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1 għandhom jiskambjaw informazzjoni marbuta mar-riskju fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) awtorità doganali tivvaluta li r-riskji jkunu sinifikanti u li jeħtieġu kontroll doganali u r-riżultati tal-kontroll jistabbilixxu li l-avveniment, kif imsemmi fl-Artikolu 4(25) tal-Kodiċi, ikun seħħ;

(b) ir-riżultati tal-kontroll ma jistabbilixxux li l-avveniment, kif imsemmi fl-Artikolu 4(25) tal-Kodiċi, ikun seħħ iżda l-awtorità doganali kkonċernata tqis li t-theddida tipprezenta riskju għoli x'imkien ieħor fil-Komunità.

Artikolu 4h

1. Żoni ta' kontroll prijoritarji komuni għandhom ikopru trattamenti jew użi, tipi ta' merkanzija, rotot tat-traffiku, mezzi tat-trasport jew operaturi ekonomiċi partikolari li jkunu approvati mid-dwana, li jkunu soġġetti għal livelli ogħla ta' analiżi tar-riskju jew kontrolli doganali, għal perjodu stabbilit.

2. It-tħaddim ta' żoni ta' kontroll prijoritarji komuni għandu jkun ibbażat fuq metodu komuni ta' l-analiżi tar-riskju u, sabiex ikunu żgurati livelli ekwivalenti ta' kontrolli doganali, kriterji tar-riskju u standards komuni għall-għażla ta' merkanzija jew ta' operaturi ekonomiċi għall-kontroll.

3. Il-kontrolli doganali mwettqa f'żoni ta' kontroll prijoritarji komuni għandhom isiru mingħajr preġudizzju għall-kontrolli l-oħra li normalment jitwettqu mill-awtoritajiet doganali.

Artikolu 4i

1. Il-kriterji tar-riskju u standards komuni msemmija fl-Artikolu 4g(1)(c) għandhom jinkludu l-elementi li ġejjin:

(a) deskrizzjoni tar-riskju/i;

(b) il-fatturi jew l-indikaturi tar-riskju li għandhom jintużaw biex jintgħażlu oġġetti jew operaturi ekonomiċi għall-kontroll doganali;

(c) it-tip ta' kontrolli doganali li għandhom jitwettqu mill-awtoritajiet doganali;

(d) it-tul taż-żmien tat-twettiq tal-kontrolli doganali msemmija fil-punt (ċ).

L-informazzjoni li toħroġ mit-twettiq ta' l-elementi msemmija fl-ewwel subparagrafu għandu jitqassam permezz tas-Sistema Doganali Komunitarja għall-Ġestjoni tar-Riskju msemmija fl-Artikolu 4g(1)(a). Dan għandu jintuża mill-awtoritajiet doganali fis-sistemi għall-ġestjoni tar-riskju tagħhom.

2. L-awtoritajiet doganali għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bir-riżultati ta' kontrolli doganali mwettqa skond il-paragrafu 1.

Artikolu 4j

Fit-twaqqif ta' żoni ta' kontroll komuni prijoritarji u l-użu ta' kriterji tar-riskju u standards komuni, għandhom jitqiesu l-konsiderazzjonijiet li ġejjin:

(a) il-proporzjonalità fir-rigward tar-riskju;

(b) l-urġenza tat-twettiq meħtieġ tal-kontrolli;

(c) l-impatt eventwali fuq il-fluss kummerċjali, fuq l-Istati Membri individwali u fuq ir-riżorsi għall-kontroll."

3. Fil-Parti I, jiddaħħal it-Titolu IIA li ġej:

"TITOLU IIA

OPERATURI EKONOMIĊI AWTORIZZATI

KAPITOLU 1

Il-Proċedura għall-għoti taċ-ċertifikati

Sezzjoni 1

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 14a

1. Mingħajr preġudizzju għall-użu tas-simplifikazzjonijiet li f'kull każ ieħor huwa previst skond ir-regoli doganali, l-awtoritajiet doganali jistgħu, wara applikazzjoni minn operatur ekonomiku, u skond l-Artikolu 5a tal-Kodiċi, joħorġu ċ-ċertifikati ta' l-Operaturi Ekonomiċi Awtorizzati (minn hawn 'il quddiem 'Ċertifikati AEO') li ġejjin:

(a) Ċertifikat AEO — Simplifikazzjonijiet Doganali fir-rigward ta' operaturi ekonomiċi li jitolbu biex igawdu minn simplifikazzjonijiet iprevisti skond ir-regoli doganali u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 14h, 14i u 14j;

(b) Ċertifikat AEO — Sigurtà u Sikurezza fir-rigward ta' operaturi ekonomiċi li jitoblu biex igawdu minn faċilitazzjonijiet ta' kontrolli doganali marbuta mas-sigurtà u s-sikurezza meta tidħol il-merkanzija fit-territorju doganali tal-Komunità, jew meta l-merkanzija toħorġ mit-territorju doganali tal-Komunità u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 14h sa 14k;

(c) Ċertifikat AEO — Simplifikazzjonijiet Doganali/Sigurtà u Sikurezza, fir-rigward ta' operaturi ekonomiċi li jitolbu biex igawdu mis-simplifikazzjonijiet deskritti fil-punt (a) u li huma intitolati li jibbenefikaw mill-faċilitazzjonijiet deskritti fil-punt (b) u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 14h, 14i, 14j u 14 k.

2. L-awtoritajiet doganali għandhom iqisu l-karatteristiċi speċifiċi ta' l-operaturi ekonomiċi, partikolarment kumpanniji żgħar u ta' daqs medju.

Artikolu 14b

1. Jekk id-detentur ta' Ċertifikat AEO imsemmi fil-punt (a) jew (c) ta' l-Artikolu 14a(1) japplika għal waħda jew iktar mill-awtorizzazzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 260, 263, 269, 272, 276, 277, 282, 283, 313a, 313b, 324a, 324e, 372, 454a, u 912g, l-awtoritajiet tad-dwana ma għandhomx jeżaminaw mill-ġdid dawk il-kundizzjonijiet li jkunu diġà ġew eżaminati fl-għoti taċ-Ċertifikat AEO.

2. Meta dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul tiġi ddepożitata minn detentur taċ-Ċertifikat AEO imsemmi fil-punt (b) jew (c) ta' l-Artikolu 14a(1), l-uffiċċju doganali kompetenti jista', qabel il-wasla tal-merkanzija fit-territorju doganali tal-Komunità, jinnotifika lill-Operatur Ekonomiku Awtorizzat meta, b'riżultat ta' l-analiżi tar-riskju għas-sigurtà u s-sikurezza, il-kunsinna tintagħżel għal iktar kontrolli fiżiċi. Din in-notifika għandha tingħata biss fejn ma tikkompromettix il-kontroll li għandu jitwettaq.

Madankollu, l-Istati Membri jistgħu iwettqu kontroll fiżiku anki meta Operatur Ekonomiku Awtorizzat ma jkunx notifikat, qabel il-wasla tal-merkanzija fit-territorju tal-Komunità, bl-għażla tal-kunsinna għal dan il-kontroll. Meta merkanzija tkun se toħroġ mit-territorju doganali tal-Komunità, l-ewwel u t-tieni subparagrafi għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

3. Detenturi taċ-Ċertifikat AEO, imsemmi fil-punt (b) jew (c) ta' l-Artikolu 14a(1), li qed jimportaw jew jesportaw il-merkanzija jistgħu jiddepożitaw dikjarazzjonijiet fil-qosor tad-dħul u l-ħruġ li jinkludu r-rekwiżiti mqassra ta' data stipulati fis-sezzjoni 2.5 ta' l-Anness 30A.

Trasportaturi, burdnara jew aġenti doganali li huma detenturi taċ-Ċertifikat AEO imsemmi fil-punt (b) jew (c) ta' l-Artikolu 14a(1), u li huma involuti fl-importazzjoni jew l-esportazzjoni ta' merkanzija f'isem detenturi taċ-Ċertifikat AEO imsemmi fil-punt (b) jew (c) ta' l-Artikolu 14a(1), jistgħu wkoll jiddepożitaw dikjarazzjonijiet fil-qosor tad-dħul u l-ħruġ li jinkludu r-rekwiżiti mqassra ta' data stipulati fis-sezzjoni 2.5 ta' l-Anness 30A.

Detenturi ta' Ċertifikat AEO intitolati li jużaw rekwiżiti mqassra ta' data jistgħu jkunu mitluba biex jipprovdu iktar elementi ta' data sabiex jiżguraw it-tħaddim xieraq ta' sistemi stabbiliti fi ftehimiet internazzjonali ma' pajjiżi terzi dwar ir-rikonoxximent reċiproku taċ-Ċertifikati AEO u l-miżuri marbuta mas-sigurtà.

4. Id-detentur ta' Ċertifikat AEO għandu jiġi soġġett għal inqas kontrolli fiżiċi u tad-dokumenti minn operaturi ekonomiċi oħrajn. L-awtoritajiet doganali jistgħu jiddeċiedu mod ieħor sabiex iqisu theddida speċifika, jew obligazzjonijiet ta' kontroll stipulati f'leġiżlazzjoni Komunitarja oħra.

Meta, wara analiżi tar-riskju, l-awtorità doganali kompetenti xorta waħda tagħżel għal aktar eżaminazzjoni, kunsinna koperta minn dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul jew il-ħruġ jew minn dikjarazzjoni doganali ddepożitata minn Operatur Ekonomiku Awtorizzat, għandha twettaq il-kontrolli meħtieġa bi prijorità. Jekk l-Operatur Ekonomiku Awtorizzat jitlob hekk, u soġġett għall-ftehim ma' l-awtorità doganali kkonċernata, dawn il-kontrolli jistgħu iseħħu f'post li huwa differenti mill-post ta' l-uffiċċju doganali involut.

5. Il-benefiċċji mniżżla fil-paragrafi 1sa 4 għandhom jingħataw lill-operatur ekonomiku kkonċernat mal-preżentazzjoni tan-numri meħtieġa taċ-Ċertifikat AEO.

Sezzjoni 2

Applikazzjoni għal Ċertifikat AEO

Artikolu 14c

1. L-applikazzjoni għal Ċertifikat AEO għandha ssir bil-miktub jew f'forma elettronika skond l-eżempju mogħti fl-Anness 1C.

2. Meta, l-awtorità doganali tistabbilixxi li l-applikazzjoni ma jkunx fiha d-dettalji kollha rekwiżiti, l-awtorità doganali, fi żmien 30 jum kalendarju mill-wasla ta' l-applikazzjoni, għandha titlob lill-operatur ekonomiku biex jagħtiha t-informazzjoni rilevanti, filwaqt li tagħti r-raġunijiet għat-talba tagħha.

Il-limiti ta' żmien imsemmija fl-Artikoli 14l(1) u 14o(2) għandhom jibdewjiddekorru mid-data li fiha l-awtorità doganali tirċievi l-informazzjoni kollha meħtieġa biex taċ-ċetta l-applikazzjoni. L-awtoritajiet doganali għandhom jinfurmaw l-operatur ekonomiku li l-applikazzjoni ġiet aċċettata u d-data minn meta dak il-limitu ta' żmien għandu jibda jiddekorri.

Artikolu 14d

1. L-applikazzjoni għandha titressaq lil waħda mill-awtoritajiet doganali li ġejjin:

(a) l-awtorità doganali ta' l-Istat Membru fejn jinżammu l-kontijiet ewlenin ta' l-applikant relatati ma' l-arranġamenti doganali involuti, u fejn titwettaq għallinqas parti mill-operazzjonijiet li għandhom jiġu koperti miċ-Ċertifikat AEO;

(b) l-awtorità doganali ta' l-Istat Membru fejn il-kontijiet ewlenin ta' l-applikant relatati ma' l-arranġamenti doganali involuti jkunu aċċessibbli fis-sistema kompjuterizzata ta' l-applikant mill-awtorità doganali kompetenti permezz tat-teknoloġija ta' l-informatika u n-netwerks tal-kompjuter, u fejn isiru l-attivitajiet ġenerali loġistiċi ta' ġestjoni ta' l-applikant, u fejn titwettaq għallinqas parti mill-operazzjonijiet li għandhom jiġu koperti miċ-Ċertifikat AEO.

Il-kontijiet ewlenin ta' l-applikant imsemmija fil-punti (a) u (b) għandhom jinkludu rekords u dokumentazzjoni li tippermetti lill-awtorità doganali li tivverifika u tissorvelja l-kundizzjonijiet u l-kriterji meħtieġa għall-ksib taċ-Ċertifikat AEO.

2. Jekk ma tkunx tista' tiġi determinata l-awtorità doganali kompetenti skond il-paragrafu 1, l-applikazzjoni għandha titressaq lil waħda mill-awtoritajiet doganali li ġejjin:

(a) l-awtorità doganali ta' l-Istat Membru fejn jinżammu l-kontijiet ewlenin ta' l-applikant marbuta ma' l-arranġamenti doganali involuti;

(b) l-awtorità doganali ta' l-Istat Membru fejn l-kontijiet ewlenin ta' l-applikant marbuta ma' l-arranġamenti doganali involuti jkunu aċċessibbli, kif imsemmi fil-paragrafu 1(b), u fejn isiru l-attivitajiet loġistiċi ġenerali ta' ġestjoni ta' l-applikant.

3. Jekk parti mir-rekords u d-dokumentazzjoni rilevanti tinżamm fi Stat Membru li mhux dak l-Istat Membru ta' l-awtorità doganali fejn intbagħtet l-applikazzjoni skond il-paragrafu 1 jew 2, l-applikant għandu jimla kif xieraq il-kaxxi 13, 16, 17 u 18 tal-formola ta' l-applikazzjoni li tinsab fl-Anness 1C.

4. Jekk l-applikant iżomm faċilità ta' magazzinaġġ jew postijiet oħra fi Stat Membru li mhux dak l-Istat Membru ta' l-awtorità doganali fejn intbagħtet l-applikazzjoni skond il-paragrafu 1 jew 2, din l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta mill-applikant fil-kaxxa 13 tal-formola ta' l-applikazzjoni li tinsab fl-Anness 1C, sabiex tkun iffaċilitata l-eżaminazzjoni tal-kundizzjonijiet rilevanti fil-faċilità tal-magazzinaġġ jew il-postijiet l-oħra mill-awtoritajiet doganali ta' dak l-Istat Membru.

5. Il-proċedura ta' konsultazzjoni msemmija fl-Artikolu 14m għandha tapplika fil-każijiet msemmija fil-paragrafi 2, 3 u 4 ta' dan l-Artikolu.

6. L-applikant għandu jipprovdi punt ċentrali b'aċċessibbiltà tajba jew jaħtar persuna ta' kuntatt fi ħdan l-amministrazzjoni ta' l-applikant, sabiex jagħmel disponibbli għall-awtoritajiet doganali l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tkun ippruvata l-konformità mar-rekwiżiti għall-għoti taċ-Ċertifikat AEO.

7. L-applikanti għandhom, safejn ikun possibbli, jissottomettu l-informazzjoni meħtieġa lill-awtoritajiet doganali b'mezzi elettroniċi.

Artikolu 14e

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni lista ta' l-awtoritajiet kompetenti tagħhom, fejn għandhom isiru l-applikazzjonijiet, u kwalunkwe tibdil sussegwenti f'din il-lista. Il-Kummissjoni għandha tressaq it-tali informazzjoni lill-Istati Membri l-oħra jew tagħmlu disponibbli fuq l-Internet.

Dawn l-awtoritajiet għandhom jaġixxu bħala l-awtoritajiet doganali li joħorġu ċ-Ċertifikati AEO.

Artikolu 14f

L-applikazzjoni ma għandhiex tiġi aċċettata fi kwalunkwe mill-każijiet li ġejjin:

(a) l-applikazzjoni ma tkunx konformi ma' l-Artikoli 14c u 14d;

(b) l-applikant kien instab ħati b'offiża kriminali serja marbuta ma' l-attività ekonomika ta' l-applikant jew huwa soġġett għal proċedimenti ta' falliment fil-waqt tas-sottomissjoni ta' l-applikazzjoni;

(c) l-applikant għandu rappreżentant legali għall-kwistjonijiet doganali li nstab ħati b'offiża kriminali serja marbuta ma' ksur tar-regoli doganali u marbuta ma' l-attività tiegħu bħala rappreżentant legali;

(d) l-applikazzjoni qed ssir fi żmien tliet snin mir-revoka taċ-Ċertifikat AEO kif prevista fl-Artikolu 14v(4).

Sezzjoni 3

Kundizzjonijiet u kriterji għall-għoti taċ-Ċertifikat AEO

Artikolu 14g

Fil-każijiet li ġejjin, m'huwiex meħtieġ li l-applikant ikun stabbilit fit-territorju doganali tal-Komunità:

(a) meta ftehim internazzjonali bejn il-Komunità u pajjiż terz fejn hu stabbilit l-operatur ekonomiku jipprovdi għal rikonoxximent reċiproku taċ-Ċertifikati AEO u jispeċifika l-arranġamenti amministrattivi għat-twettiq ta' kontrolli xierqa f'isem l-awtorità doganali ta' l-Istat Membru jekk ikun hemm bżonn;

(b) meta applikazzjoni għall-għoti taċ-Ċertifikat AEO imsemmija fil-punt (b) ta' l-Artikolu 14a(1) issir minn linja ta' l-ajru jew kumpannija tat-trasport bil-baħar mhux stabbilita fil-Komunità iżda li għandha uffiċċju reġjonali hemmhekk u li diġà tgawdi mis-simplifikazzjonijiet stipulati fl-Artikoli 324e, 445 jew 448.

Fil-każ imsemmi fil-punt (b) ta' l-ewwel paragrafu, l-applikant għandu jitqies li jkun issodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 14h, 14i, u l-Artikolu 14j iżda ikun mitlub jissodisfa l-kundizzjoni stipulata fl-Artikolu 14k(2).

Artikolu 14h

1. Ir-rekord tal-konformità mar-rekwiżiti doganali msemmija fl-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 5a (2) tal-Kodiċi għandhom jitqiesu bħala xierqa jekk matul l-aħħar tliet snin qabel is-sottomissjoni ta' l-applikazzjoni ma sar l-ebda ksur serju jew ma sarx ksur repetut tar-regoli doganali minn kwalunkwe minn dawn il-persuni:

(a) l-applikant;

(b) il-persuni li għandhom f'idejhom il-kumpannija applikanta jew li jeżerċitaw kontroll fuq il-ġestjoni tagħha;

(c) jekk ikun applikabbli, ir-rappreżentant legali ta' l-applikant għal kwistjonijiet doganali;

(d) il-persuna responsabbli għal kwistjonijiet doganali fil-kumpannija applikanta.

Madankollu, ir-rekord tal-konformità mar-rekwiżiti doganali jista' jitqies xieraq jekk l-awtorità kompetenti tqis kwalunkwe ksur bħala wieħed ta' importanza negliġibbli, meta mqabbel man-numru jew id-daqs ta' l-operazzjonijiet marbuta mad-dwana, u sabiex ma joħolqux dubji dwar il-bona fede ta' l-applikant.

2. Jekk il-persuni li jeżerċitaw kontroll fuq il-kumpannija applikanta jkunu stabbiliti jew residenti f'pajjiż terz, l-awtoritajiet doganali għandhom jivvalutaw il-konformità tagħhom mar-rekwiżiti doganali abbażi ta' rekords u informazzjoni li jkollhom disponibbli.

3. Jekk l-applikant kien stabbilit għal anqas minn tliet snin, l-awtoritajiet doganali għandhom jivvalutaw il-konformità tiegħu mar-rekwiżiti doganali abbażi tar-rekords u l-informazzjoni li jkollhom disponibbli.

Artikolu 14i

Sabiex l-awtoritajiet doganali jkunu jistgħu jistabbilixxu li l-applikant għandu sistema sodisfaċenti għall-ġestjoni tar-rekords kummerċjali u, fejn ikun il-każ, dawk tat-trasport, kif imsemmi fit-tieni inċiż ta' l-Artikolu 5a(2) tal-Kodiċi, l-applikant għandu jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) iżomm sistema ta' kontabilità li hija konsistenti mal-prinċipji tal-kontabilità aċċettati b'mod ġenerali li jiġu applikati fl-Istat Membru fejn jinżammu l-kontijiet u li tiffaċilita l-kontroll doganali bbażat fuq il-verifiki;

(b) jippermetti li l-awtorità doganali jkollha aċċess fiżiku jew elettroniku għar-rekords doganali tiegħu u, fejn ikun il-każ, għal dawk tat-trasport;

(c) ikollu sistema loġistika li tagħmel distinzjoni bejn merkanzija Komunitarja u dik mhux Komunitarja;

(d) ikollu organizzazzjoni amministrattiva li tikkorrispondi mat-tip u d-daqs tan-negozju, li hija xierqa għall-ġestjoni tal-fluss tal-merkanzija, u jkollu kontrolli interni li jkunu kapaċi jittraċawit-tranżazzjonijiet illegali jew irregolari;

(e) fejn japplika, ikollu proċeduri sodisfaċenti stabbiliti biex jimmaniġġja l-liċenzji u l-awtorizzazzjonijiet marbuta mal-miżuri tal-politika kummerċjali jew għall-kummerċ fil-prodotti agrikoli;

(f) ikollu proċeduri sodisfaċenti stabbiliti biex jarkivja r-rekords u l-informazzjoni tal-kumpannija u għall-ħarsien kontra t-telf ta' l-informazzjoni;

(g) jiżgura li l-impjegati jkunu konxji mill-ħtieġa li l-awtoritajiet doganali jkunu informati kull meta jiġu individwati diffikultajiet ta' konformità u jistabbilixxu kuntatti xierqa biex jinfurmaw l-awtoritajiet doganali meta jseħħu avvenimenti bħal dawn;

(h) ikollu miżuri xierqa fis-seħħ tas-sigurtà tat-teknoloġija ta' l-informatika biex iħares is-sistema tal-kompjuter ta' l-applikant minn indħil mhux awtorizzat u jiżgura d-dokumentazzjoni ta' l-applikant.

Applikant li jitlob ċertifikat AEO msemmi fil-punt (b) ta' l-Artikolu 14a (1) m'huwiex mitlub jissodisfa r-rekwiżit stabbilit fil-punt (c) ta' l-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 14j

1. Il-kundizzjoni marbuta mas-solvenza finanzjarja ta' l-applikant imsemmija fit-tielet inċiż ta' l-Artikolu 5a(2) tal-Kodiċi għandha titqies li ġiet sodisfatta, jekk is-solvenza tiegħu tista' tkun ipprovata għall-aħħar tliet snin.

Għall-iskopijiet ta' dan l-Artikolu, is-solvenza finanzjarja għandha tfisser pożizzjoni finanzjarja tajba li hija biżżejjed biex jiġu sodisfatti l-impenji ta' l-applikant, filwaqt li jitqiesu b'mod xieraq il-karatteristiċi tat-tip ta' l-attività tan-negozju.

2. Jekk l-applikant ilu stabbilit għal inqas minn tliet snin, is-solvenza finanzjarja tiegħu għandha tkun iġġudikata abbażi tar-rekords u ta' l-informazzjoni li huma disponibbli.

Artikolu 14k

1. L-istandards ta' sigurtà u sikurezza ta' l-applikant imsemmija fir-raba' inċiż ta' l-Artikolu 5a(2) tal-Kodiċi għandhom jitqiesu xierqa jekk jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-bini li għandu jintuża f'rabta ma' l-operazzjonijiet li ser ikunu koperti miċ-ċertifikat ikunu mibnija minn materjal li jiflaħ għal attentati ta' dħul illegali u jipproteġi kontra ndħil illegali;

(b) ikunu stabbiliti miżuri xierqa għall-kontroll ta' l-aċċess sabiex jimpedixxu l-aċċess mhux awtorizzat f'żoni merkantili, il-baċiri tat-tagħbija u ż-żoni tal-merkanzija;

(c) il-miżuri għall-immaniġġjar tal-merkanzija jinkludu l-ħarsien mill-introduzzjoni, l-iskambju jew it-telf ta' kwalunkwe materjal u t-tbagħbis ta' l-unitajiet tal-merkanzija;

(d) fejn japplika, ikunu stabbiliti proċeduri għall-immaniġġjar tal-liċenzji ta' l-importazzjoni u/jew ta' l-esportazzjoni marbuta mal-projbizzjonijiet u mar-restrizzjonijiet u biex din il-merkanzija tingħaraf minn merkanzija oħra;

(e) l-applikant ikun implimenta miżuri li jippermettu identifikazzjoni ċara tas-sħab kummerċjali tiegħu sabiex jiżgura l-katina internazzjonali ta-provvista;

(f) l-applikant ikun wettaq, safejn tippermetti l-leġiżlazzjoni, stħarriġ ta-sigurtà fuq impjegati prospettivi li jaħdmu f'pożizzjonijiet sensittivi fir-rigward tas-sigurtà; u jwettaq kontrolli perjodiċi fl-isfond;

(g) l-applikant jiżgura li l-istaff ikkonċernat tiegħu jieħu sehem attiv fi programmi għall-ħolqien ta' kuxjenza rigward is-sigurtà.

2. Jekk linja ta' l-ajru jew kumpannija tat-trasport bil-baħar li m'hijiex stabbilita fil-Komunità, iżda għandha uffiċċju reġjonali hemmhekk u tgawdi mi-simplifikazzjonijiet stipulati fl-Artikoli 324e, 445 jew 448, tressaq applikazzjoni għaċ-Ċertifikat AEO imsemmi fil-punt (b) ta' l-Artikolu 14a(1), għandha tissodisfa waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) trid tkun detentriċi ta' ċertifikat tas-sigurtà u/jew tas-sikurezza rikonoxxut fuq livell internazzjonali maħruġ abbażi tal-konvenzjonijiet internazzjonali li jirregolaw is-setturi tat-trasport ikkonċernati;

(b) tkun Aġent Regolat, kif imsemmi fir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal- Kunsill (KE) Nru 2320/2002 (*), u tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fi-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 622/2003 (**);

(c) tkun detentriċi ta' ċertifikat maħruġ f'pajjiż li jinsab barra mit-territorju doganali tal-Komunità, fejn ftehim bilaterali konkluż bejn il-Komunità u l-pajjiż terz jipprovdi għall-aċċettazzjoni taċ-ċertikat, soġġett għal-kundizzjonijiet stipulati f'dak il-ftehim.

Jekk il-linja ta' l-ajru jew il-kumpannija tat-trasport bil-baħar tkun id-detentriċi taċ-ċertifikat imsemmi fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu, il-kriterji stipulati fil-paragrafu 1 ikunu sodisfatti. L-awtoritajiet doganali tal-ħruġ għandhom jikkonsidraw li l-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 1 ikunu sodisfatti, t safejn i-kriterji għall-ħruġ taċ-ċertifikat internazzjonali jkunu identiċi jew komparabbli għal dawk stipulati fil-paragrafu 1.

3. Jekk l-applikant ikun stabbilit fil-Komunità u jkun Aġent Regolat kif imsemmi fir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 u jkun jissodisfa r-rekwiżiti previst fi-Regolament (KE) Nru 622/2003, il-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 1 għandhom jitqiesu li ġew sodisfatti fir-rigward tal-post li għalih l-operatur ekonomiku jkun kiseb l-istatus ta' Aġent Regolat.

4. Jekk l-applikant, stabbilit fil-Komunità, ikun id-detentur ta' ċertifikat ta-sigurtà u/jew tas-sikurezza rikonoxxut internazzjonalment, maħruġ abbażi ta' konvenzjonijiet internazzjonali, ta' ċertifikat tas-sigurtà u/jew tas-sikurezza Ewropew maħruġ abbażi tal-leġiżlazzjoni Komunitarja, ta' Standard Internazzjonali ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni, jew ta' Standard Ewropew ta' l-Organizzazzjonijiet Ewropej ta' l-Istandards, il-kriterji previsti fil-paragrafu 1 għandhom jitqiesu li ġew sodisfatti safejn il-kriterji għall-għoti ta' dawn iċ-ċertifikati jkunu identiċi jew komparabbli ma' dawk stabbiliti fir-Regolament preżenti.

(*) ĠU L 355, 30.12.2002, p. 1
(**) ĠU L 89, 5.4.2003, p. 9

Sezzjoni 4

Il-proċedura għall-għoti taċ-Ċertifikati AEO

Artikolu 14l

1. L-awtorità doganali li toħroġ iċ-ċertifikati għandha tikkomunika l-applikazzjoni lill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri l-oħra kollha fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol mid-data li fiha tkun rċeviet l-applikazzjoni skond l-Artiokolu 14c, permezz tas-sistema ta' komunikazzjoni msemmija fl-Artikolu 14x.

2. Meta l-awtorità doganali ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor ikollha informazzjoni rilevanti li jista' jippreġudika l-għoti taċ-ċertifikat, din għandha tikkomunika dak l-informazzjoni lill-awtorità doganali li toħroġ iċ-ċertifikati fi żmien 35 jum kalendarju li jibdew mid-data tal-komunikazzjoni prevista fil-paragrafu 1, permezz tas-sistema ta' komunikazzjoni msemmija fl-Artikolu 14x.

Artikolu 14m

1. Hija meħtieġa konsultazzjoni bejn l-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri jekk l-eżaminazzjoni ta' wieħed jew iktar mill-kriterji stipulati fl-Artikoli 14g-14k ma jkunux jistgħu jitwettqu mill-awtorità doganali li qed twettaq il-konsultazzjoni, minħabba nuqqas ta' informazzjoni jew minħabba n-nuqqas ta'possibbiltà biex dan jiġi kkontrollat. F'dawn il-każijiet, l-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri għandhom iwetqqu l-konsultazzjoni fi żmien 60 jum kalendarju, li jibdew mid-data tal-komunikazzjoni ta' l-informazzjoni mill-awtoritajiet doganali li qed joħroġ iċ-ċertifikat, sabiex iċ-Ċertifikat AEO ikun jista' jinħareġ jew l-applikazzjoni tkun tista' tiġi miċħuda fil-limiti ta' żmien stipulati fl-Artikolu 14o (2).

Jekk l-awtorità doganali kkonsultata tonqos milli twieġeb fi żmien is-60 jum kalendarju, l-awtorità li qed tikkonsulta tista' tassumi, fuq ir-responsabbiltà ta' l-awtorità doganali kkonsultata, li l-kriterji li għalihom saret il-konsultazzjoni kienu sodisfatti. Dan il-perjodu jista jiġi estiż jekk l-applikant iwettaq adattamenti sabiex jissodisfa dawk il-kriterji u jikkomunikahom lill-awtorità kkonsultata u dik li qed tikkonsulta.

2. Jekk, wara l-eżami previst fl-Artikolu 14n, l-awtorità doganali kkonsultata tistabbilixxi li l-applikant ma jissodisfax wieħed jew iktar mill-kriterji, ir-riżultati, iddokumentati b'mod xieraq, għandhom jiġu ttrasferiti lill-uffiċċju doganali li joħroġ iċ-ċertifikat u dan ta' l-aħħar għandu jiċħad l-applikazzjoni. L-Artikolu 14o(4), (5) u (6) għandu japplika.

Artikolu 14n

1. L-awtorità doganali li toħroġ iċ-ċertifikat għandha teżamina jekk il-kundizzjonijiet u l-kriterji għall-għoti taċ-ċertifikat deskritt fl-Artikoli 14gsa14k humiex sodisfatti jew le. L-eżaminazzjoni tal-kriterji stipulati fl-Artikolu 14k għandha titwettaq fuq il-postijiet kollha li jkunu rilevanti għall-attivitajiet ta' l-applikant marbuta mad-dwana. L-eżaminazzjoni, kif ukoll ir-riżultati tagħha, għandha tkun iddokumentata mill-awtorità doganali.

Meta, f'każ ta' għadd kbir ta' postijiet, il-perjodu għall-għoti taċ-ċertifikat ma jkunx biżżejjed għall-eżaminazzjoni tal-postijiet rilevanti kollha, iżda l-awtorità doganali ma jkollhiex dubju li l-applikant iżomm standards ta' sigurtà korportattiva li jintużaw b'mod komuni fl-istabbilimenti kollha tiegħu, tista' tiddeċiedi li teżamina biss proporzjon rappreżentattiv ta' dawk l-istabbilimenti.

2. L-awtorità doganali li toħroġ iċ-ċertifikat tista' taċċetta l-konklużjonijiet li jagħtiha espert fl-oqsma rilevanti msemmija fl-Artikoli 14i, 14j u 14k fir-rigward tal-kundizzjonijiet u l-kriterji msemmija f'dawk l-Artikoli rispettivament. L-espert ma għandux ikollu xi relazzjoni ma' l-applikant.

Artikolu 14o

1. L-uffiċċju doganali li joħroġ iċ-ċertifikati, għandu joħroġ iċ-Ċertifikat AEO skond l-eżempju stabbilit fl-Anness 1D.

2. Iċ-Ċertifikat AEO għandu jinħareġ fi żmien 90 jum kalendarju li jibdew mid-dħul ta' l-applikazzjoni skond l-Artikolu 14c. Dan il-perjodu jista' jiġi estiż b'perjodu wieħed ieħor ta' 30 jum kalendarju meta l-awtorità doganali ma tkunx tista tissodisfa l-iskadenza stabbilita. F'każijiet bħal dawn, l-awtorità doganali għandha tgħarraf lill-applikant bir-raġunijiet għall-estensjoni qabel ma jiskadi l-perjodu ta' 90 jum kalendarju.

3. Il-perjodu previst fl-ewwel sentenza tal-paragrafu 2 jista' jiġi estiż jekk, matul l-eżaminazzjoni tal-kriterji, l-applikant jagħmel adattamenti sabiex jissodisfa dawk il-kriterji u jikkomunikahom lill-awtorità kompetenti.

4. Meta r-riżultat ta' l-eżami mwettaq skond l-Artikoli 14l, 14m u 14n x'aktarx iwassal għaċ-ċaħda ta' l-applikazzjoni, l-uffiċċju doganali li joħroġ iċ-ċertifikat għandu jikkomunika s-sejbiet lill-applikant u jipprovdih bl-opportunità li jwieġeb fi żmien 30 jum kalendarju, qabel ma jiċħad l-applikazzjoni. Il-perjodu stabbilit fl-ewwel sentenza tal-paragrafu 2 għandu jiġi għalhekk sospiż.

5. Iċ-ċaħda ta' applikazzjoni ma għandhiex twassal għarrevoka awtomatika ta' kwalunkwe awtorizzazzjoni eżistenti maħruġa skond ir-regoli doganali.

6. Jekk l-applikazzjoni tiġi miċħuda, l-awtorità doganali għandha tgħarraf lill-applikant bir-raġunijiet li fuqhom ittieħdet id-deċiżjoni. Id-deċiżjoni biex tinċaħad l-applikazzjoni għandha tiġi nnotifikata lill-applikant fil-limiti ta' żmien stipulati fil-paragrafi (2) (3) u (4).

Artikolu 14p

L-awtorità doganali li toħroġ iċ-ċertifikat għandha, fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol, tinforma lill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri l-oħra li nħareġ Ċertifikat AEO, permezz tas-sistema ta' komunikazzjoni msemmija fl-Artikolu 14x. L-informazzjoni għandha tiġi pprovduta wkoll fl-istess limitu ta' żmien jekk l-applikazzjoni tiġi miċħuda.

KAPITOLU 2

L-effetti legali taċ-Ċertifikati AEO

Sezzjoni 1

Dispożizzjonijiet Ġenerali

Artikolu 14q

1. Iċ-Ċertifikat AEO għandu jidħol fis-seħħ mill-għaxar jum tax-xogħol wara d-data tal-ħruġ tiegħu.

2. Iċ-Ċertifikat AEO għandu jkun rikonoxxut fl-Istati Membri kollha.

3. Il-perjodu ta' validità taċ-Ċertifikat AEO ma għandux ikun limitat.

4. L-awtoritajiet doganali għandhom jissorveljaw il-konformità mal-kundizzjonijiet u l-kriterji li għandhom jiġu sodisfatti mill-Operatur Ekonomiku Awtorizzat.

5. Għandha ssir rivalutazzjoni mill-awtorità doganali li toħroġ iċ-ċertifikat tal-kundizzjonijiet u l-kriterji fil-każijiet li ġejjin:

(a) tibdiliet kbar fil-leġiżlazzjoni Komunitarja rilevanti;

(b) indikazzjoni raġonevoli li l-kundizzjonijiet u kriterji rilevanti ma għadhomx jiġu sodisfatti mill-Operatur Ekonomiku Awtorizzat.

Fil-każ ta' ċertifikat AEO maħruġa lil applikant li ilu stabbilit għal inqas minn tliet snin, għandu jkun hemm sorveljanza mill-qrib matul l-ewwel sena minn wara l-ħruġ.

Għandu japplika l-Artikolu 14n(2).

Ir-riżultati tar-rivalutazzjoni għandhom jitqiegħdu għaddispożizzjoni ta' l-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri kollha, permezz tas-sistema tal-komunikazzjoni msemmija fl-Artikolu 14x.

Sezzjoni 2

Is-sospensjoni ta' l-istatus ta' Operatur Eknomiku Awtorizzat

Artikolu 14r

1. L-istatus ta' Operatur Ekonomiku Awtorizzat għandu jiġi sospiż mill-awtorità doganali li toħroġ iċ-ċertifikat fil-każijiet li ġejjin:

(a) meta jinstab nuqqas ta' konformità mal-kundizzjonijiet jew il-kriterji għaċ-Ċertifikat AEO;

(b) l-awtoritajiet doganali jkollhom raġuni biżżejjed biex jaħsbu li twettaq att mill-Operatur Ekonomiku Awtorizzat li jwassal għal proċedimenti f'qorti kriminali u li hu marbut ma' ksur tar-regoli doganali.

Madankollu, fil-każ imsemmi fil-punt (b) ta' l-ewwel subparagrafu, l-awtorità doganali tista' tiddeċiedi biex ma tissospendix l-istatus ta' Operatur Ekonomiku Awtorizzat jekk tqis li l-ksur huwa wieħed ta' importanza negliġibbli, meta mqabbel man-numru jew id-daqs ta' l-operazzjonijiet b'rabta doganali, u ma toħloqx dubji dwar il-bona fede ta' l-Operatur Ekonomiku Awtorizzat.

Qabel ma tittieħed deċiżjoni, l-awtoritajiet doganali għandhom jikkomunikaw is-sejbiet tagħhom lill-operatur ekonomiku kkonċernat. L-operatur ekonomiku kkonċernat għandu d-dritt jikkoreġi s-sitwazzjoni u/jew jesprimi l-fehma tiegħu fi żmien 30 jum kalendarju li jibdew mid-data tal-komunikazzjoni.

Madankollu, is-sospensjoni għandha tidħol fis-seħħ minnufih meta jkun hekk meħtieġ minħabba t-tip jew il-livell tat-theddida lis-sigurtà u s-sikurezza taċ-ċittadini, lis-saħħa pubblika jew lill-ambjent. L-awtorità doganali li toħroġ s-sospensjoni għandha minnufih tinforma lill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri l-oħra, permezz tas-sistema ta' komunikazzjoni msemmija fl-Artikolu 14x, sabiex ikunu jistgħu jieħdu l-azzjoni xierqa.

2. Jekk id-detentur ta' Ċertifikat AEO ma jirregolarizzax is-sitwazzjoni msemmija fil-punt (a) ta' l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 fi żmien il-perjodu tat-30 jum kalendarju msemmijafit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 1, l-awtorità doganali kompetenti għandha tinnotifika l-operatur ekonomiku kkonċernat li l-istatus ta' Operatur Ekonomiku Awtorizzat huwa sospiż għal perjodu ta' 30 jum kalendarju, sabiex l-operatur ekonomiku jkun jista' jieħu l-miżuri meħtieġa biex jirregolarizza s-sitwazzjoni. In-notifika għandha tintbagħat ukoll lill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri l-oħra permezz tas-sistema ta' komunikazzjoni msemmija fl-Artikolu 14x.

3. Jekk id-detentur ta' Ċertifikat AEO ikun wettaq att imsemmi fil-punt (b) ta' l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, l-awtorità doganali li toħroġ iċ-ċertifikat għandha tissospendi l-istatus ta' Operatur Ekonomiku Awtorizzat matul tul iż-żmien tal-proċedimenti fil-qorti. Għandha tinnotifika lid-detentur taċ-ċertifikat b'dan. In-notifika permezz tas-sistema ta' komunikazzjoni msemmija fl-Artikolu 14x għandha tintbagħat ukoll lill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri l-oħra.

4. Meta l-operatur ekonomiku ikkonċernat ma jkunx jista' jirregolarizza s-sitwazzjoni fi żmien 30 jum kalendarju iżda jkun jista' jagħti evidenza li l-kundizzjonijiet ikunu jistgħu jintlaħqu jekk jiġi estiż il-perjodu ta' sospensjoni, l-awtorità doganali li toħroġ iċ-ċertifikat għandha tissospendi l-istatus ta' Operatur Ekonomiku Awtorizzat għal perjodu ieħor ta' 30 jum kalendarju.

Artikolu 14s

1. Is-sospensjoni ma għandha taffettwa ebda proċedura doganali li tkun diġà nbdiet qabel id-data tas-sospensjoni u tkun għada ma tlestietx.

2. Is-sospensjoni ma għandha taffettwa awtomatikament l-ebda awtorizzazzjoniji li tkun ingħatat mingħajr referenza liċ-Ċertifika AEO sakemm ir-raġunijiet għas-sospensjoni jkollhom rilevanza wkoll għal dik l-awtorizzazzjoniji.

3. Is-sospensjoni ma għandha taffettwa awtomatikament l-ebda awtorizzazzjoni għall-użu ta' simplifikazzjoni doganali li tkun ingħatat abbażi ta' Ċertifikat AEO u li l-kundizzjonijiet għaliha għadhom sodisfatti.

4. Fil-każ taċ-Ċertifikat AEO imsemmi fil-punt (c) ta' l-Artikolu 14a(1), jekk l-operatur ekonomiku kkonċernat jonqos milli jissodisfa biss il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 14k, l-istatus ta' Operatur Ekonomiku Awtorizzat għandu jiġi sospiż parzjalment u jista' jinħareġ Ċertifikat AEO ġdid kif imsemmi fil-punt (a) ta' l-Artikolu 14a(1) fuq talba tiegħu.

Artikolu 14t

1. Meta l-operatur ekonomiku kkonċernat ikun ħa, għas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet doganali, l-miżuri meħtieġa sabiex jikkonforma mal-kundizzjonijiet u mal-kriterji li għandhom jiġu sodisfatti minn Operatur Ekonomiku Awtorizzat, l-awtorità doganali li toħroġ iċ-ċertifikat għandha tirtira s-sospensjoni u tgħarraf lill-operatur ekonomiku kkonċernat u lill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri l-oħra. Is-sospensjoni tista' tiġi rtirata qabel l-iskadenza tal-limitu ta' żmien stipulat fl-Artikolu 14r(2) jew (4).

Fis-sitwazzjoni msemmija fl-Artikolu 14s(4), l-awtorità doganali li tissospendi ċ-ċertifikat għandha toħroġ mill-ġdid iċ-ċertifikat sospiż. Sussegwentement, għandha tirrevoka ċ-Ċertifikat AEO imsemmi fil-punt (a) ta' l-Artikolu 14a(1).

2. Jekk l-operatur ekonomiku kkonċernat jonqos milli jieħu l-miżuri neċessarji fi żmien il-perjodu ta' sospensjoni previst fl-Artikolu 14r(2) jew (4), l-awtorità doganali li toħroġ iċ-ċertifikat għandha tirrevoka ċ-Certifikat AEO u tinnotifika minnufih lill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri l-oħra, permezz tas-sistema ta' komunikazzjoni msemmija fl-Artikolu 14x.

Fis-sitwazzjoni msemmija fl-Artikolu 14s(4), iċ-ċertifikat oriġinali għandu jiġi revokat u huwa biss ċ-ċertifikat AEO il-ġdid kif imsemmi fil-punt (a) ta' l-Artikolu 14a(1) li jkun validu.

Artikolu 14u

1. Meta Operatur Ekonomiku Awtorizzat ma jkunx jista', temporanjament, jissodisfa ebda kriterju stipulat fl-Artikolu 14a, jista' jitlob s-sospensjoni ta' l-istatus ta' Operatur Ekonomiku Awtorizzat. F'każ bħal dan, l-Operatur Ekonomiku Awtorizzat għandu jinnotifika l-awtorità doganali li toħroġ iċ-ċertifikat, filwaqt li jispeċifikad-data sa meta jkun jista' jerġa' jissodisfa l-kriterji. Għandu jinnotifika wkoll l-awtorità doganali li toħroġ iċ-ċertifikat bi kwalunkwe miżura ppjanata u bi skeda bid-dati għalihom.

L-awtorità doganali nnotifikata għandha tibgħat in-notifika lill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri l-oħra permezz tas-sistema ta' komunikazzjoni msemmija fl-Artikolu 14x.

2. Jekk l-Operatur Eknomiku Awtorizzat jonqos milli jirregolarizza s-sitwazzjoni fil-perjodu stipulat fin-notifika tiegħu, l-awtorità doganali li toħroġ iċ-ċertifikat tista' tagħti estensjoni raġonevoli, sakemm l-Operatur Eknomiku Awtorizzat jkun aġixxa b'bona fede. Din l-estensjoni għandha tiġi nnotifikata lill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri l-oħra permezz tas-sistema ta' komunikazzjoni msemmija fl-Artikolu 14x.

Fil-każijiet l-oħra kollha, iċ-Ċertifikat AEO għandu jiġi rrevokat u l-awtorità doganali tal-ħruġ taċ-ċertifikat għandha minnufih tinnotifika lill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri l-oħra permezz tas-sistema ta' komunikazzjoni msemmija fl-Artikolu 14x.

3. Jekk il-miżuri rekwiżiti ma jsirux fi żmien il-perjodu tas-sospensjoni, għandu japplika l-Artikolu 14v.

Sezzjoni 3

Ir-revoka taċ-Certifikat AEO

Artikolu 14v

1. Iċ-Ċertifikat AEO għandu jiġi rrevokat mill-awtorità doganali li toħroġ iċ-ċertifikat fil-każijiet li ġejjin:

(a) fejn l-Operatur Ekonomiku Awtorizzat jonqos milli jieħu l-miżuri msemmija fl-Artikolu 14t(l);

(b) fejn l-Operatur Ekonomiku Awtorizzat iwettaq ksur serju marbut mar-regoli doganali u ma hemmx dritt ulterjuri ta' appell;

(c) fejn l-Operatur Eknomiku Awtorizzat jonqos milli jieħu l-miżuri meħtieġa matul il-perjodu tas-sospensjoni msemmi fl-Artikolu 14u;

(d) fuq talba ta' l-Operatur Ekonomiku Awtorizzat.

Madankollu, fil-każ imsemmi fil-punt (b), l-awtorità doganali tista' tiddeċiedi li ma tirrevokax iċ-Ċertifikat AEO jekk tqis li l-ksur ikunu ta' importanza negliġibbli, meta mqabbla man-numru jew id-daqs ta' l-operazzjonijiet b'rabta doganali, u biex ma jinħolqux dubji dwar il-bona fede ta' l-Operatur Ekonomiku Awtorizzat.

2. Ir-revoka għandha tieħu effett mill-jum wara n-notifika tagħha.

Fil-każ taċ-Ċertifikat AEO kif imsemmi fil-punt (c) ta' l-Artikolu 14a(1), fejn l-operatur ekonomiku kkonċernat jonqos biss milli jissodisfa l-kundizzjonijiet i fl-Artikolu 14k, iċ-ċertifikat għandu jiġi rrevokat mill-awtorità doganali li toħroġ iċ-ċertifikat u għandu jinħareġ Ċertifikat AEO ġdid kif imsemmi fil-punt (a) ta' l-Artikolu 14a(1).

3. L-awtorità doganali li toħroġ iċ-ċertifikat għandha minnufih tinforma lill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri l-oħra dwar ir-revoka ta' Ċertifikat AEO permezz tas-sistema ta' komunikazzjoni msemmija fl-Artikolu 14x.

4. Minbarra l-każijiet ta' revoka msemmija fil-punti (c) u (d) tal-paragrafu 1, l-operatur ekonomiku ma għandux jitħalla jressaq applikazzjoni ġdida għal ċertifikat AEO fi żmien tliet snin mid-data tar-revoka.

KAPITOLU 3

Skambju ta' informazzjoni

Artikolu 14w

1. L-Operatur Ekonomiku Awtorizzat għandu jinforma lill-awtoritajiet doganali li joħorġu ċ-ċertifikat bil-fatturi kollha li jinqalgħu wara l-għoti ta' ċertifikat li jistgħu jinfluwenzaw il-kontinwazzjoni jew il-kontenut tiegħu.

2. L-informazzjoni kollha rilevanti għad-dispożizzjoni ta' l-awtorità doganali li toħroġ iċ-ċertifikat għanha tkun disponibbli lill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri l-oħra fejn l-Operatur Ekonomiku Awtorizzat iwettaq attivitajiet relatati mad-dwana.

3. Jekk awtorità doganali tirrevoka awtorizzazzjoni speċifika mogħtija lil Operatur Ekonomiku Awtorizzat, abbażi taċ-ċertifikat AEO tiegħu, għall-użu ta' simplifikazzjoni doganali partikolari, kif previst fl-Artikoli 260, 263, 269, 272, 276, 277, 282, 283, 313a u 313b, 324a, 324e, 372, 454a, 912g għandha tinnotifika b'dan l-awtorità doganali li ħarġet iċ-ċertifikat AEO.

Artikolu 14x

1. Sistema elettronika ta' l-informazzjoni u l-komunikazzjoni, iddefinita mill-Kummissjoni u l-awtoritajiet doganali bi qbil ma' xulxin, għandha tintuża għall-proċess ta' informazzjoni u komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet doganali u għall-informazzjoni tal-Kummissjoni u ta' l-operaturi ekonomiċi.

2. Permezz tas-sistema msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni u l-awtoritajiet doganali għandhom jżommu u jkollhom aċċess għall-informazzjoni li ġejja:

(a) data ta' l-applikazzjonijiet trasmessa elettronikament;

(b) iċ-Ċertifikati AEO, u fejn ikun applikabbli, l-emendar, ir-revoka jew is-sospensjoni ta' l-istatus ta' Operatur Ekonomiku Awtorizzat;

(c) kwalunkwe informazzjoni oħra relevanti.

3. L-awtorità doganali li toħroġ iċ-ċertifikat għandha tinnotifika l-uffiċċji għall-analiżi tar-riskju fl-Istat Membru tagħha bl-għoti, l-emendar, revoka ta' Ċertifikat AEO, jew is-sospensjoni ta' l-istatus ta' Operatur Ekonomiku Awtorizzat. Għandha tinforma wkoll l-awtoritajiet kollha li joħorġu ċ-ċertifikati fl-Istati Membri l-oħra.

4. Il-Kummissjoni tista tagħmel pubblika l-lista ta' Operaturi Ekonomiċi Awtorizzati permezz ta' l-Internet bi qbil minn qabel ma' l-Operatur Ekonomiku Awtorizzat ikkonċernat. Il-lista għandha tiġi aġġornata."

4. Fit-Titolu VI tal-Parti I, l-intestatura tal-Kapitoli 1 huwa mibdul b'dan li ġej:

"KAPITOLU 1

Dikjarazzjonijiet fil-qosor tad-dħul"

5. Fil-Kapitolu 1 tat-Titolu VI tal-Parti I tiżdied is-Sezzjoni 1 li ġejja:

"Sezzjoni 1

Skop

Artikolu 181b

Ħlief meta jkun iprevist mod ieħor f'dan ir-Regolament, il-merkanzija kollha li tiddaħħal fit-territorju doganali tal-Komunità għandha tiġi koperta minn dikjarazzjoni fil-qosor skond l-Artikolu 36a tal-Kodiċi, minn hawn 'il quddiem imsemmija 'dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul'.

Artikolu 181c

Dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul m'hijiex meħtieġa għal:

(a) enerġija elettrika;

(b) prodotti li jidħlu permezz tal-katusi;

(c) ittri, kartolini u materjal stampat, inkluż fuq mezzi elettroniċi;

(d) merkanzija ittrasportata skond ir-regoli tal-Konvenzjoni ta' l-Unjoni Postali Universali;

(e) tipi ta' merkanzija koperti minn dikjarazzjonijiet doganali magħmula permezz ta' kwalunkwe att ieħor skond l-Artikoli 230, 232 u 233;

(f) oġġetti li jinsabu fil-bagalji personali tal-vjaġġjaturi;

(g) merkanzija li għaliha hija permessa dikjarazzjoni doganali bil-fomm, skond l-Artikoli 225, 227 u 229(1);

(h) merkanzija koperta mil-Libretti ATA u CPD;

(i) merkanzija trasportata koperta bil-formola 302 prevista fil-Konvenzjoni bejn il-Partjiet għat-Trattat ta' l-Atlantiku tat-Tramuntana fir-rigward ta' l-Istatus tal-Forzi tagħhom, iffirmata f'Londra fid-19 ta' Ġunju 1951;

(j) merkanzija ttrasportata abbord vapuri ta' servizzi regolari tat-trasport bil-baħar, iċċertifikati b'mod xieraq skond l-Artikolu 313b;

(k) merkanzija intitolata għal solliev skond il-Konvenzjoni ta' Vienna dwar relazzjonijiet diplomatiċi tat-18 ta' April 1961, il-Konvenzjoni ta' Vienna ta' relazzjonijiet konsulari ta' l-24 ta' April 1963 jew konvenzjonijiet konsulari oħra, jew il-Konvenzjoni ta' New York tas-16 ta' Diċembru 1969 dwar missjonijiet speċjali.

Madankollu, fil-każijiet koperti mill-punti (e), (f) u (g) ta' l-ewwel subparagrafu, hija meħtieġa dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul meta l-merkanzija titqiegħed f'magazzinaġġ temporanju. Għandu japplika l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 184c.

Artikolu 181d

Jekk ftehim internazzjonali bejn il-Komunità u pajjiż terz jipprovdi għar-rikonoxximent ta' kontrolli tas-sigurtà mwettqa fil-pajjiż ta' l-esportazzjoni, għandhom japplikaw il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dak il-ftehim."

6. L-Artikolu 182 hu mħassar.

7. Fit-Titolu VI tal-Parti I, l-intestatura tal-Kapitolu 2 hija mibdula b'dan li ġej:

"Sezzjoni 2

Id-depożitu ta' dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul"

8. L-Artikolu 183 hu mibdul b'dan li ġej:

"Artikolu 183

1. Id-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul għandha ssir elettronikament. Għandha tkun fiha d-dettalji stipulati fl-Anness 30A għal dikjarazzjoni bħal din u għandha tkun mimlija skond in-noti ta' spjegazzjoni f'dak l-Anness.

Id-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul għandha tkun awtentikata mill-persuna li tagħmilha.

L-Artikolu 199(1) għandu japplika *mutatis mutandis*.

2. L-awtoritajiet doganali għandhom jippermettu d-depożitu ta' dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul fuq il-karta biss f'wieħed minn dawn iċ-ċirkostanzi:

(a) is-sistema kompjuterizzata ta' l-awtoritajiet doganali ma tkunx qed taħdem;

(b) l-applikazzjoni elettronika tal-persuna li qed tiddepożita d-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul ma tkunx qed taħdem.

Kull fejn meħtieġ, ma' dikjarazzjonijiet fil-qosor tad-dħul fuq il-karta bħal dawn għandu jkun hemm listi ta' tagħbija jew listi xierqa oħra, u għandu jkun fihom id-dettalji stabbiliti għal dikjarazzjonijiet fil-qosor tad-dħul fl-Anness 30A.

3. L-awtoritajiet doganali għandhom jistabbilixxu, bi qbil ma' xulxin, il-proċedura li għandhom isegwu fil-każijiet imsemmija fil-punt (a) ta' l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2.

4. L-użu ta' dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul fuq il-karta imsemmija fil-punt (b) ta' l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2 għandha tkun soġġetta għall-approvazzjoni ta' l-awtoritajiet doganali.

Id-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul fuq il-karta għandha tkun iffirmata mill-persuna li tagħmilha.

5. Id-dikjarazzjonijiet fil-qosor tad-dħul għandhom ikunu rreġistrati minnufih mill-awtoritajiet doganali malli jirċevuhom."

9. L-Artikoli 183a sa 183d li ġejjin jiġu miżjuda:

"Artikolu 183a

1. Id-data pprovduta fi proċedura tat-transitu tista' tintuża bħala dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul jekk ikunu sodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-merkanzija tiddaħħal fit-territorju doganali tal-Komunità taħt proċedura ta' transitu;

(b) id-data ta' transitu tiġi skambjata permezz tat-teknoloġija ta' l-informatika u n-netwerks tal-kompjuter;

(c) id-data tinkludi d-dettalji kollha meħtieġa għal dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul.

2. Sakemm id-data tat-transitu li jkun fiha d-dettalji meħtieġa tiġi skambjata fil-limitu ta' żmien rilevanti stabbilit fl-Artikolu 184a, ir-rekwiżiti ta' l-Artikolu 183 għandhom jitqiesu li ġew sodisfatti, anki fejn il-merkanzija tkun rilaxxata għal transitu barra t-territorju doganali tal-Komunità.

Artikolu 183b

Fil-każ ta' trasportazzjoni kkombinata, fejn il-mezz attiv tat-trasport li qed jidħol fit-territorju doganali tal-Komunità qiegħed sempliċement jittrasporta mezz attiv ta' trasport ieħor, l-obbligu li tiġi ddepożitata dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul jaqa' fuq l-operatur ta' dak il-mezz l-ieħor tat-trasport.

Il-limitu ta' żmien għad-depożitu tad-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul għandu jikkorrispondi għal-limitu ta' żmien applikabbli għall-mezz attiv tat-trasport li jaqsam il-fruntiera, kif speċifikat fl-Artikolu 184a.

Artikolu 183c

Fil-każ ta' traffiku bil-baħar jew bl-ajru fejn hemm arranġament għal sehem fl-użu jew kuntrattar tal-vapur, id-dmir li tiġi ddepożitata d-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul taqa' fuq il-persuna li daħlet fil-kuntratt, u ħarġet polza tat-tagħbija jew tagħbija bl-ajru, għall-ġarr tal-merkanzija attwali fuq il-vapur jew l-ajruplan soġġett għall-arranġament.

Artikolu 183d

1. Fil-każijiet imsemmija fl-Artikoli 183b u 183c, l-operatur tal-mezz ta' trasport attiv li dieħel fit-territorju doganali Komunitarju għandu jiddepożita notifika ta' qabel il-wasla fl-uffiċċju doganali tad-dħul fejn jelenka l-kunsinni kollha mwettqa minn dak il-mezz tat-trasport.

In-notifika ta' qabel il-wasla għandha turi l-identità tal-mezz tat-trasport attiv dieħel fit-territorju doganali tal-Komunità. Għal kull kunsinna, għandu jkun fiha l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-identità tal-persuna responsabbli għall-ġarr tal-merkanzija fid-dħul fit-territorju doganali;

(b) l-identità tal-persuna li tiddepożita d-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul;

(c) il-post tat-tagħbija;

(d) il-post tal-ħatt;

(e) in-numru tar-referenza tal-kunsinna uniku, in-numru tad-dokument tat-trasport jew ir-referenza tal-polza tat-tagħbija/tat-tagħbija bl-ajru;

(f) fejn xieraq, l-identità tal-mezzi tat-trasport jew, jekk f'kontejner, in-numru ta' identifikazzjoni tat-tagħmir.

In-notifika ta' qabel il-wasla għandha tiġi ddepożitata fl-istess format u bl-istess mezz bħad-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul, jew fil-forma ta' manifest jew lista tat-tagħbija kummerċjali, tal-port jew tat-trasport, sakemm ikun fiha d-dettalji meħtieġa u tkun iddepożitata f'mod aċċettabbli għall-awtoritajiet doganali ta' l-uffiċċju doganali tad-dħul.

2. Fil-każi l-oħra barra dawk imsemmija fl-Artikoli 183b u 183c, fejn id-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul għall-merkanzija mġorra b'mezz ta' trasport dieħel fit-territorju doganali tal-Komunità għandha tiġi ddepożitata minn xi persuna li mhux l-operatur ta' dak il-mezz tat-trasport, l-operatur jista' jiddepożita notifika ta' qabel il-wasla għand l-awtoritajiet doganali fl-uffiċċju doganali tad-dħul.

In-notifika ta' qabel il-wasla għandha turi l-identità tal-mezz tat-trasport li qed jaqsam bejn il-fruntieri. Għal kull kunsinna, għandu jkun fiha l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-identità tal-persuna li tiddepożita d-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul;

(b) il-post tat-tagħbija;

(c) il-post tal-ħatt;

(d) in-numru tar-referenza tal-kunsinna uniku, in-numru tad-dokument tat-trasport jew ir-referenza tal-polza tat-tagħbija/tat-tagħbija bl-ajru;

(e) jekk f'kontejner, in-numru ta' l-identifikazzjoni tat-tagħmir.

3. In-notifika msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandha tiġi depożitata fil-limitu ta' żmien applikabbli fir-rigward tal-mezz ta' trasport kif stipulat fl-Artikolu 184a.

Madankollu, fil-każ tat-traffiku msemmi fil-punt (a) ta' l-Artikolu 184a (1), in-notifika għandha tiġi depożitata ta' lanqas 24 siegħa qabel ma l-merkanzija tiddaħħal fit-territorju doganali tal-Komunità.

4. L-Artikolu 183 għandu japplika, mutatis mutandis, għan-notifiki ta' qabel i-wasla."

10. Fl-Artikolu 184 (1), "l-Artikolu 183 (1)" huwa mibdul bl-"Artikolu 183 (1) u (2)".

11. Fil-Kapitolu 1 tat-Titolu VI tal-Parti I, jiddaħħlu s-Sezzjonijiet 3 u 4 li ġejjin:

"Sezzjoni 3

Limiti ta' żmien

Artikolu 184a

1. Fil-każ ta' traffiku marittimu, id-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul għandha tiġi ddepożitata fl-uffiċċju doganali tad-dħul sad-dati ta' skadenza li ġejjin:

(a) għal merkanzija fil-kontejners, ħlief fejn japplikaw il-punti (c) jew (d); għallinqas 24 siegħa qabel it-tagħbija fil-port tat-tluq;

(b) għal merkanzija fi kwantità/kwantità ippakkjata individwalment (break bulk); għallinqas erba' siegħat qabel il-wasla fl-ewwel port fit-territorju doganali tal-Komunità;

(c) għal trasportazzjoni bejn Greenland, il-Gżejjer Faroe, Ceuta, Melilla, i-Norveġja, l-Iżlanda jew portijiet fuq il-baħar Baltiku, il-Baħar ta-Tramuntana, il-Baħar l-Iswed jew il-Mediterran, il-portijiet kollha ta-Marokk u t-territorju doganali tal-Komunità bl-eċċezzjoni ta-dipartimenti Franċiżi barra mill-Ewropa, l-Azores, il-Madeira u l-Gżejjer Canary; għallinqas sagħtejn qabel il-wasla fl-ewwel port fit-territorju doganali tal-Komunità;

(d) għal moviment, ħlief fejn japplika l-punt (c), bejn territorju barra mit-territorju doganali tal-Komunità u d-dipartimenti Franċiżi extra-Ewropej, l-Azores, il-Madeira u l-Gżejjer Canary, meta l-vjaġġ idum inqas minn 24 siegħa; għallinqas sagħtejn qabel il-wasla fl-ewwel port fit-territorju doganali tal-Komunità;

2. Fil-każ tat-traffiku ta' l-ajru, id-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul għandha tiġi ddepożitata fl-uffiċċju doganali tad-dħul sad-dati ta' skadenza i li ġejjin:

(a) għal titjiriet qosra, għallinqas sal-ħin ta' meta l-ajruplan attwalment jinqata' mill-art;

(b) għal titjiriet twal, għallinqas erba' siegħat qabel il-wasla fl-ewwel ajruport fit-territorju doganali tal-Komunità;

Għall-iskopijiet ta' dan l-Artikolu, 'titjira qasira' tfisser titjira li ddum inqas minn 4 sigħat mill-aħħar ajruport tat-tluq f'pajjiż terz sal-wasla fl-ewwel ajruport tal-Komunità. It-titjiriet l-oħra kollha jitqiesu bħala titjiriet twal.

3. Fil-każ ta' traffiku bil-ferrovija jew bl-ilmijiet interni, id-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul għandha tiġi ddepożitata fl-uffiċċju doganali tat-dħul għallinqas sagħtejn qabel il-wasla fl-uffiċċju doganali tad-dħul fit-territorju doganali tal-Komunità.

4. Fil-każ tat-traffiku bit-triq, id-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul għandha tiġi ddepożitata fl-uffiċċju doganali tat-dħul għallinqas siegħa qabel il-wasla fl-uffiċċju doganali tad-dħul fit-territorju doganali tal-Komunità.

5. Meta d-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul ma tiġix iddepożitata permezz ta' metodu ta' l-ipproċessar tad-data, il-limitu ta' żmien stabbilit fil-punti (c) u (d) tal-paragrafu 1, il-punt (a) tal-paragrafu 2 u fil-paragrafi 3 u 4 għandu jkun għallinqas ta' erba' siegħat.

6. Jekk is-sistema kompjuterizzata ta' l-awtoritajiet doganali ma tkunx qed taħdem temporanjament, l-iskadenzi iprevisti fil-paragrafi 1 sa 4 għandhom japplikaw xorta waħda.

Artikolu 184b

L-iskadenzi imsemmija fl-Artikolu 184a (1) sa (4) ma għandhomx japplikaw fil-każijiet li ġejjin:

(a) meta ftehimiet internazzjonali bejn il-Komunità u pajjiżi terzi jipprovdu għar-rikonoxximent ta' kontrolli ta' sigurtà kif imsemmija fl-Artikolu 181d;

(b) meta ftehimiet internazzjonali bejn il-Komunità u pajjiżi terzi jirrikjedu l-iskambju ta' data tad-dikjarazzjoni saddati ta' skadenza li huma differenti minn dawk imsemmija fl-Artikolu 184a (1) sa (4);

(c) każijiet ta' *force majeure*.

Artikolu 184c

Meta jinstab li l-merkanzija ppreżentata lid-dwana li tirrikjedi d-depożitu ta' dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul ma tkunx koperta minn dikjarazzjoni bħal din, il-persuna li ġabet il-merkanzija, jew ħadet responsabbiltà għall-ġarr tal-merkanzija, fit-territorju doganali tal-Komunità, għandha tiddepożita dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul immedjatament.

Jekk operatur ekonomiku jiddepożita dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul wara l-iskadenzi iprevist fl-Artikolu 184a, dan ma għandux jipprekludi l-applikazzjoni tal-pieni stipulati filleġiżlazzjoni nazzjonali.

Sezzjoni 4

L-analiżi tar-riskju

Artikolu 184d

1. L-uffiċċju doganali tad-dħul, malli jirċievi l-informazzjoni li tinsab fid-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul, għandu jwettaq analiżi tar-riskju xierqa, primarjament għal skopijiet ta' sigurtà u sikurezza, qabel mal-merkanzija tasal fit-territorju doganali tal-Komunità. Meta d-dikjarzzjoni fil-qosor tad-dħul tkun ġiet iddepożitata f'uffiċċju doganali li mhuwiex l-uffiċċju doganali tad-dħul, u d-dettalji ngħataw skond l-Artikolu 36 a(2) u t-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 36c(1) tal-Kodiċi, l-awtoritajiet doganali fl-uffiċċju doganali tad-dħul għandhom jew jaċċettaw ir-riżultati ta' kwalunkwe analiżi tar-riskju mwettqa mill-uffiċċju doganali l-ieħor, jew iqisu r-riżultati huma u jwettqu l-analiżi tagħhom tar-riskju.

2. L-awtoritajiet doganali għandhom ilestu l-analiżi tar-riskju qabel il-wasla tal-merkanzija, sakemm l-iskadenza rilevanti stabbilita fl-Artikolu 184a ikun rispettat.

Madankollu, għal merkanzija li tinġarr mit-tip ta' traffiku msemmi fil-punt (a) ta' l-Artikolu 184a (1), l-awtoritajiet doganali għandhom ilestu l-analiżi tar-riskju fi żmien 24 siegħa mill-wasla tad-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul. Meta dik l-analiżi tipprovdi spjegazzjonijiet raġonevoli għall-awtoritajiet doganali biex iqisu li d-dħul tal-merkanzija fit-territorju doganali tal-Komunità tkun daqshekk ta' theddida serja għas-sigurtà u s-sikurezza tal-Komunità li jkun jeħtieġ intervent immedjat, l-awtoritajiet doganali għandhom jinnotifikaw lill-persuna li ddepożitat id-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul u, jekk tkun differenti, lill-persuna responsabbli għall-ġarr tal-merkanzija fit-territorju doganali tal-Komunità, li l-merkanzija ma għandhiex titgħabba. In-notifika għandha ssir fi żmien 24 siegħa mill-wasla tad-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul.

3. Meta merkanzija mhux koperta minn dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul skond l-Artikolu 181c(a) sa (i), tiddaħħal fit-territorju doganali tal-Komunità, l-analiżi tar-riskju għandha ssir mal-preżentazzjoni tal-merkanzija, abbażi tad-dikjarazzjoni doganali li tkopri l-merkanzija.

4. Merkanzija ppreżentata lid-dwana tista' tiġi rilaxxata għal trattament jew użu approvat mid-dwana hekk kif titlesta l-analiżi tar-riskju u r-riżultati jkunu jippermettu dan ir-rilaxx.

Artikolu 184e

Meta vapur jew inġenju ta' l-arju għandu jieqaf f'aktar minn port jew ajruport wieħed fit-territorju doganali tal-Komunità, sakemm jiċċaqlaq bejn dawn il-portijiet mingħajr ma jieqaf fi kwalunkwe port jew ajruport barra mit-territorju doganali tal-Komunità, għandha tkun iddepożitata dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul fl-ewwel port jew ajruport Komunitarju għall-merkanzija kollha trasportata. L-awtoritajiet doganali ta' dan l-ewwel port jew arjuport tad-dħul għandhom iwettqu l-analiżi tar-riskju għall-iskopijiet ta' sigurtà u sikurezza għall-merkanzija kollha ttrasportata. Jistgħu jsiru analiżi tar-riskju addizzjonali għal dik il-merkanzija fil-port jew l-arjuport fejn ikunu rilaxxati.

Meta jiġi identifikat riskju, l-uffiċċju doganali ta' l-ewwel port jew ajruport tad-dħul, skond il-livell tat-theddida, għandu jew jieħu azzjoni projbittiva fil-każ ta' kunsinni identifikati bħala theddida ta' natura serja tant li jkun jeħtieġ intervent immedjat, jew jgħaddi r-riżultati ta' l-analiżi tar-riskju lill-portijiet jew lill-ajruporti sussegwenti.

F'portijiet jew ajruporti sussegwenti fit-territorju doganali tal-Komunità, dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul għandha tkun meħtieġa biss għal merkanzija li se tinħatt f'dak il-port jew l-ajruport. Il-limitu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 184a(1) u (2) m'għandux japplika.

Artikolu 184f

Meta l-merkanzija titgħabba f'port fit-territorju doganali tal-Komunità biex tinħatt f'port Komunitarju ieħor u tiġi ttrasporta fuq bastiment li jivvjaġġa bejn dawn il-portijiet mingħajr ma jieqaf fi kwalunkwe port barra mit-territorju doganali tal-Komunità, għal dik il-merkanzija għandha tkun meħtieġa dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul biss fil-port Komunitarju fejn għandha tinħatt. Il-limitu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 184a(1) m'għandux japplika."

12. Fit-Titolu VI tal-Parti I, l-intestatura tal-Kapitolu 3 hija mibdula b'dan li ġej:

"KAPITOLU 2

Magazinaġġ temporanju"

13. L-Artikolu 186 hu mibdul b'dan li ġej:

"Artikolu 186

1. Meta merkanzija tiġi ppreżentata lid-dwana skond l-Artikolu 40 tal-Kodiċi, din titqies li tkun tqiegħdet f'magazinaġġ temporanju u d-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul għandha tinżamm mill-awtoritajiet doganali biex ikun ikkontrollat li l-merkanzija marbuta magħha tingħata trattament jew użu approvat mid-dwana. Għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 49 tal-Kodiċi, għandu jitqies li d-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul ġiet iddepożitata fid-data tal-preżentazzjoni tal-merkanzija.

2. Meta dikjarazzjoni doganali tkun ġiet iddepożitata fl-uffiċċju doganali tad-dħul bħala dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul, skond l-Artikolu 36c tal-Kodiċi, l-awtoritajiet doganali għandhom jaċċettaw id-dikjarazzjoni minnufih malpreżentazzjoni tal-merkanzija u l-merkanzija għandha titqiegħed direttament taħt il-proċedura ddikjarata skond il-kundizzjonijiet stipulati għal dik il-proċedura.

3. Għall-iskopijiet tal-paragrafi 1 u 2, meta merkanzija mhux Komunitarja li tkun ġiet ittrasportata mill-uffiċċju doganali tal-hruġ taħt proċedura ta' transitu tiġi ppreżentata lid-dwana f'uffiċċju tad-destinazzjoni fit-territorju doganali tal-Komunità, id-dikjarazzjoni tat-transitu maħsuba għall-awtoritajiet doganali fl-uffiċċju tad-destinazzjoni hija meqjusa bħala d-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul għall-iskopijiet ta' magazinaġġ temporanju."

14. Fl-Artikolu 187, "Artikolu 44 (2)" huwa mibdul b' "Artikolu 36b(3)".

15. L-Artikolu 187a li ġej huwa miżjud:

"Artikolu 187a

1. L-awtoritajiet doganali jistgħu jagħtu permess biex tiġi eżaminata l-merkanzija skond l-Artikolu 42 tal-Kodiċi lill-persuna li, skond ir-regoli doganali, tista' tassenja lill-merkanzija trattament jew użu approvat mid-dwana, fuq talba tagħha bil-fomm. Iżda wara li jikkunsidraw iċ-ċirkostanzi, l-awtoritajiet doganali jistgħu iqisu li tinħtieġ talba bil-miktub.

2. L-awtoritajiet doganali jistgħu jawtorizzaw it-teħid ta' kampjuni fuq talba bil-miktub tal-persuna msemmija fil-paragrafu 1 biss.

3. It-talba bil-miktub tista' ssir biss fuq il-karta jew elettronikament. Għandha tkun iffirmata jew awtentikata mill-persuna kkonċernata u ddepożitata ma' l-awtoritajiet doganali kompetenti. Għandha tinkludi d-dettalji li ġejjin:

(a) l-isem u l-indirizz ta' l-applikant;

(b) il-post fejn tinsab il-merkanzija;

(c) referenza għal waħda minn dawn li ġejjin:

(i) id-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul;

(ii) il-proċedura doganali preċedenti;

(iii) il-mezz tat-trasport;

(d) kull dettall ieħor meħtieġ għall-identifikazzjoni tal-merkanzija.

4. L-awtoritajiet doganali għandhom jikkomunikaw id-deċiżjoni tagħhom lill-persuna kkonċernata. Meta t-talba tkun biex jittieħdu kampjuni, id-deċiżjoni għandha tispeċifika l-kwantità ta' merkanzija li għandha tittieħed.

5. Il-merkanzija għandha tiġi eżaminata u l-kampjuni għandhom jittieħdu taħt is-sorveljanza ta' l-awtoritajiet doganali, li għandhom jispeċifikaw il-proċeduri li għandhom jiġu segwiti.

Il-persuna kkonċernata għandha ġġorr ir-riskji u l-ispejjeż marbuta ma' l-eżaminazzjoni, it-teħid tal-kampjuni u l-analiżi tal-merkanzija.

6. Il-kampjuni meħudha għandhom ikunu soġġett għall-formalitajiet bl-iskop li jingħataw trattament jew użu approvat mid-dwana. Meta, b'riżultat ta' l-eżami tal-kampjuni, dawn jinqerdu jew jintilfu għal kollox, jitqies li ma ġġarrab ebda dejn doganali.

Kull skart jew prodott mormi li jirriżulta mill-eżaminazzjoni għandu jiġi assenjat trattament jew użu approvat mid-dwana preskritt għal merkanziji mhux tal-Komunità."

16. Fit-Titolu VI tal-Parti I, l-intestatura tal-*KAPITOLU 4* hija mibdula b'dan li ġej:

"KAPITOLU 3

Dispożizzjonijiet speċjali applikabbli għal merkanzija kkunsinnata bil-baħar jew bl-ajru"

17. L-Artikolu 201 hu mibdul b'dan li ġej:

"Artikolu 201

1. Id-dikjarazzjoni doganali għandha tiġi ddepożitata f'wieħed mill-uffiċċji doganali li ġejjin;

(a) fl-uffiċċju doganali responsabbli għall-post fejn il-merkanzija kienet, jew għandha tkun, ippreżentata lid-dwana skond ir-regoli doganali;

(b) l-uffiċċju doganali responsabbli għas-superviżjoni tal-post fejn l-esportatur huwa stabbilit u fejn il-merkanzija hija mballata jew mgħobbija għall-esportazzjoni bil-baħar, ħlief f'każijiet li għalihom hemm provediment fl-Artikoli 789, 790, 791 u 794.

Id-dikjarazzjoni doganali tista' tiġi ddepożitata hekk kif il-merkanzija tiġi ppreżentata jew issir disponibbli għall-awtoritajiet doganali għall-kontroll.

2. L-awtoritajiet doganali jistgħu jawtorizzaw id-dikjarazzjoni doganali li tiġi depożitata qabel ma d-dikjarant ikun f'pożizzjoni li jippreżenta l-merkanzija jew li jagħmilha disponibbli għall-kontroll, fl-uffiċċju doganali fejn hija ddepożitata d-dikjarazzjoni doganali jew f'uffiċċju doganali ieħor jew f'post ieħor indikat mill-awtoritajiet doganali.

L-awtoritajiet doganali jistgħu jiffissaw limitu ta' żmien, li għandu jkun iddeterminat skond iċ-ċirkostanzi, li matulu l-merkanzija għandha tkun preżentabbli jew disponibbli. Jekk il-merkanzija ma tkunx ippreżentata jew tqiegħdet għad-dispożizzjoni f'dan il-limitu ta' żmien, għandu jitqies li d-dikjarazzjoni ma ġietx iddepożitata.

Id-dikjarazzjoni doganali tista' tiġi aċċettata biss wara li l-merkanzija kkonċernata tkun ġiet ippreżentata lill-awtoritajiet doganali jew tkun disponibbli għall-kontroll, għas-sodisfazzjoni ta' l-awtoritajiet doganali."

18. Fl-Artikolu 212(1), żdied is-subparagrafu li ġej:

"Meta dikjarazzjoni doganali tintuża bħala dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul, skond l-Artikolu 36c(1) tal-Kodiċi, dik id-dikjarazzjoni, flimkien mad-dettalji rekwiżiti għall-proċedura speċifika stipulata fl-Anness 37, għandha tinkludi d-dettalji għal dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul stipulati fl-Anness 30A."

19. Fl-Artikolu 216, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"Meta dikjarazzjoni doganali tkun meħtieġa biex il-merkanzija tinħareġ mit-territorju doganali tal-Komunità, skond l-Artikolu 182b tal-Kodiċi, dik id-dikjarazzjoni, flimkien mad-dettalji meħtieġa għall-proċedura speċifika stipulata fl-Anness 37, għandha tinkludi d-dettalji għal dikjarazzjoni fil-qosor tal-ħruġ stipulat fl-Anness 30A."

20. Fl-Artikolu 251 (2), il-punt (b) huwa mibdul b'dan li ġej:

"(b) fil-każ ta' merkanzija oħra:

(i) l-uffiċċju doganali ta' l-esportazzjoni kien infurmat skond l-Artikolu 792a li l-merkanzija ddikjarata ma tkunx ħalliet it-territorju doganali tal-Komunità;

(ii) wara perjodu ta' 90 jum mid-data tar-rilaxx tal-merkanzija għall-esportazzjoni, il-merkanzija ma tkunx inħarġet mit-territorju doganali tal-Komunità, jew ma jistgħux jiġu provduti biżżejjed provi li seħħet esportazzjoni bħal din, skond l-Artikolu 792b(2)."

21. L-Artikolu 254 hu mibdul b'dan li ġej:

"Artikolu 254

Fuq talba tad-dikjarant, l-awtoritajiet doganali jistgħu jaċċettaw dikjarazzjonijiet għar-rilaxx għal moviment ħieles, li ma jkollhomx id-dettalji kollha stipulati fl-Anness 37.

Madankollu, dawk id-dikjarazzjonijiet għandu jkun fihom ta' l-anqas id-dettalji stipulati fl-Anness 30A għal dikjarazzjoni mhux kompluta."

22. Fl-Artikolu 260, il-paragrafu 2 hu mibdul b'dan li ġej:

"2. Dikjarazzjoni ssimplifikata bħal din għandu jkun fiha ta' lanqas id-dettalji stipulati fl-Anness 30A għal dikjarazzjoni ssimplifikata għall-importazzjoni."

23. Fl-Artikolu 261, għandu jiġi miżjud il-paragrafu 4 li ġej:

"4. Meta l-persuna kkonċernata jkollha Ċertifikat AEO imsemmi fil-punt (a) jew (c) ta' l-Artikolu 14a(1), l-awtoritajiet doganali fl-Istati Membri kollha għandhom jeżaminaw biss jekk l-Operatur Ekonomiku Awtorizzat iddikjarax merkanzija għar-rilaxx għal moviment ħieles, okkażjonalment biss. Ir-rekwiżiti l-oħra kollha previsti fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jitqiesu li ġew sodisfatti."

24. Fl-Artikolu 262, il-paragrafu 1 hu mibdul b'dan li ġej:

"1. L-awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 260 għandha tinkludi d-dettalji li ġejjin:

(a) l-uffiċċju(i) doganali kompetenti biex jaċċetta(w) dikjarazzjonijiet ssimplifikati;

(b) il-merkanzija li tapplika għaliha; kif ukoll;

(c) referenza għall-garanzija li għandha tkun iprevista mill-persuna kkonċernata biex ikun kopert kwalunkwe dejn doganali li jista' jinqala'.

Għandha tispeċifika wkoll il-forma u l-kontenut tad-dikjarazzjonijiet supplementari, u għandha tiffissa l-limiti ta' żmien li fihom iridu jiġi ddepożitati lill-awtorità doganali indikata għal dan l-iskop."

25. Fl-Artikolu 264, għandu jiġi miżjud il-paragrafu 3 li ġej:

"3. Meta l-persuna kkonċernata jkollha ċ-Ċertifikat AEO imsemmi fil-punt (a) jew (c) ta' l-Artikolu 14a(1), l-awtoritajiet doganali fl-Istati Membri kollha għandhom jeżaminaw biss jekk l-Operatur Ekonomiku Awtorizzat iddikjarax merkanzija għar- rilaxx għal moviment ħieles, okkażjonalment biss. Ir-rekwiżiti l-oħra kollha msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jitqiesu li ġew sodisfatti."

26. Fl-Artikolu 266, il-paragrafu 3 hu mibdul b'dan li ġej:

"3. L-entrata fir-rekords msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 1 tista' tiġi mibdula minn kwalunkwe formalità oħra li toffri garanziji simili meħtieġa mill-awtoritajiet doganali. Din l-enrata għandha tindika d-data li fiha tkun saret u għandha tinkludi mill-inqas id-dettalji għal dikjarazzjoni skond il-proċedura għar-rilaxx lokali stipulata fl-Anness 30A."

27. Fl-Artikolu 268, il-paragrafu 1 hu mibdul b'dan li ġej:

"1. Fuq talba tad-dikjarant, l-awtoritajiet doganali tad-dħul jistgħu jaċċettaw dikjarazzjonijiet għall-proċedura tal-ħażna doganali, li ma jkollhomx id-dettalji kollha stipulati fl-Anness 37.

Madankollu, dawk id-dikjarazzjonijiet għandu jkun fihom mill-inqas id-dettalji għal dikjarazzjoni mhux kompluta stipulata fl-Anness 30A."

28. Fl-Artikolu 270, għandu jiġi miżjud il-paragrafu 5 li ġej:

"5. Meta l-persuna kkonċernata jkollha Ċertifikat AEO imsemmi fil-punt (a) jew (c) ta' l-Artikolu 14a(1), l-awtoritajiet doganali fl-Istati Membri kollha għandhom jeżaminaw biss jekk l-Operatur Ekonomiku Awtorizzat idaħħalx merkanzija għall-proċedura, okkażjonalment biss. Ir-rekwiżiti l-oħra kollha stabbiliti fil-paragrafi 1, 2 u 3 għandhom jitqiesu li ġew sodisfatti."

29. L-Artikolu 271 hu mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 271*

L-awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 269 (1) għandha tistabbilixxi regoli speċifiċi għall-operazzjoni tal-proċedura, inkluż(i) l-uffiċċju(i) doganali tad-dħul għall-proċedura.

M'huwiex meħtieġ li tkun pprovduta dikjarazzjoni supplementari."

30. Fl-Artikolu 275, il-paragrafu 1 hu mibdul b'dan li ġej:

"1. Fuq talba tad-dikjarant, l-awtoritajiet doganali tad-dħul jistgħu jaċċettaw dikjarazzjonijiet, għal tqegħid tal-merkanzija taħt proċedura doganali b'impatt ekonomiku eskluż l-ipproċessar 'l barra, jew ta' ħażna doganali, li ma jkollhomx id-dettalji kollha stabbilti fl-Anness 37 jew li ma jkollhomx mehmuż magħhom ċerti dokumenti msemmija fl-Artikolu 220.

Madankollu, dawk id-dikjarazzjonijiet għandu jkun fihom mill-inqas id-dettalji għal dikjarazzjoni mhux kompluta stipulata fl-Anness 30A."

31. L-Artikolu 279 hu mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 279*

1. Il-formalitajiet li għandhom jitwettqu fl-uffiċċju doganali ta' l-esportazzjoni kif iprevist fl-Artikolu 792 jistgħu jkunu ssimplifikati skond dan il-Kapitolu.

2. L-Artikoli 792 (4), 792a, 792b, 793 sa 793c u, fejn ikun xieraq, l-Artikoli 796a sa 796e, għandhom japplikaw għal dan il-Kapitolu"

32. L-Artikoli 280 u 281 huma mibdula b'dan li ġej:

"*Artikolu 280*

1. Fuq talba tad-dikjarant, l-awtoritajiet doganali tal-ħruġ jistgħu jaċċettaw dikjarazzjonijiet għall-esportazzjoni li ma jkollhomx id-dettalji kollha stipulati fl-Anness 37.

Madankollu, dawk id-dikjarazzjonijiet għandu jkun fihom ta' l-anqas id-dettalji stipulati fl-Anness 30A għal dikjarazzjoni mhux kompluta.

Meta l-merkanzija tkun soġġetta għal dazji ta' l-esportazzjoni jew soġġetta għal xi miżura oħra prevista taħt il-politika agrikola komuni, id-dikjarazzjonijiet ta' esportazzjoni għandu jkun fihom l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-applikazzjoni xierqa ta' dawk id-dazji jew miżuri.

2. L-Artikoli 255 sa 259 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal dikjarazzjonijiet ta' l-esportazzjoni.

Artikolu 281

1. Fejn japplika l-Artikolu 789, id-dikjarazzjoni supplementari tista' tiġi ddepożitata fl-uffiċċju doganali responsabbli għall-post fejn huwa stabbilit l-esportatur.

2. Meta s-sottokuntrattur ikun stabbilit fi Stat Membru li mhux dak fejn huwa stabbilit l-esportatur, il-paragrafu 1 għandu japplika biss meta d-data rekwiżita tiġi skambjata elettronikament skond l-Artikolu 4d.

3. Id-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni mhux kompluta għandha tispeċifika l-uffiċċju doganali fejn għandha tiġi ddepożitata d-dikjarazzjoni supplimentari. L-uffiċċju doganali li jirċievi d-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni mhux kompluta għandu jikkomunika d-dettalji tad-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni mhux kompluta lill-uffiċċju doganali fejn għandha tiġi ddepożitata d-dikjarazzjoni supplimentari kif provdut fil-paragrafu 1.

4. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 2, l-uffiċċju doganali li rċieva d-dikjarazzjoni supplimentari għandhu jikkomunika minnufih id-dettalji tad-dikjarazzjoni supplimentari lill-uffiċċju doganali fejn ġiet iddepożitata d-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni mhux kompluta."

33. Fl-Artikolu 282, il-paragrafu 2 hu mibdul b'dan li ġej:

"2. Id-dikjarazzjoni ssimplifikata għandu jkun fiha ta' lanqas id-dettalji għal dikjarazzjoni ssimplifikata stipulata fl-Anness 30A.

L-Artikoli 255 sa 259 għandhom japplikaw *mutatis mutandis*."

34. L-Artikolu 285 hu mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 285*

1. Qabel it-tneħħija tal-merkanzija mill-postijiet imsemmija fl-Artikolu 283, l-esportatur approvat għandu jissodisfa l-obbligi li ġejjin:

(a) jgħarraf b'mod xieraq lill-uffiċċju doganali ta' l-esportazzjoni b'din it-tneħħija billi jiddepożita dikjarazzjoni ssimplifikata ta' l-esportazzjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 282;

(b) jagħmel disponibbli lill-awtoritajiet doganali kwalunkwe dokument meħtieġ għall-esportazzjoni tal-merkanzija.

2. L-esportatur approvat jista' jiddepożita dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni kompluta minflok id-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni ssimplifikata. F'każ bħal dan, ir-rekwiżit għal dikjarazzjoni supplementari, stipulat fl-Artikolu 76(2) tal-Kodiċi, għandu jkun irrinunzjat."

35. Jiddaħħal l-Artikolu 285a li ġej:

"*Artikolu 285a*

1. L-awtoritajiet doganali jistgħu jeżentaw esportatur approvat mir-rekwiżit li jippreżenta dikjarazzjoni ssimplifikata fl-uffiċċju doganali ta' l-esportazzjoni għal kull tneħħija tal-merkanzija. Din l-eżenzjoni għandha tingħata biss jekk l-esportatur approvat jissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-esportatur approvat jinforma l-uffiċċju doganali ta' l-esportazzjoni b'kull tneħħija, fil-mod u l-għamla speċifikati minn dak l-uffiċċju;

(b) l-esportatur approvat jipprovdi, jew jagħmel disponibbli, lill-awtoritajiet doganali l-informazzjoni kollha li jqisu meħtieġa għal analiżi tar-riskju effettiva qabel it-tneħħija tal-merkanzija mill-postijiet imsemmija fl-Artikolu 283;

(c) l-esportatur approvat idaħħal din il-merkanzija fir-rekords tiegħu.

L-entrata msemmija fil-punt (c) ta' l-ewwel subparagrafu jista' jinbidel bi kwalunkwe formalità oħra meħtieġa mill-awtoritajiet doganali, li toffri garanziji simili. Din l-entrata għandha tindika d-data li fiha tkun saret u d-dettalji meħtieġa biex tiġi identifikata l-merkanzija.

2. F'ċerti ċirkostanzi partikolari ġustifikati minħabba t-tip ta' merkanzija in kwistjoni u r-ritmu mgħaġġel ta' l-operazzjonijiet ta' esportazzjoni, l-awtoritajiet doganali jistgħu, sat-30 ta' Ġunju 2009, jeżentaw l-esportatur approvat mir-rekwiżiti stipulati fil-punti (a) u (b) ta' l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, sakemm jipprovdi lill-uffiċċju doganali ta' l-esportazzjoni bl-informazzjoni kollha li dan ta' l-aħħar jikkunsidra meħtieġa biex ikun possibli li jeżerċita d-dritt tiegħu biex jeżamina l-merkanzija, f'każ li jkun hemm bżonn, qabel l-ħruġ tal-merkanzija.

F'dan il-każ, l-entrata tal-merkanżija fir-rekords ta' l-esportatur approvat għandha tkun ekwivalenti għal rilaxx."

36. Jiddaħħal l-Artikolu 285b li ġej:

"*Artikolu 285b*

1. L-informazzjoni imsemmija fil-punt (a) ta' l-ewwel subparagafu ta' l-Artikolu 285a(1) għandu jingħata lill-uffiċċju doganali ta' l-esportazzjoni sad-dati ta skadenza previsti fl-Artikoli 592b u 592c.

2. L-entrata fir-rekordsrekords msemmija fil-punt (c) ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 285a(1) għandu jinkludi d-dettalji għall-proċedura ta' rilaxx lokali stipulata fl-Anness 30A.

3. L-awtoritajiet doganali għandhom jiżguraw li r-rekwiżiti ta' l-Artikoli 796a sa 796e jiġu sodisfatti."

37. Fl-Artikolu 286, il-paragrafi 3 u 4 hu mibdul b'dan li ġej:

"3. Qabel il-ħruġ tal-merkanzija, l-esportatur approvat għandu jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) iwettaq il-proċeduri msemmija fl-Artikolu 285 jew 285a;

(b) fuq kull dokument mehmuż jew kwalunkwe mezz minfloku, jindika d-dettalji li ġejjin:

(i) ir-referenza għall-entrata fir-rekords tiegħu;

(ii) id-data li fiha saret l-entrata msemmija fil-punt (i);

(iii) in-numru ta' l-awtorizzazzjoni;

(iv) l-isem ta' l-uffiċċju doganali li qed joħorġu."

38. Fl-Artikolu 287, il-paragrafu 1 hu mibdul b'dan li ġej:

"1. L-awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 283 għandha tistabilixxi regoli dettaljati għall-operazzjoni tal-proċedura u b' mod partikolari għandha tistabilixxi dan li ġej:

(a) il-merkanzija li tapplika għaliha;

(b) il-mod kif ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 285a(1) għandhom jiġu sodisfatti;

(c) il-mod kif tiġi rilaxxata l-merkanzija u l-waqt;

(d) il-kontenut ta' kwalunkwe dokument mehmuż jew kwalunkwe mezz minfloku u l-mezz kif għandu jiġi vvalidat;

(e) il-proċedura biex tiġi ppreżentata d-dikjarazzjoni supplementari u l-limitu ta' żmien li fih għandha tiġi ddepożitata.

Fejn japplikaw l-Artikoli 796a sa 796e, ir-rilaxx imsemmi fil-punt (c) ta' l-ewwel subparagrafu għandu jingħata skond l-Artikolu 796b."

39. Fl-Artikolu 288, il-paragrafu 2 hu mibdul b'dan li ġej:

"2. Id-dokument jew il-mezz imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun fih mill-inqas id-dettalji stipulati fl-Anness 30A għall-proċedura li għandha tintuża. Dan id-dokument jew mezz għandu jkun akkumpanjat minn talba għall-esportazzjoni.

L-awtoritajiet doganali jistgħu jawtorizzaw li din it-talba tinbidel b'talba globali bil-kundizzjoni li l-operatur ekonomiku jkun ipprovda l-awtoritajiet doganali bl-informazzjoni li jqisu neċessarju għal analiżi tar-riskju effettiva u l-eżaminazzjoni tal-merkanzija. It-talba globali għandha tkopri operazzjonijiet ta' l-esportazzjoni li għandhom jitwettqu matul perjodu speċifiku ta' żmien. Id-dikjarant għandu jirreferi għall-awtorizzazzjoni fuq id-dokument jew il-mezz li ntuża għall-esportazzjoni."

40. Fl-Artikolu 289, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"Madankollu, id-dikjarant għandu jagħmel disponibbli lill-awtoritajiet doganali l-informazzjoni meħtieġa għal analiżi tar-riskju effettiva u għall-eżaminazzjoni tal-merkanzija qabel ma tinħareġ din il-merkanzija."

41. Fl-Artikolu 313b, jiddaħħal il-paragrafu 3a li ġej:

"3a. Meta l-kumpannija tat-trasport bil-baħar ikollha Ċertifikat AEO imsemmi fil-punt (a) jew (c) ta' l-Artikolu 14a(1), l-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri kkonċernati għandhom jeżaminaw biss jekk ġewx sodisfatti r-rekwiżiti fil-paragrafu 3 (c) u (d) ta' dan l-Artikolu. Ir-rekwiżiti l-oħra kollha stipulati f'dan l-Artikolu għandhom jitqiesu li ġew sodisfatti."

42. L-Artikolu 367 hu mibdul b'dan li ġej:

"Artikolu 367

Din is-sub-sezzjoni ma għandhiex tapplika għall-proċeduri ssimplifikati speċifiċi għall-modi tat-trasport imsemmija fl-Artikolu 372(1)(g)."

43. L-Artikolu 368 jitħassar.

44. Fl-Artikolu 373, jiżdied il-paragrafu 3 li ġej:

"3. Meta l-persuna kkonċernata ikollha ċ-Ċertifikat AEO imsemmi fil-punt (a) jew (c) ta' l-Artikolu 14a(1), ir-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu 1(c) u 2(b) ta' dan l-Artikolu għandhom jitqiesu li ġew sodisfatti."

45. Fl-Artikolu 454a, jiżdied il-paragrafu 5 li ġej;

"5. Meta l-persuna kkonċernata ikollha ċ-Ċertifikat AEO imsemmi fil-punt (a) jew (c) ta' l-Artikolu 14a(1), ir-rekwiżiti stipulati fil-punt (c) ta' l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u fl-Artikolu 373(2)(b) għandhom jitqiesu li ġew sodisfatti."

46. L-intestatura tat-Titolu IV tal-Parti II hija mibdula b'dan li ġej:

"ID-DISPOŻIZZJONIJIET TA' IMPLIMENTAZZJONII RELATATI MA' L-ESPORTAZZJONI"

47. Fit-Titolu IV tal-Parti II jiżdied il-Kapitolu 1 li ġej:

"KAPITOLU 1

Dispożizzjonijiet ġenerali għad-dikjarazzjonijiet doganali

Artikolu 592a

L-Artikoli 592b sa 592f ma għandhomx japplikaw għall-merkanzija li ġejja:

(a) l-enerġija elettrika;

(b) oġġetti li joħorġu permezz tal-katusi;

(c) ittri, kartolini u materjal stampat, inkluż fuq mezzi elettroniċi;

(d) merkanzija ittrasportata skond ir-regoli tal-Konvenzjoni ta' l-Unjoni Postali Universali;

(e) merkanzija koperta b'dikjarazzjonijiet doganali magħmula permezz ta' kwalunkwe att ieħor skond l-Artikoli 231 u 233;

(f) oġġetti li jinsabu fil-bagalji personali tal-vjaġġjaturi;

(g) merkanzija li għaliha hija ammessa dikjarazzjoni bil-fomm, skond l-Artikoli 226, 227 u 229 (2);

(h) merkanzija koperta mil-Libretti ATA u CPD;

(i) merkanzija trasportata koperta bil-formola 302 prevista fil-Konvenzjoni bejn il-Partjiet għat-Trattat ta' l-Atlantiku tat-Tramuntana fir-rigward ta' l-Istatus tal-Forzi tagħhom, iffirmata f'Londra fid-19 ta' Ġunju 1951;

(j) merkanzija ttrasportata abbord bastimenti ta' servizzi regolari tat-trasport bil-baħar, iċċertifikati b'mod xieraq skond l-Artikolu 313b.

Artikolu 592b

1. Kull meta merkanzija li toħroġ mit-territorju doganali tal-Komunità tkun koperta minn dikjarazzjoni doganali, din id-dikjarazzjoni doganali għandha tiġi ddepożitata fl-uffiċċju doganali kompetenti sad-dati ta' skadenza li ġejjin:

(a) fil-każ tat-traffiku maritimmu:

(i) għal merkanzija fil-kontejners, ħlief fejn japplikaw il-punti (iii) jew (iv); għallinqas 24 siegħa qabel ma l-merkanzija titgħabba fuq il-vapur li fuqu għandha toħroġ mit-territorju doganali tal-Komunità;

(ii) għal merkanzija fi kwantità/kwantità ippakkjata individwalment (break bulk); għallinqas erba' siegħat qabel toħroġ mill-port fit-territorju doganali tal-Komunità;

(iii) għal moviment bejn it-territorju doganali tal-Komunità, bl-eċċezzjoni tad-Dipartimenti Franċiżi extra-Ewropej, l-Azores, il-Madeira jew il-Gżejjer Canary, u Greenland, il-Gżejjer Faroe, Ceuta, Melilla, in-Norveġja, l-Iżlanda jew portijiet fuq il-Baħar Baltiku, il-Baħar tat-Tramuntana, il-Baħar l-Iswed, il-Mediterran jew il-portijiet kollha tal-Marokk; għallinqas sagħtejn qabel toħroġ mill-port fit-territorju doganali tal-Komunità;

(iv) għal moviment, f'każijiet li mhumiex dawk koperti taħt il-punt (iii), bejn id-dipartimenti Franċiżi extra-Ewropej, l-Azores, il-Madeira, l-Gżejjer Canary u territorji barra mit-territorju doganali tal-Komunità, meta l-vjaġġ idum inqas minn 24 siegħa; għallinqas sagħtejn qabel toħroġ mill-port fit-territorju doganali tal-Komunità;

(b) għat-traffiku bl-ajru, għallinqas 30 minuta qabel it-tluq minn ajruport fit-territorju doganali tal-Komunità;

(c) għat-traffiku bil-ferrovija jew fuq l-ilmijiet interni, għallinqas sagħtejn qabel it-tluq mill-uffiċċju doganali tal-ħruġ;

(d) għat-traffiku bit-triq, għallinqas siegħa qabel it-tluq mill-uffiċċju doganali tal-ħruġ;

(e) fil-każ ta' fornituri ta' spare parts jew parts għat-tiswija, maħsuba għall-inkorporazzjoni f'vapuri u ajruplani għal skopijiet tat-tiswija jew il-manutenzjoni tagħhom, ta' fjuwil tal-magna, lubrikanti u gass li huma meħtieġa għat-tħaddim tal-magni u l-apparat abbord, u ta' ikel maħsub għall-konsum abbord, għallinqas 15-il minuta qabel it-tluq tal-mezz tat-trasport mill-port jew l-ajruport fit-territorju doganali tal-Komunità;

(f) f'każijiet meta japplika r-Regolament Nru 800/1999, skond ir-regoli ta' dak ir-regolament.

2. Fejn id-dikjarazzjoni doganali ma tiġix iddepożitata permezz ta' metodu ta' l-ipproċessar tad-*data*, il-limitu ta' żmien stabbilit fil-punti (a) (iii) u (iv), (b), (c) (d) u (e) tal-paragrafu 1 għandu jkun mill-inqas ta' 4 siegħat.

3. Jekk is-sistema kompjuterizzata ta' l-awtoritajiet doganali ma tkunx qed taħdem temporanjament, l-iskadenzi previsti fil-paragrafu 1 għandhom japplikaw xorta waħda.

Artikolu 592c

1. Fil-każ ta' trasportazzjoni intermodali, fejn il-merkanzija tiġi ttrasportata minn mezz wieħed tat-trasport għal mezz ieħor tat-trasport 'il barra mit-territorju tal-Komunità, il-limitu ta' żmien għad-dħul tad-dikjarazzjoni għandu jikkorrispondi mal-limitu ta' żmien applikabbli għall-mezz tat-trasport li joħroġ mit-territorju doganali tal-Komunità, kif speċifikat fl-Artikolu 592b.

2. Fil-każ ta' trasport ikkombinat, fejn il-mezz attiv tat-trasport li jaqsam il-fruntiera jkun sempliċement qed jittrasporta mezz attiv ieħor tat-trasport, il-limitu ta' żmien għad-depożitu tad-dikjarazzjoni għandu jikkorrispondi għal-limitu ta' żmien applikabbli għall-mezz tat-trasport li jaqsam il-fruntiera, kif speċifikat fl-Artikolu 592b.

Artikolu 592d

1. Ma għandhomx japplikaw l-iskadenzi stabbiliti fl-Artikoli 592b u 592c, fejn il-ftehimiet internazzjonali bejn il-Komunità u pajjiżi terzi jirrikjedu l-iskambju ta' informazzjoni tad-dikjarazzjonijiet doganali b'dati ta' skadenza li huma differenti minn dawk imsemmija f'dawk l-Artikoli.

2. Il-limitu ta' żmien, f'kull ċirkostanza, ma għandux ikun inqas mill-perjodu rekwiżit għat-tlestija ta' l-analiżi tar-riskju qabel ma l-merkanzija toħroġ mit-territorju doganali tal-Komunità.

Artikolu 592e

1. Malli jirċievi d-dikjarazzjoni doganali, l-uffiċċju doganali kompetenti għandu jwettaq analiżi tar-riskju u kontrolli doganali xierqa, qabel ma l-merkanzija tiġi rilaxxata għall-esportazzjoni.

2. Il-merkanzija tista' tiġi rrilaxxata hekk kif titwettaq l-analiżi tar-riskju u r-riżultati jkunu jippermettu li jsir dan ir-rilaxx.

Artikolu 592f

1. Meta jinstab li l-merkanzija ppreżentata lid-dwana mhix koperta b'dikjarazzjoni doganali li fiha d-dettalji meħtiega għad-dikjarazzjoni fil-qosor tal-ħruġ, il-persuna li ġabet il-merkanzija, jew li tassumi responsabbiltà għall-ġarr tal-merkanzija 'il barra mit-territorju doganali tal-Komunità, għandha tiddepożita dikjarazzjoni doganali jew dikjarazzjoni fil-qosor tal-ħruġ immedjatament.

2. Jekk id-dikjarant jiddepożita dikjarazzjoni doganali wara l-iskadenzi previsti fl-Artikolu 592b u 592c, dan ma għandux jipprekludi l-applikazzjoni ta' pieni stipulati fil-leġiżlazzjoni nazzjonali.

Artikolu 592g

Fejn il-merkanzija koperta minn eżenzjoni mir-rekwiżit għal dikjarazzjoni doganali, skond l-Artikolu 592a(d) sa (j), sal-limiti taż-żmien stipulati fl-Artikoli 592b u 592c, tinħareġ mit-territorju doganali tal-Komunità, l-analiżi tar-riskju għandha ssir mal-preżentazzjoni tal-merkanzija, abbażi tad-dikjarazzjoni doganali li tkopri l-merkanzija."

48. Fit-Titolu IV tal-Parti II, l-intestatura tal-Kapitolu I hija mibdula b'dan li ġej:

"*KAPITOLU 2*

Esportazzjoni permanenti"

49. Fil-Kapitolu 2 tat-Titolu IV tal-Parti II, jiżdied l-Artikolu 787 li ġej:

"*Artikolu 787*

1. Id-dikjarazzjonijiet ta' l-esportazzjoni għandhom ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet dwar l-istruttura u d-dettalji stipulati f'dan il-Kapitolu, l-Artikoli 279 sa 289, l-Anness 37 u l-Anness 30A. Dawn għandhom jiġu ddepożitati fl-uffiċċju doganali kompetenti permezz ta' sistema għall-ipproċessar tad-data.

2. L-awtoritajiet doganali għandhom jaċċettaw dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni fuq il-karta fuq formola li tikkorrispondi għall-eżempju mogħti fl-Annessi 31 sa 34, u li għandha jkun fiha l-lista minima tad-data stipulata fl-Anness 37 u l-Anness 30A għall-proċedura ta' l-esportazzjoni, f'waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin biss:

(a) is-sistema kompjuterizzata ta' l-awtoritajiet doganali ma tkunx qed taħdem;

(b) l-applikazzjoni elettronika tal-persuna li qed tiddepożita d-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni ma tkunx qed taħdem.

3. L-awtoritajiet doganali għandhom jistabbilixxu, bi qbil ma' xulxin, il-proċedura li għandhom isegwu fil-każijiet imsemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 2.

4. L-użu ta' dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni fuq il-karta msemmija fil-paragrafu 2 (b) għandu jkun soġġett għall-approvazzjoni ta' l-awtoritajiet doganali.

5. Fejn il-merkanzija hija esportata minn vjaġġaturi li ma għandhom l-ebda aċċess dirett għas-sistema kompjuterizzata doganali u, għalhekk, ma għandhom l-ebda mezz li jiddepożitaw id-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni permezz ta' sistema ta' l-ipproċessar tad-*data* fl-uffiċċju ta' l-esportazzjoni, l-awtoritajiet doganali għandhom jawtorizzaw lill-vjaġġatur biex juża dikjarazzjoni doganali fuq il-karta, fuq formola li tikkorrispondi għall-mudell mogħti fl-Annessi 31 sa 34 u li jkun fiha l-lista minima tad-*data* stabbilita fl-Anness 37 u l-Anness 30A għall-proċedura ta' l-esportazzjoni.

6. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafi 4 u 5 ta' dan l-Artikolu, l-awtoritajiet doganali għandhom jiżguraw li r-rekwiżit ta' l-Artikoli 796a sa 796e jiġu sodisfatti."

50. Fl-Artikolu 791, il-paragrafu 2 huwa mħassar.

51. L-Artikolu 792 hu mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 792*

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 207, fejn id-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni ssir abbażi tad-Dokument Amministrattiv Singolu, għandhom jintużaw il-Kopji 1, 2 u 3. L-uffiċċju doganali fejn ġiet iddepożitata d-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni għandhom jittimbraw il-Kaxxa A u, fejn ikun xieraq, jimlew il-Kaxxa D.

Meta jagħti r-rilaxx tal-merkanzija, l-uffiċċju doganali għandu jżomm il-Kopja 1, jibgħat il-Kopja 2 lill-uffiċċju ta' l-istatistika ta' l-Istat Membru ta' l-uffiċċju doganali ta' l-esportazzjoni u, meta l-Artikoli 796a sa 796e ma japplikawx, irodd lura l-Kopja 3 lill-persuna kkonċernata.

2. Meta d-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni tkun ipproċessata fl-uffiċċju ta' l-esportazzjoni billi tintuża sistema għall-ipproċessar tad-data, il-Kopja 3 tad-Dokument Amministrattiv Singolu tista' tkun sostitwita minn dokument mehmuż, stampat mis-sistema tal-kompjuter ta' l-awtorità doganali. Dan id-dokument għandu jkun fih għallinqas id-data rekwiżita għad-Dokument Mehmuż ta' l-Esportazzjonijiet imsemmi fl-Artikolu 796a.

L-awtoritajiet doganali jistgħu jawtorizzaw lid-dikjarant biex jistampa d-dokument mehmuż mis-sistema tal-kompjuter tiegħu.

3. Meta l-operazzjoni sħiħa ta' l-esportazzoni titwettaq fit-territorju ta' Stat Membru wieħed, dak l-Istat Membru jista' jirrinunzja l-użu tal-Kopja 3 tad-Dokument Amministrattiv Singolu jew id-Dokument Mehmuż ta' l-Esportazzjonijiet, sakemm ir-rekwiżiti ta' l-Artikolu 182b(2) ta' dan il-Kodiċi jkunu ġew sodisfatti.

4. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 796a sa 796e, meta r-regoli doganali jipprovdu biex dokument ieħor jissostitwixxi l-Kopja 3 tad-Dokument Amministrattiv Singolu, id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu għandhom japplikaw, *mutatis mutandis*, għal dak id-dokument l-ieħor."

52. Jiddaħħlu l-Artikoli 792a u 792b li ġejjin:

"*Artikolu 792a*

1. Meta l-merkanzija rilaxxata għall-esportazzjoni ma toħroġx mit-territorju doganali tal-Komunità, l-esportatur jew id-dikjarant għandu jgħarraf minnufih lill-uffiċċju doganali ta' l-esportazzjoni. Meta jkun applikabbli, il-Kopja 3 tad-Dokument Amministrattiv Singolu għandha tiġi rritornata lil dak l-uffiċċju. L-uffiċċju doganali ta' l-esportazzjoni għandu jinvalida d-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni.

2. Meta, fil-kazijiet imsemmija fl-Artikolu 793(6) jew l-Artikolu 793b, tibdil fil-kuntratt tat-trasport ikollu l-effett li jtemm ġewwa t-territorju doganali tal-Komunità, operazzjoni tat-trasport li suppost kellha tintemm 'il barra minnu, il-kumpanniji jew awtoritajiet ikkonċernati jistgħu jwettqu l-kuntratt kif emendat biss bi ftehim ma' l-uffiċċju doganali msemmi fil-punt (b) ta' subparagrafu 2 fl-Artikolu 793(2) jew, fil-każ ta' użu ta' proċedura ta' transitu, ma' l-uffiċċju tal-ħruġ. Il-Kopja 3 tad-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni għandha tingħata lura lill-uffiċċju doganali ta' l-esportazzjoni u d-dikjarazzjoni għandha tiġi invalidata minn dak l-uffiċċju.

Artikolu 792b

1. L-uffiċċju doganali ta' l-esportazzjoni jista' jitlob lill-esportatur jew lid-dikjarant biex jipprovdi evidenza li l-merkanzija nħarġet mit-territorju doganali tal-Komunità.

2. Meta, wara perjodu ta' 90 jum mid-data tar-rilaxx tal-merkanzija għall-esportazzjoni, il-merkanzija ma tkunx inħarġet mit-territorju doganali tal-Komunità, jew ma jistgħux jiġu pprovduti biżżejjed provi li seħħet esportazzjoni bħal din, id-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni għandha tiġi invalidata. L-uffiċċju doganali ta' l-esportazzjoni għandu jgħarraf lill-esportatur jew lid-dikjarant b'dan."

53. L-Artikolu 793 hu mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 793*

1. Il-Kopja 3 tad-Dokument Amministrattiv Singolu jew d-dokument mehmuż imsemmija fl-Artikolu 792(2) u l-merkanzija rilaxxata għall-esportazzjoni għandhom jiġu ppreżentati flimkien lid-dwana fl-uffiċċju doganali tal-ħruġ.

2. L-uffiċċju doganali tal-ħruġ għandu jkun l-aħħar uffiċċju doganali qabel ma l-merkanzija toħroġ mit-territorju doganali tal-Komunità.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-uffiċċju doganali tal-ħruġ għandhu jkun wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) fil-każ ta' oġġetti li joħorġu permezz tal-katusi u fil-każ ta' l-enerġija elettrika, l-uffiċċju indikat mill-Istat Membru fejn huwa stabbilit l-esportatur;

(b) l-uffiċċju doganali kompetenti għall-post fejn il-merkanzija tingħabar taħt kuntratt singolu għat-trasport tal-merkanzija 'il barra mit-territorju doganali tal-Komunità mill-kumpanniji tal-ferroviji, l-awtoritajiet postali, il-linji ta' l-ajru jew il-kumpanniji għat-trasport bil-baħar, sakemm ikunu sodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) il-merkanzija se toħroġ mit-territorju doganali tal-Komunità bil-ferrovija, bil-posta, bl-ajru jew bil-baħar;

(ii) id-dikjarant, jew ir-rappreżentant tiegħu, jitlob li l-formalitajiet imsemmija fl-Artikolu 793a(2) jew fl-Artikolu 796e(1), jitwettqu f'dak l-uffiċċju."

54. Jiddaħħlu l-Artikoli 793a, 793b u 793c li ġejjin:

"*Artikolu 793a*

1. L-uffiċċju doganali ta' l-esportazzjoni għandu jwettaq kontrolli xierqa bbażati fuq ir-riskju qabel ma l-merkanzija toħroġ mit-territorju doganali tal-Komunità, primarjament biex ikun żgurat li l-merkanzija ppreżentata tikkorrispondi għal dik iddikjarata. L-uffiċċju doganali tal-ħruġ għandu jikkontrolla l-ħruġ fiżiku tal-merkanzija.

Meta d-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni tkun ġiet iddepożitata f'uffiċċju li mhuwiex l-uffiċċju doganali tal-ħruġ, u d-dettalji ġew trasmessi skond l-Artikolu 182b(2) tal-Kodiċi, l-uffiċċju doganali tal-ħruġ jista' jqis ir-riżultati ta' kwalunkwe kontroll imwettaq mill-uffiċċju l-ieħor.

2. Meta d-dikjarant idaħħal 'RET-EXP' fil-Kaxxa 44, jew il-kodiċi 30400, jew b'xi mod ieħor jindika x-xewqa tiegħu li l-Kopja 3 tingħatalu lura, l-uffiċċju doganali tal-ħruġ għandu jiċċertifika l-ħruġ fiżiku tal-merkanzija permezz ta' attestazzjoni fuq wara ta' dik il-kopja.

Għandu jagħti dik il-kopja lill-persuna li ppreżentatha jew lil intermedjarju speċifikat fiha u stabbilit fid-distrett ta' l-uffiċċju doganali tal-ħruġ, bl-iskop li jirritornaha lid-dikjarant.

L-attestazzjoni għandha tkun f'forma ta' timbru li juri l-isem ta' l-uffiċċju doganali tal-ħruġ u d-data ta' meta ħarġet il-merkanzija.

3. Fil-każ ta' esportazzjoni maqsuma li tgħaddi mill-istess uffiċċju doganali tal-ħruġ, l-attestazzjoni għandha tingħata biss għal dik il-merkanzija li tkun effettivament esportata.

Fik-każ ta' esportazzjoni maqsuma li tgħaddi minn diversi uffiċċji doganali tal-ħruġ differenti, l-uffiċċju doganali tal-ħruġ, jew l-uffiċċju doganali tal-ħruġ fejn jiġi ppreżentat l-oriġinal tal-Kopja 3, għandu jiċċertifika kopja tal-Kopja 3 għal kull parti tal-merkanzija kkonċernata malli jirċievi talba sostanzjata b'mod xieraq, bl-għan li tiġi ppreżentata lil uffiċċju doganali tal-ħruġ ieħor.

Fil-każijiet imsemmija fl-ewwel u fit-tieni subparagrafi, l-oriġinal tal-Kopja 3 għandu jiġi annotat kif xieraq.

4. Meta l-operazzjoni ta' l-esportazzjoni sħiħa titwettaq fit-territorju ta' Stat Membru wieħed, dak l-Istat Membru jista' jipprovdi biex il-Kopja 3 ma tiġix attestata. F'dan il-każ il-Kopja 3 ma għandhiex tiġi rritornata lid-dikjarant.

5. Meta l-uffiċċju doganali tal-ħruġ jistabilixxi li tkun nieqsa xi merkanzija, għandu jagħmel nota fuq il-kopja tad-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni ppreżentata u jinforma lill-uffiċċju doganali ta' l-esportazzjoni.

Meta l-uffiċċju doganali tal-ħruġ jistabilixxi li jkun hemm merkanzija żejda, dan għandu jiċħad il-ħruġ ta' dik il-merkanzija sakemm il-formalitajiet ta' l-esportazzjoni jitlestew.

Fejn l-uffiċċju doganali tal-ħruġ jistabbilixxi li hemm diskrepanza fin-natura tal-merkanzija, għandu jirrifjuta l-ħruġ sakemm il-formalitajiet ta' l-esportazzjoni ikunu tlestew, u għandu wkoll jgħarraf lill-uffiċċju doganali ta' l-esportazzjoni.

6. Fil-każijiet imsemmija fil-punt (b) tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 793(2), l-uffiċċju doganali tal-ħruġ għandu jattesta l-Kopja 3 tad-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni skond l-Artikolu 793a(2) wara li jagħmel l-attestazzjoni 'Esportazzjoni' fuq id-dokument tat-trasport u jagħmel it-timbru tiegħu. Għandha ssir referenza għad-dokument tat-trasport fuq il-Kopja 3 tad-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni u viċe versa.

Fejn, fil-każ ta' linji tat-trasport bil-baħar regolari jew trasport jew titjiriet diretti għal destinazzjonijiet 'il barra mit-territorju doganali tal-Komunità, l-operaturi jkunu jistgħu jiggarantixxu r-regolarità ta' l-operazzjonijiet, l-attestazzjoni 'Export' u t-twaħħil tat-timbru mad-dokument tat-trasport ma jkunx meħtieġ.

Artikolu 793b

1. Fil-każ ta' merkanzija maħruġa 'l barra mit-territorju doganali tal-Komunità jew mibgħuta lil uffiċċju doganali tal-ħruġ taħt proċedura ta' transitu, l-uffiċċju tal-ħruġ għandu jattesta l-Kopja 3 skond il-paragrafu 793a(2) u jagħtiha lura lill-persuna msemmija f'dak l-Artikolu.

Meta jkun meħtieġ dokument mehmuż, għandu jkun attestat bil-kelma 'Esportazzjoni'. Għandha ssir referenza għad-dokument mehmuż fuq il-Kopja 3 tad-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni u viċe versa.

L-ewwel u t-tieni subparagrafi ta' dan l-Artikolu ma għandhomx japplikaw meta l-preżentazzjoni tal-merkanzija fl-uffiċċju tal-ħruġ kif imsemmija fl-Artikolu 419(4) u (7) u l-Artikolu 434(6) u (9) tkun mwarrba.

2. L-attestazzjoni u l-għoti lura tal-Kopja 3 msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw ukoll għall-merkanzija rilaxxata għall-esportazzjoni li ma titqiegħedx taħt proċedura ta' transitu iżda tintbagħat lil uffiċċju doganali tal-ħruġ inkluż f'dikjarazzjoni ta' transitu b'manifest wieħed prevista fl-Artikolu 445 jew fl-Artikolu 448 u identifikata skond l-Artikolu 445(3)(e) jew l-Artikolu 448(3)(e).

3. L-uffiċċju doganali tal-ħruġ għandu jikkontrolla l-ħruġ fiżiku tal-merkanzija.

Artikolu 793c

1. Fejn merkanzija taħt arranġamenti ta' sospensjoni tad-dazju tas-sisa jinħarġu 'l barra mit-territorju doganali tal-Komunità taħt kopertura tad-Dokument Mehmuż Amministrattiv previst mir-Regolament (KEE) Nru 2719/92, l-uffiċċju doganali ta' l-esportazzjoni għandu jiċċertifika l-Kopja 3 tad-Dokument ta' l-esportazzjoni skond l-Artikolu 793a (2) u jagħtiha lura lid-dikjarant wara li jattesta bil-kelma 'Esportazzjoni' u jagħmel it-timbru msemmi f'dak l-Artikolu fuq il-kopji kollha tad-Dokument Meħmuż Amministrattiv.

Għandha ssir referenza għad-Dokument Meħmuż Amministrattiv fuq il-Kopja 3 tad-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni u viċe versa.

2. L-uffiċċju doganali tal-ħruġ għandu jissorvelja l-ħruġ fiżiku tal-merkanzija u jibgħat lura l-kopja tad-Dokument Mehmuż Amministrattiv skond l-Artikolu 19 (4) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/12/KEE.

Fil-każijiet iprevisti fl-Artikolu 793a(5), l-uffiċċju doganali tal-ħruġ għandu jannota d-Dokument Mehmuż Amministrattiv skond dan."

55. L-Artikolu 795 hu mibdul b'dan li ġej:

"Artikolu 795

1. Meta merkanzija tħalli t-territorju doganali tal-Komunità mingħajr dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni, dik id-dikjarazzjoni għandha tiġi ddepożitata retrospettivament mill-esportatur fl-uffiċċju doganali kompetenti għal post fejn ikun stabbilit.

L-Artikolu 790 għandu japplika.

L-aċċettazzjonita' din id-dikjarazzjonimill-awtoritajiet doganali għandha tkun soġġetta għall-preżentazzjoni mill-esportatur ta' waħda minn dawn li ġejjin:

(a) referenza għad-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul;

(b) biżżejjed evidenza dwar in-natura u l-kwantità tal-merkanzija, u ċ-ċirkostanzi li taħthom ħarġu mit-territorju doganali tal-Komunità.

Fuq talba tad-dikjarant, dak l-uffiċċju għandhu wkoll jipprovdi ċ-ċertifikazzjoni tal-ħruġ imsemmija fl-Artikolu 793a(2) jew fl-Artikolu 796e(1).

2. L-aċċettazzjoni retrospettiva ta' din id-dikjarazzjoni mill-awtoritajiet doganali ma għandhiex tipprekludi l-applikazzjoni ta' xi waħda minn dawn li ġejjin:

(a) penali skond il-liġi nazzjonali;

(b) il-konsegwenzi ta' miżuri skond il-politika komuni dwar l-agrikoltura jew il-kummerċ."

56. L-Artikolu 796 jitħassar.

57. Fit-Titolu IV tal-Parti II jiżdied il-Kapitolu 3 li ġej:

"*KAPITOLU 3*

L-iskambju tad-data ta' l-esportazzjoni bejn l-awtoritajiet doganali permezz tat-teknoloġija ta' l-informtika u n-netwerks tal-kompjuter

Artikolu 796a

1. L-uffiċċju doganali ta' l-esportazzjoni għandu jawtorizza r-rilaxx tal-merkanzija billi joħroġ id-Dokument Mehmuż ta' l-Esportazzjoni lid-dikjarant. Id-Dokument Mehmuż ta' l-Esportazzjonijiet għandu jikkorrispondi għall-mudell u għan-noti fl-Anness 45c.

2. Meta kunsinna għall-esportazzjoni tkun tikkonsisti f'iktar minn oġġett wieħed, id-Dokument Mehmuż ta' l-Esportazzjonijiet għandu jiġi ssupplimentat b'lista ta' oġġetti li jikkorrispondu mal-mudell u n-noti fl-Anness 45d. Għandu jifforma parti integrali mid-Dokument Mehmuż ta' l-Esportazzjonijiet.

3. Fejn ikun awtorizzat, id-Dokument Mehmuż ta' l-Esportazzjonijiet jista' jkun stampat mis-sistema tal-kompjuter tad-dikjarant.

Artikolu 796b

1. Mar-rilaxx tal-merkanzija, l-uffiċċju ta' l-esportazzjoni għandu jittrażmetti d-dettalji tal-moviment ta' l-esportazzjoni lill-uffiċċju tal-ħruġ iddikjarat permezz tal-messaġġmessaġġ ta' 'Rekord Antiċipat ta' Esportazzjoni'. Dan il-messaġġ għandu jkun ibbażat fuq data li ġejja mid-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni, u kompletata kif ikun xieraq mill-awtoritajiet doganali.

2. Meta l-merkanzija għandha tingħarr lejn iktar minn uffiċċju wieħed tal-ħruġ f'iktar minn kunsinna waħda, kull kunsinna individwali għandha tkun koperta minn messaġġ ta' 'Rekord Antiċipat ta' Esportazzjoni' individwali u Dokument Mehmuż ta' l-Esportazzjonijiet individwali.

Artikolu 796c

L-awtoritajiet doganali jistgħu jirrikjedu li n-notifika tal-wasla tal-merkanzija fl-uffiċċju doganali tal-ħruġ tiġi kkomunikata lilhom elettronikament. F'dan il-każ, m'huwiex meħtieġ li d-Dokument Mehmuż ta' l-Esportazzjonijiet ikun preżentat fiżikament lill-awtoritajiet doganali iżda għandu jinżamm mid-dikjarant.

Notifika bħal din għandha jkollha n-numru ta' referenza tal-moviment imsemmi fl-Anness 45c.

Artikolu 796d

1. L-uffiċċju doganali tal-ħruġ għandu jkun sodisfatt li l-merkanzija ppreżentata tikkorrispondi ma' dik li tkun ġiet iddikjarata.

Kwalunkwe eżami tal-merkanzija għandu jitwettaq permezz tal-messaġġ ta' 'Rekord Anitiċipat ta' Esportazzjoni' riċevut mill-uffiċċju ta' l-esportazzjoni bħala bażi għal eżami bħal dan.

L-uffiċċju doganali tal-ħruġ għandu jissorvelja l-ħruġ fiżiku tal-merkanzija mit-territorju doganali tal-Komunità.

2. L-uffiċċju doganali tal-ħruġ għandu jibgħat il-messaġġ 'Riżultati tal-Ħruġ' lill-uffiċċju doganali ta' l-esportazzjoni mhux aktar tard mill-jum ta' xogħol minn wara l-jum meta l-merkanzija tinħareġ barra mit-territorju doganali tal-Komunità. F'każijiet iġġustifikati minn ċirkostanzi speċjali, l-uffiċċju doganali tal-ħruġ jista' jibgħat dak il-messaġġ f'data iktar tard.

3. Fil-każ ta' esportazzjoni maqsuma, fejn il-merkanzija koperta minn 'Messaġġ Antiċipat ta' Esportazzjoni' wieħed tiġi trasportata għal uffiċċju doganali tal-ħruġ bħala kunsinna waħda iżda sussegwentement tinħareġ mit-territorju doganali tal-Komunità minn dak l-uffiċċju tal-ħruġ bħala aktar minn kunsinna waħda, l-uffiċċju doganali tal-ħruġ għandu jikkontrolla l-ħruġ fiżiku tal-merkanzija u għandu jibgħat il-messaġġ 'Riżultati tal-Ħruġ' biss meta l-merkanzija kollha tkun ħarġet mit-territorju doganali tal-Komunità.

F'ċirkostanzi eċċezzjonali, meta merkanzija koperta b'messaġġ wieħed ta' 'Rekord Antiċipat ta' Esportazzjon' tiġi trasportata lejn uffiċċju doganali tal-ħruġ f'kunsinna waħda iżda sussegwentement tinħareġ mit-territorju doganali tal-Komunità f'iktar minn kunsinna waħda u minn iktar minn uffiċċju doganali tal-ħruġ wieħed, l-uffiċċju doganali tal-ħruġ fejn kienet ippreżentata l-ewwel, malli jirċievi talba ssostanzjata kif xieraq, għandu jiċċertifika kopja tad-Dokument Mehmuż ta' l-Esportazzjonijiet għal kull parti mill-merkanzija.

Din iċ-ċertifikazzjoni għandha tingħata biss mill-awtoritajiet doganali jekk id-data li jkun fih id-Dokument Mehmuż ta' l-Esportazzjonijiet tikkorrispondi mad-data fil-messaġġ ta' 'Rekord Antiċipat ta' Esportazzjoni".

Il-kopja rilevanti tad-Dokument Mehmuż ta' l-Esportazzjonijiet u l-merkanzija għandhom jiġu ppreżentati flimkien lill-uffiċċju doganali tal-ħruġ ikkonċernat. Kull uffiċċju doganali tal-ħruġ għandu jattesta l-kopja tad-Dokument Mehmuż ta' l-Esportazzjonijiet bid-dettalji msemmija fl-Artikolu 793a(2) u jirritornaha lill-uffiċċju doganali tal-ħruġ fejn kienet ġiet ippreżentata l-kunsinna l-ewwel. Dan l-uffiċċju għandu jibgħat il-messaġġ 'Riżultati tal-Ħruġ' biss meta l-merkanzija kollha tkun ħarġet mit-territorju doganali tal-Komunità.

Artikolu 796e

1. Malli jirċievi l-messaġġ 'Riżultati tal-Ħruġ' imsemmi fl-Artikolu 796d(2), l-uffiċċju doganali tal-ħruġ għandu jiċ-ċertifika l-ħruġ fiżiku tal-merkanzija għad-dikjarant, permezz tal-messaġġ 'Notifika ta' Esportazzjoni' jew fil-formula speċifikata minn dak l-uffiċċju għal dak l-iskop.

2. Meta l-esportatur jew id-dikjarant jgħarraf lill-uffiċċju doganali ta' l-esportazzjoni, skond l-Artikolu 792a, li l-merkanzija rilaxxata għall-esportazzjoni ma tkunx ħalliet u mhix ser tħalli t-territorju doganali tal-Komunità, jew li d-dikjarazzjoni ser tiġi invalidata skond l-Artikolu 792b(2), l-uffiċċju doganali ta' l-esportazzjoni għandu minnufih jinvalida d-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni u jgħarraf lill-uffiċċju doganali tal-ħruġ iddikjarat bl-invalidazzjoni, permezz tal-messaġġ tan-'Notifika tat-Tħassir ta' l-Esportazzjoni'."

58. Fit-Titolu IV tal-Parti II, l-intestatura tal-kapitolu 2 titbiddel b'dan li ġej:

"*KAPITOLU 4*

Esportazzjoni temporanja permezz ta' librett ATA"

59. Fl-Artikolu 806, jiżdied il-punt (h) li ġej:

"(h) kwalunkwe dettall addizzjonali meħtieġ għal dikjarazzjoni fil-qosor tal-ħruġ, stipulati fl-Anness 30A, fejn ikun meħtieġ skond l-Artikolu 182c tal-Kodiċi."

60. L-Artikoli 811 u 814 jitħassru.

61. Fil-Kapitolu 2 tat-Titolu V tal-Parti II, tiddaħħal l-intestatura li ġejja qabel l-Artikolu 841:

"Sezzjoni 1

Ri-esportazzjoni"

62. L-Artikolu 841 hu mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 841*

1. Meta r-riesportazzjoni tkun soġġetta għal dikjarazzjoni doganali, l-Artikoli 787 sa 796e għandhom jappikaw *mutatis mutandis,* mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet partikolari li jistgħu jkunu applikabbli meta l-proċedura doganali b'impatt ekonomiku li ssir qabel ir-riesportazzjoni tal-merkanzija tkun itterminata.

2. Meta jinħareġ librett ATA għar-riesportazzjoni ta' merkanzija bħala importazzjoni temporanja, id-dikjarazzjoni doganali tista' tiġi ddepożitata f'uffiċċju doganali li mhuwiex dak imsemmi fl-Artikolu 161(5) tal-Kodiċi."

63. Jiddaħħal l-Artikolu 841a li ġej:

"*Artikolu 841a*

Meta r-riesportazzjoni ma tkunx soġġetta għal dikjarazzjoni doganali, għandha tiġi ddepożitata dikjarazzjoni fil-qosor tal-ħruġ skond l-Artikoli 842a sa 842e.

Sakemm tiġi ddepożitata dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul fil-waqt meta l-merkanzija tiddaħħal fit-territorju doganali tal-Komunità, ma għandhiex tkun meħtieġa dikjarazzjoni fil-qosor tal-ħruġ għar-rijesportazzjoni ta' merkanzija mhux tal-Komunità f'wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) il-merkanzija ma tkunx maħtuta mill-mezz tat-trasport li ġarritha fit-territorju doganali tal-Komunità;

(b) il-merkanzija tkun ittrasbordata fil-post fejn ġiet maħtuta mill-mezz tat-trasport li ġarritha fit-territorju doganali tal-Komunità.

Il-magazinaġġ ta' merkanzija għal żmien qasir b'konnessjoni ma' dak it-trasbord għandu jitqies bħala parti integrali mit-trasbord. Il-miżuri ta' kontroll għandhom iqisu n-natura speċjali tas-sitwazzjoni."

64. L-intestatura li ġejja hija mdaħħla qabel l-Artikolu 842:

"Sezzjoni 2

Qerda u abbandun"

65. Fit-Titolu VI tal-Parti II jiżdied il-Kapitolu 1 li ġej:

"*KAPITOLU 1*

Dikjarazzjonijiet fil-qosor tal-ħruġ

Artikolu 842a

Meta merkanzija li għandha tinħareġ mit-territorju doganali tal-Komunità ma tkunx koperta minn dikjarazzjoni doganali, għandha tiġi ddepożitata fl-uffiċċju doganali tal-ħruġ dikjarazzjoni fil-qosor, minn hawn 'il quddiem imsejħa bħala 'dikjarazzjoni fil-qosor tal-ħruġ', kif imfisser fl-Artikolu 793(2) ta' dan ir-Regolament, skond l-Artikolu 182c tal-Kodiċi.

Ma għandhiex tkun meħtieġa dikjarazzjoni fil-qosor tal-ħruġ fil-każijiet li ġejjin:

(a) il-każijiet imniżżla fl-Artikolu 592a(a) sa (j);

(b) meta l-merkanzija Komunitarja titgħabba fit-territorju doganali tal-Komunità biex tinħatt f'port jew f'ajruport ieħor fit-territorju doganali tal-Komunità u tinġarr fuq bastiment jew inġenju ta' l-ajru li jivvjaġġa bejn dawk il-portijiet jew l-ajruporti mingħajr waqfa fi kwalunkwe port jew ajruport li jinsab barra mit-territorju doganali tal-Komunità;

(c) merkanzija li li tikkwalifika għal solliev skond il-Konvenzjoni ta' Vienna dwar relazzjonijiet diplomatiċi tat-18 ta' April 1961, il-Konvenzjoni ta' Vienna ta' relazzjonijiet konsulari ta' l-24 ta' April 1963 jew konvenzjonijiet konsulari oħra, jew il-Konvenzjoni ta' New York tas-16 ta' Diċembru 1969 dwar missjonijiet speċjali.

Artikolu 842b

1. Id-dikjarazzjoni fil-qosor tal-ħruġ għandha ssir permezz ta' teknika ta' l-ipproċessar tad-data. Għandu jkun fiha d-dettalji għal dikjarazzjoni bħal din stipulati fl-Anness 30A u għandha tkun mimlija skond in-noti ta' spjegazzjoni f'dak l-Anness.

Id-dikjarazzjoni fil-qosor tal-ħruġ għandha tkun awtentikata mill-persuna li tagħmilha.

2. Id-dikjarazzjonijiet fil-qosor tal-ħruġ li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1 għandhom jiġu rreġistrati mill-awtoritajiet doganali minnufih mal-wasla tagħhom.

L-Artikolu 199(1) għandu japplika mutatis mutandis.

3. L-awtoritajiet doganali għandhom jippermettu d-depożitu ta' dikjarazzjoni fil-qosor tal-ħruġ fuq il-karta biss f'wieħed minn dawn iċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) is-sistema kompjuterizzata ta' l-awtoritajiet doganali ma tkunx qed taħdem;

(b) l-applikazzjoni elettronika tal-persuna li qed tiddepożita d-dikjarazzjoni fil-qosor ma tkunx qed taħdem.

Kull fejn ikun xieraq, mad-dikjarazzjonijiet fil-qosor fuq il-karta bħal dawn għandu jkun hemm listi ta' tagħbija jew dokumenti kummerċjali oħra, u għandu jkun fihom l-informazzjoni meħtieġa għal dikjarazzjonijiet fil-qosor taddħul fl-Anness 30A.

4. L-awtoritajiet doganali għandhom jistabbilixxu, bi qbil ma' xulxin, il-proċedura li għandhom isegwu fil-każijiet imsemmija fil-punt (a) ta' l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 3.

5. L-użu ta' dikjarazzjoni fil-qosor tal-ħruġ fuq il-karta imsemmija fil-punt (b) ta' l-ewwel subparagarfu tal-paragrafu 3 għandha tkun soġġetta għall-approvazzjoni ta' l-awtoritajiet doganali.

Id-dikjarazzjoni fil-qosor tal-ħruġ fuq il-karta għandha tkun iffirmata mill-persuna li tagħmilha.

Artikolu 842c

1. Fil-każ ta' trasportazzjoni intermodali, fejn il-merkanzija tiġi ttrasferita minn mezz tat-trasport wieħed għal ieħor għat-trasport 'il barra mit-territorju doganali tal-Komunità, il-limitu ta' żmien għad-depożitu tad-dikjarazzjoni fil-qosor tal-ħruġ għandu jikkorrispondi mal-limitu ta' żmien applikabbli għall-mezz tat-trasport li ħiereġ mit-territorju doganali tal-Komunità kif speċifikat fl-Artikolu 842d (1).

2. Fil-każ ta' trasport ikkombinat fejn il-mezz attiv tat-trasport li qed jaqsam il-fruntiera qiegħed sempliċement jit-trasporta mezz attiv ta' trasport ieħor, l-obbligu tad-depożitu ta' dikjarazzjoni fil-qosor tal-ħruġ jkun ta' l-operatur ta' dak il-mezz l-ieħor tat-trasport.

Il-limitu ta' żmien għad-depożitu tad-dikjarazzjoni għandu jikkorrispondi mal-limitu ta' żmien applikabbli għall-mezz attiv tat-trasport li qed jaqsam il-fruntiera, kif speċifikat fl-Artikolu 842d(1).

Artikolu 842d

1. Id-dikjarazzjoni fil-qosor tal-ħruġ għandha tiġi ddepożitata fl-uffiċċju tal-ħruġ sal-limitu rilevanti taż-żmien speċifikat fl-Artikolu 592b(1).

L-Artikolu 592b(2) u (3) għandu japplika *mutatis mutandis*.

2. L-uffiċċju doganali kompetenti, malli tiġi ddepożitata d-dikjarazzjoni fil-qosor tal-ħruġ, għandu jwettaq kontrolli xierqa bbażati fuq ir-riskju, primarjament għal skopijiet ta' sikurezza u sigurtà, qabel ir-rilaxx tal-merkanzija għall-ħruġ mill-Komunità, fi żmien perjodu li jikkorrispondi għal dak bejn l-iskadenza tad-depożitu tad-dikjarazzjoni stabbilita fl-Artikolu 592b għat-tip partikolari tat-traffiku u t-tagħbija jew ħruġ tal-merkanzija.

Meta merkanzija koperta minn waħda mill-eżenzjonijiet mir-rekwiżit għal dikjarazzjoni fil-qosor tal-ħruġ, stipulati fl-Artikolu 592a(a) sa (i), tinħareġ mit-territorju doganali tal-Komunità, l-analiżi tar-riskju għandha ssir mal-preżentazzjoni tal-merkanzija, abbażi tad-dokumentazzjoni jew informazzjoni oħra dwar il-merkanzija.

Il-merkanzija tista' tiġi rrilaxxata għall-ħruġ hekk kif titwettaq l-analiżi tar-riskju.

3. Meta jinstab li l-merkanzija maħsuba biex tinħareġ mit-territorju doganali tal-Komunità u li għaliha tinħtieġ dikjarazzjoni fil-qosor tal-ħruġ, ma tkunx koperta minn dikjarazzjoni bħal din, il-persuna li ġabet il-merkanzija, jew li tassumi responsabbiltà għall-ġarr tal-merkanzija, 'il barra mit-territorju doganali tal-Komunità għandha tiddepożita dikjarazzjoni fil-qosor tal-ħruġ immedjatament.

Jekk il-persuna tiddepożita dikjarazzjoni fil-qosor tal-ħruġ wara l-iskadenzi speċifikati fl-Artikoli 592b u 592c, dan ma għandux jipprekludi l-applikazzjoni ta' pieni stipulati fil-leġiżlazzjoni nazzjonali.

4. Meta, abbażi ta' kontrolli li wettqu, l-awtoritajiet doganali ma jkunux jistgħu jirrilaxxaw il-merkanzija għall-ħruġ, l-awtoritajiet doganali kompetenti għandhom jinnotifikaw il-persuna li ddepożitat id-dikjarazzjoni fil-qosor tal-ħruġ u, f'każ li tkun differenti, il-persuna responabbli għall-ġarr tal-merkanzija 'il barra mit-territorju tal-Komunità, li l-merkanzija mhumiex se jiġu rilaxxati.

Notifika bħal din għandha tingħata fi żmien raġonevoli wara li tkun ġiet iffinalizzata l-analiżi tar-riskju għal din il-merkanzija.

Artikolu 842e

1. Ma għandhomx japplikaw l-iskadenzi imsemmija fl-Artikolu 842d(1), fejn il-ftehimiet internazzjonali bejn il-Komunità u pajjiżi terzi jeħtieġu l-iskambju ta' informazzjoni tad-dikjarazzjonjiet doganali b'dati ta' skadenza li huma differenti minn dawk imsemmija f'dak l-Artikolu.

2. Il-limitu ta' żmien, f'kull ċirkostanza, ma għandux ikun inqas mill-perjodu meħtieġa għat-tlestija ta' l-analiżi tar-riskju qabel ma l-merkanzija toħroġ mit-territorju doganali tal-Komunità."

66. L-intestatura li ġejja hija mdaħħla qabel l-Artikolu 843:

"KAPITOLU 2

Esportazzjoni temporanja"

67. Fl-Artikolu 843(1), it-terminu "Titolu" jiġi mibdul b'"KAPITOLU".

68. Jiddaħħal l-Artikolu 865a li ġej:

"Artikolu 865a

Fejn id-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul ġiet emendata u l-imġiba tal-persuna kkonċernata ma tissuġġerixxi l-ebda negozju bi frodi, ma għandu jinħoloq l-ebda dejn doganali abbażi ta' l-Artikolu 202 tal-Kodiċi minħabba l-introduzzjoni illegali tal-merkanzija li, qabel l-emenda tad-dikjarazzjoni, ma kinitx iddikjarata b'mod korrett."

69. It-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 915 jitħassar.

70. L-Anness 1C, kif stipulat fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, huwa miżjud.

71. L-Anness 1D, kif stipulat fl-Anness II ta' dan ir-Regolament, huwa miżjud.

72. L-Anness 30A, kif stipulat fl-Anness III ta' dan ir-Regolament, huwa miżjud.

73. L-Anness 45c, kif stipulat fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament, huwa miżjud.

74. L-Anness 45d, kif stipulat fl-Anness V ta' dan ir-Regolament, huwa miżjud.

Artikolu 2

Matul perjodu tranżitorju ta' 24 xahar li jibdew mill-1 ta' Jannar 2008, il-perjodu għall-ħruġ taċ-Ċertifikat AEO imsemmi fl-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 14o(2) agħandu jkun estiż għal 300 jum kalendarju, il-perjodu għall-komunikazzjoni ta' l-applikazzjoni imsemmija fl-Artikolu 14l(1) għandu jkun estiż għal 10 ijiem tax-xogħol, il-perjodu għall-informazzjoni imsemmi fl-Artikolu 14l(2) għandu jkun estiż għal 70 jum kalendarju, u l-perjodu għall-konsultazzjoni imsemmi fl-Artikolu 14m(1) għandu jkun estiż għal 120 jum kalendarju.

Artikolu 3

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

2. Il-Punt (3), minbarra safejn jirrigwarda l-paragrafi 2 u 3 ta' l-Artikoli 14b, u l-punti (23), (25), (28), (41), (44), (45), (70) u (71) ta' l-Artikolu 1 għandhom jidħlu fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2008.

3. Il-Punt (3), safejn jirrigwarda l-paragrafi 2 u 3 ta' l-Artikoli 14b, u l-punti (4) sa (16), (18), (19), (21), (22), (24), (26), (27), (29), (30), (32), (33), (36),(39) (46) sa (49), (55), (59), (60), (63), (65) sa (68), (72) ta' l-Artikolu 1 għandhom jidħlu fis-seħħ mill-1 Lulju 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 18 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kummissjoni
László KOVÁCS
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

"ANNESS 1C

IL-KOMUNITÀ EWROPEA

EŻEMPJU

Applikazzjoni għal Ċertifikat AEO

(Imsemmi f'Artikolu 14c(1))

Nota: jekk jogħġbok irreferi għan-nota ta' spjegazzjoni meta timla l-formola

1. **Applikant**	Irriżervat għal skopijiet doganali	
2. **L-istat legali ta' l-applikant**		3. **Id-data ta' l-istabbiliment**
4. **L-indirizz ta' l-istabbiliment**		
5. **Fejn jinsab il-post ewlieni tan-negozju**		
6. **Il-persuna ta' kuntatt (l-isem, it-telefon, il-fax, l-e-mail)**	7. **L-indirizz għall-korrispondenza**	
8. **In-numru(i) ta' l-ID tal-VAT**	9. **In-numru(i) ta' Identifikazzjoni tan-Negozjant**	10. **In-numru tar-reġistrazzjoni legali**
11. **It-tip ta' Ċertifikat mitlub** □ Ċertifikat AEO – Simplifikazzjonijiet Doganali □ Ċertifikat AEO – Sigurtà u Sikurezza □ Ċertifikat AEO – Simplifikazzjonijiet Doganali/Sigurtà u Sikurezza		
12. **Is-settur ekonomiku ta' l-attività**	13. **L-Istat(i) Membru(i) fejn jitwettqu l-attivitajiet relatati mad-dwana**	

14. **Informazzjoni dwar il-qsim tal-fruntieri**	15. **Simplifikazzjonijiet jew faċilitazzjonijiet li ngħataw diġà, ċertifikati msemmija fl-Artikolu 14k(4)**
16. **L-uffiċċju fejn tinżamm id-dokumentazzjoni doganali:**	
17. **L-uffiċċju responsabbli milli jipprovdi d-dokumentazzjoni doganali kollha:**	
18. **L-uffiċċju fejn jinżammu l-kontijiet ewlenija:**	
19. **Iffirmat:** …….. **Iddatat:** ..... **Isem :** …… **L-għadd ta' annessi:**	

Noti ta' spjegazzjoni

1. **Applikant**:

Daħħal l-isem sħiħ ta' l-operatur ekomomiku applikant.

2. **Status legali**:

Daħħal l-istatus legali kif imsemmi fid-dokument ta' stabbiliment.

3. **Data ta' stabbiliment**:

Ikteb — bin-numri — il-jum, ix-xahar u s-sena ta' l-istabbiliment.

4. **L-indirizz ta' l-istabbiliment**:

Ikteb l-indirizz sħiħ tal-post fejn ġiet stabbilita l-entità tiegħek, inkluż il-pajjiż.

5. **Fejn jinsab il-post ewlieni tan-negozju**:

Ikteb l-indirizz sħiħ tal-post tan-negozju tiegħek fejn jitwettqu l-attivitajiet ewlenin.

6. **Persuna ta' kuntatt**:

Indika l-isem sħiħ, in-numri tat-telefon u tal-fax, u l-indirizz ta' l-e-mail tal-persuna ta' kuntatt magħżula minnek fil-kumpannija tiegħek li għandha tiġi kkuntattjata mill-awtoritajiet doganali meta jeżaminaw l-applikazzjoni.

7. **L-indirizz għall-korrispondenza**:

Imla biss jekk huwa differenti mill-indirizz ta' l-istabbiliment.

8, 9 u 10. **In-Numri tal-VAT, ta' l-Identifikazzjoni tan-Negozjant u tar-Reġistrazzjoni Legali**:

Ikteb in-numri meħtieġa.

In-Numru/i ta' l-Identifikazzjoni tan-Negozjant huwa/huma n-numru(i) ta' l-identifikazzjoni rreġistrat mill-awtoritàjiet doganali.

In-numru(i) tar-reġistrazzjoni Legali huwa n-numru tar-reġistrazzjoni mogħti mill-uffiċċju ta' l-reġistrazzjoni tal-kumpannija.

Jekk dawn in-numri huma l-istess, ikteb biss in-numru ta' l-ID tal-VAT.

Jekk l-applikant ma għandux Numru ta' Identifikazzjoni tan-Negozjant minħabba, per eżempju, li dan in-numru ma jeżistix fl-Istat Membru ta' l-applikant, ħalli l-kaxxa vojta.

11. **It-tip ta' ċertifikat mitlub**:

Agħmel salib fil-kaxxa rilevanti.

12. **Is-settur ekonomiku ta' l-attività**:

Iddeskrivi l-attività tiegħek

13. **L-Istati Membri fejn jitwettqu l-attivitajiet relatati mad-dwana**:

Ikteb il-kodiċi(jiet) ISO alpha-2 rilevanti tal-pajjiż.

14. **Informazzjoni dwar il-qsim tal-fruntieri**:

Indika l-ismijiet ta' l-uffiċċji doganali li jintużaw regolarment għall-qsim tal-fruntieri.

15. **Simplifikazzjonijiet jew faċilitazzjonijiet li ngħataw diġà, ċertifikati msemmija fl-Artikolu 14k(4):**

F'każ ta' semplifikazzjonijiet li ngħataw diġà, indika t-tip ta' simplifikazzjoni, il-proċedura doganali rilevanti, u n-numru ta' awtorizzazzjoni. Il-proċedura doganali rilevanti għandha tinkiteb fil-forma tal-kodiċijiet użati fit-tieni jew it-tielet suddiviżjoni tal-Kaxxa 1 tad-Dokument Amministrattiv Singolu.

F'każ ta' faċilitazzjonijiet li ngħataw diġà, indika n-numru taċ-Ċertifikat.

Fil-każ ta' applikant li hu d-detentur ta' ċertifikat wieħed jew iktar msemmija fl-Artikolu 14k(4), indika t-tip u n-numru taċ-ċertifikat(i).

16, 17 u 18. **L-uffiċċji għad-dokumentazzjonijiet/kontijiet ewlenija**:

Ikteb l-indirizzi sħaħ ta' l-uffiċċji rilevanti. Jekk l-uffiċċji għandhom l-istess indirizz, imla biss il-kaxxa 16.

19. **L-isem, id-data u l-firma ta' l-applikant**:

Firma: il-firmatarju għandu jżid il-kariga tiegħu. Il-firmatarju għandu dejjem ikun il-persuna li tirrappreżenta l-applikant b'mod ġenerali.

Isem: isem l-applikant u t-timbru ta' l-applikant.

L-għadd ta' annessi: l-applikant għandu jagħti l-informazzjoni ġenerali li ġejja:

1. Deskrizzjoni fil-qosor tal-proprjetarji/azzjonisti ewlenin, fejn jiġu ddikjarati l-ismijiet u l-indirizzi u l-interessi proporzjonali tagħhom. Deskrizzjoni fil-qosor tal-membri tal-bord tad-diretturi. Il-proprjetarji huma magħrufa mill-awtoritajiet doganali għal imġieba preċedenti li mhix konformi?

2. Il-persuna responsabbli fl-amministrazzjoni ta' l-applikant għall-kwistjonijiet doganali.

3. Deskrizzjoni ta' l-attivitajiet ekonomiċi ta' l-applikant.

4. Speċifikazzjoni tad-dettalji tal-post tad-diversi siti ta' l-applikant u deskrizzjoni qasira ta' l-attivitajiet f'kull sit. Speċifikazzjoni jekk l-applikant u kull sit jaġixxux fil-katina tal-provvista f'ismu u fl-interess tiegħu, jew jaġixxix f'ismu u għall-interess ta' persuna oħra, jew jaġixxix f'isem ta' u għall-interess ta' persuna oħra.

5. Speċifikazzjoni jekk il-merkanzija nxtratx minn u/jew kinitx ipprovduta lil kumpanniji li huma affiljati ma' l-applikant.

6. Deskrizzjoni ta' l-istruttura interna ta' l-organizzazzjoni ta' l-applikant. Jekk jogħġbok eħmeż, jekk teżisti, dokumentazzjoni dwar il-funzjonijiet/kompetenzi għal kull dipartiment u/jew funzjoni.

7. L-għadd ta' l-impjegati kollha u għal kull diviżjoni.

8. L-ismijiet ta' dawk li għandhom il-karigi ewlenin (diretturi maniġerjali, kapijiet tad-diviżjonijiet, maniġers tal-kontabilità, kapijiet tad-diviżjoni doganali, eċċ.) Deskrizzjoni tar-rutini adottati f'sitwazzjonijiet fejn l-impjegat kompetenti mhuwiex preżenti, b'mod temporanju jew permanenti.


9. L-ismijiet u l-pożizzjonijiet fi ħdan l-organizzazzjoni ta' l-applikanti li għandhom kompetenza doganali speċifika. Valutazzjoni tal-livell ta' għarfien ta' dawn il-persuni fit-rigward ta' l-użu tat-teknoloġija ta' l-IT fil-proċessi doganali u kummerċjali u fi kwistjonijiet kummerċjali ġenerali.

10. Jaqbilx jew le mal-pubblikazzjoni ta' l-informazzjoni fiċ-ċertifikat AEO fil-lista ta' l-Operaturi Ekonomiċi Awtorizzati msemmija fl-Artikolu 14x(4)."

ANNESS II

"ANNESS 1D

IL-KOMUNITÀ EWROPEA



MUDELL

Ċer**tifikat AEO**

	..... (In-numru taċ-ċertifikat)
1. **Id-Detentur taċ-Ċertifikat AEO**	2. **Awtorità emittenti**

Id-Detentur imsemmi fil-kaxxa 1 huwa

Operatur Ekonomiku AwtorizzatOperatur Ekonomiku Awtorizzat

- ☐ — Simplifikazzjonijiet Doganali
- ☐ — Sigurtà u Sikurezza
- ☐ — Simplifikazzjonijiet Doganali / Sigurtà u Sikurezza

3. **Id-data minn meta jkun effettiv iċ-Ċertifikat:**

Noti ta' spjegazzjoni

In-numru taċ-Ċertifikat

In-numru taċ-Ċertifikat għandu dejjem jibda bil-kodiċi ISO alpha-2 tal-pajjiż ta' l-Istat Membru li qed joħorġu, segwit minn waħda minn dawn l-ittri li ġejjin:

AEOC għal Ċertifikat AEO — Simplifikazzjonijiet Doganali

AEOS għal Ċertifikat AEO — Sigurtà u Sikurezza

AEOF għal Ċertifikat AEO — Simplifikazzjonijiet Doganali/Sigurtà u Sikurezza.

Wara l-ittri kif deskritti hawn fuq għandu jiddaħħal in-numru ta' l-awtorizzazzjoni nazzjonali.

1. **Id-Detentur taċ-Ċertifikat AEO**

Għandu jissemma l-isem sħiħ tad-Detentur, kif indikat fil-Kaxxa 1 tal-formola ta' l-Applikazzjoni fl-Anness 1C, kif ukoll in-Numru(i) ta' l-ID tal-VAT kif indikat fil-kaxxa 8 tal-formola ta' l-Applikazzjoni, in-Numru(i) ta' l-Identifikazzjoni tan-Negozjant kif indikat fil-Kaxxa 9 tal-formola ta' l-Applikazzjoni jekk ikun rilevanti, u n-numru tar-reġistrazzjoni Legali kif indikat fil-Kaxxa 10 tal-formola ta' l-Applikazzjoni.

2. **Awtorità emittenti**

Il-firma, l-isem ta' l-amministrazzjoni doganali ta' l-Istat Membru u t-timbru.

L-isem ta' l-amministrazzjoni doganali ta' l-Istat Membru jista' jissemma' fuq livell reġjonali, jekk meħtieġ mill-istruttura organizzattiva ta' l-amministrazzjoni doganali.

Referenza għat-tip taċ-Ċertifikat

Agħmel salib fil-kaxxa rilevanti.

3. **Id-data minn meta jkun effettiv iċ-Ċertifikat**

Indika l-jum, ix-xahar u s-sena, skond l-Artikolu 14q(1)."

ANNESS III

"ANNESS 30A

1. **Noti introduttorji għat-tabelli**

Nota 1. Ġeneralitajiet

1.1 Id-dikjarazzjoni fil-qosor li trid tiġi ppreżentata għall-merkanzija dieħla jew ħierġa mit-territorju doganali tal-Komunità fiha l-informazzjoni mniżżla fit-tabelli 1 sa 5 għal kull sitwazzjoni jew mod ta' trasport ikkonċernat.

1.2 It-Tabelli 1 sa 6 jinkludu l-elementi tad-data kollha meħtieġa għall-proċeduri u d-dikjarazzjonijiet ikkonċernati. Jagħtu stampa komprensiva tar-rekwiżiti essenzjali meħtieġa għall-proċeduri u d-dikjarazzjonijiet varji.

1.3 L-intestaturi tal-kolonni isimhom magħhom u jirreferu għal dawn il-proċeduri u dikjarazzjonijiet. Fil-każ tal-magazinaġġ temporanju, iddata fil-kolonna 'Dikjarazzjoni sommarju tad-dħul' tat-tabella 1 għandha tintuża.

1.4 L-ittra 'X' f'kaxxa partikolari tat-tabelli turi li dan l-element ta' informazzjoni huwa meħtieġ għall-proċedura jew għad-dikjarazzjoni deskritta fit-titlu tal-kolonna rilevanti fuq il-livell tar-rubrika ta' l-oġġettifid-dikjarazzjoni. L-ittra 'Y' f'kaxxa partikolari tat-tabelli turi li dan l-element ta' informazzjoni huwa meħtieġ għall-proċedura jew għad-dikjarazzjoni deskritta fit-titlu tal-kolonna rilevanti fuq il-livell ta' l-intestatura tad-dikjarazzjoni. L-ittra 'Z' f'kaxxa partikolari tat-tabelli tindika li l-element tad-data kkonċernat huwa mitlub għall-proċedura jew għad-dikjarazzjoni deskritta fit-titlu tal-kolonna relevanti fuq il-livell tar-rapport tat-twassil. Kwalunkwe tagħqida ta' dawn is-simboli 'X', 'Y', u 'Z' tfisser li l-element tad-*data* kkonċernat jista' jintalab għall-proċedura jew għad-dikjarazzjoni deskritti fit-titlu tal-kolonna rilevanti f'kwalunkwe wieħed mil-livelli kkonċernati

1.5 L-użu f'dan l-anness tal-kliem dikjarazzjonijiet fil-qosor tad-dħul u tal-ħruġ jirreferi rispettivament għad-dikjarazzjonijiet fil-qosor previsti mill-Artikoli 36a (1) u 182a (1) tal-Kodiċi.

1.6 Id-deskrizzjonijiet u n-noti fit-taqsima 4 fir-rigward ta' dikjarazzjonijiet fil-qosor tad-dħul u tal-ħruġ u tal-proċeduri simplifikati japplikaw għall-elementi tad-data msemmija fit-tabelli 1 sa 6.

Nota 2. Dikjarazzjoni doganali użata bħala dikjarazzjoni fil-qosor

2.1 Meta dikjarazzjoni doganali, kif imsemmi fl-Artikoli 62 (1) tal-Kodiċi, tintuża bħala dikjarazzjoni fil-qosor, skond l-Artikolu 36c (1) tal-Kodiċi, id-dikjarazzjoni trid, tinkludi, minbarra d-dettalji meħtieġa għall-proċedura speċifika fl-Anness 37 jew l-Anness 37A, id-dettalji stipulati fil-kolonna 'Dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul' tat-tabelli 1 sa 4.

Meta dikjarazzjoni doganali, kif imsemmi fl-Artikolu 76(1) tal-Kodiċi, tintuża bħala dikjarazzjoni fil-qosor, skond l-Artikolu 36c(1) tal-Kodiċi, dik id-dikjarazzjoni trid tinkludi, minbarra d-dettaliji meħtieġa għall-proċedura speċifika fit-Tabella 6, id-dettaliji stipulati fil-kolonna 'Dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul' tat-tabelli 1 sa 4.

2.2 Meta japplika l-Artikolu 14b (3) u meta dikjarazzjoni doganali, kif imsemmi fl-Artikoli 62 (1) tal-Kodiċi, tintuża bħala dikjarazzjoni fil-qosor, skond l-Artikolu 36c (1) tal-Kodiċi, id-dikjarazzjoni trid tinkludi, minbarra d-dettalji meħtieġa għall-proċedura speċifika fl-Anness 37 jew l-Anness 37A, id-dettalji stipulati fil-kolonna 'Dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul AEO' tat-tabella 5.

Meta japplika l-Artikolu 14b (3) u meta dikjarazzjoni doganali, kif imsemmi fl-Artikoli 76(1) tal-Kodiċi, tintuża bħala dikjarazzjoni doganali, skond l-Artikolu 36c (1) tal-Kodiċi, id-dikjarazzjoni trid tinkludi, minbarra d-dettalji meħtieġa għall-proċedura speċifika fit-Tabella 6, id-dettalji stipulati fil-kolonna 'Dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul AEO' tat-tabella 5.

Nota 3. Dikjarazzjoni doganali (esportazzjoni)

3.1 Meta dikjarazzjoni doganali kif imsemmija fl-Artikoli 62 (1) tal-Kodiċi, tkun meħtieġa skond l-Artikolu 182b tal-Kodiċi, id-dikjarazzjoni trid tinkludi, minbarra d-dettalji meħtieġa għall-proċedura speċifika fl-Anness 37 jew l-Anness 37A, id-dettalji stipulati fil-kolonna 'Dikjarazzjoni fil-qosor tal-ħruġ' tat-tabelli 1 u 2.

Meta dikjarazzjoni doganali, kif imsemmija fl-Artikolu 76(1) tal-Kodiċi, hi meħtieġa, skond l-Artikolu 182b tal-Kodiċi, dik id-dikjarazzjoni trid tinkludi, minbarra d-dettaliji meħtieġa għall-proċedura speċifika fit-Tabella 6, id-dettaliji stipulati fil-kolonna 'Dikjarazzjoni fil-qosor tal-ħruġ' tat-tabelli 1 u 2.

3.2 Meta japplika l-Artikolu 14b (3) u meta dikjarazzjoni doganali, kif imsemmi fl-Artikoli 62 (1) tal-Kodiċi, tkun mitluba, skond l-Artikolu 182b tal-Kodiċi, dik id-dikjarazzjoni trid tinkludi, minbarra d-dettalji meħtieġa għall-proċedura speċifika fl-Anness 37 jew l-Anness 37A, id-dettalji stipulati fil-kolonna 'Dikjarazzjoni fil-qosor tal-ħruġ AEO' tat-tabella 5.

Meta japplika l-Artikolu 14b (3) u meta dikjarazzjoni doganali, kif imsemmi fl-Artikoli 76 (1) tal-Kodiċi, tkun mitluba, skond l-Artikolu 182b tal-Kodiċi, dik id-dikjarazzjoni trid tinkludi, minbarra d-dettalji meħtieġa għall-proċedura speċifika fit-Tabella 6, id-dettalji stipulati fil-kolonna 'Dikjarazzjoni fil-qosor tal-ħruġ AEO' tat-tabella 5.

Nota 4. Ċirkostanzi speċifiċi oħra fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet fil-qosor tad-dħul u tal-ħruġ u tipi partikolari ta' traffiku ta' merkanzija. Nota għat-tabelli 2 sa 4.

4.1 Il-kolonni 'Dikjarazzjoni fil-qosor ta' Ħruġ- Kunsinni postali u *express*' u. 'Dikjarazzjoni fil-qosor ta' Dħul- Kunsinni postali u *express*' tat-tabella 2 ikopru d-data mitluba li tista' tingħata elettronikament lill-awtoritajiet tad-Dwana għall-għanijiet ta' l-analiżi tar-riskju qabel it-tluq jew il-wasla ta' kunsinni postali u *express*.

4.2 Għall-finijiet ta' dan l-anness, kunsinna postali tfisser oġġett individwali ta' piż massimu ta' 50 kg, imwassal permezz tas-sistema postali skond ir-regoli tal-Konvenzjoni ta' l-Unjoni Postali Universali, meta l-oġġetti jingarru minn jew f'isem detenturi ta' drittijiet jew obbligi skond regoli bħal dawn.

4.3 Għall-finijiet ta' dan l-anness, kunsinna *express* tfisser oġġett individwali li jingarr permezz ta' servizz integrat ta' ġbir rapidu/definit bil-ħin, trasport, rilaxx mid-dwana u twassil tal-pakketti filwaqt li jiġi ttraċċat fejn ikunu l-oġġetti u jinżamm kontroll fuqhom waqt il-provvista tas-servizz.

4.4 Il-kolonna 'Ħruġ — provvisti fuq vapuri u ajruplani' tat-tabella 2 tkopri r-rekwiżiti tad-data fir-rigward ta' dikjarazzjonijiet tal-ħruġ fil-qosor għall-provvisti fuq vapuri u ajruplani.

4.5 It-tabella 3 u 4 fihom l-informazzjoni meħtieġa għad-dikjarazzjonijiet fil-qosorfil-qosor tad-dħul fil-kuntest tat-trasport fuq it-triq u bil-ferrovija.

4.6 It-tabella 3 għat-trasport fuq it-triq japplika wkoll fil-każ tat-trasport multimodali, ħlief jekk iprevist mod ieħor fit-taqsima 4.

Nota 5. Proċeduri simplifikati

5.1 Id-dikjarazzjonijiet għall-proċeduri simplifikati msemmija fl-Artikoli 254, 260, 266, 268, 275, 280, 282, 285, 285a, 288 u 289 fihom l-informazzjoni mniżżla fit-tabella 6.

5.2 Il-format ridott għal ċerti elementi tad-data pprovdut għall-proċeduri simplifikati ma jillimitax jew jinfluwenza r-rekwiżiti stipulati fl-annessi 37 u 38, notevolment fir-rigward ta' l-informazzjoni li jrid jingħata f' dikjarazzjonijiet supplimentari.

2. **Rekwiżiti għal dikjarazzjonijiet fil-qosor tad-dħul u tal-ħruġ**

2.1 *Is-sitwazzjoni għall-ajru, il-baħar, passaġġi fuq l-ilmijiet interni u modi oħra ta' trasport jew sitwazzjonijiet mhux imsemmija fit-tabella 2 sa 4 — Tabella 1.*

Isem	Dikjarazzjoni fil-qosor tal = ħruġ (Ara n-Nota 3.1).	Dikjarazzjoni fil-qosor tal-wasla (Ara n-Nota 2.1).
Numru ta' oġġetti	Y	Y
In-numru ta' referenza uniku tal-kunsinna	X/Y	X/Y
In-numru tad-dokument tat-trasport	X/Y	X/Y
Il-Kunsinnatur	X/Y	X/Y
Min qed jippreżenta d-dikjarazzjoni fil-qosor	Y	Y
Id-Destinatarju	X/Y	X/Y
It-Trasportatur		Z
Il-parti li trid tiġi notifikata		X/Y
L-identità u nazzjonalità tal-mezz attiv tat-trasport li qed jaqsam il-fruntiera		Z
In-numru ta' referenza tat-twassil		Z
Il-kodiċi ta' l-ewwel post tal-wasla		Z
Id-data u l-ħin tal-wasla fl-ewwel post tal-wasla fit-territorju doganali		Z
Il-kodiċi tal-pajjiż(i) minn fejn jgħaddi t-trasport	Y	Y
L-uffiċċju doganali tal-ħruġ	Y	
Il-post fejn qiegħda l-merkanzija	Y	
Il-post tat-tagħbija		X/Y
Il-kodiċi tal-post tal-ħatt		X/Y
Id-deskrizzjoni tal-prodott	X	X
It-kwalità tal-pakketti (kodiċi)	X	X
In-numru ta' pakketti	X	X
Il-marki tat-trasport	X/Y	X/Y
In-numru ta' identifikazzjoni tat-tagħmir, jekk imqiegħed f'kontejner	X/Y	X/Y
In-numru ta' l-oġġett individwali tal-merkanzija	X	X
Il-kodiċi tal-merkanzija	X	X
Il-piż gross (kg)	X/Y	X/Y
Il-Kodiċi NU ta' l-Oġġetti Perikoluż	X	X
In-numru tas-siġill	X/Y	X/Y
Il-kodiċi tal-metodu tal-ħlas għall-ħlasijiet tat-trasport	X/Y	X/Y
Id-data tad-dikjarazzjoni	Y	Y
Firma — Awtentikazzjoni	Y	Y
Indikatur ieħor ta' ċirkostanza speċifika	Y	Y

2.2 *Kunsinni postali u express, provvisti għall-vapuri u l-ajruplani — Tabella 2*

Isem	Dikjarazzjoni fil-qosor tal-ħruġ- Kunsinni postali u *express* (Ara n-noti 3.1 u 4.1 sa 4.3)	Dikjarazzjon fil-qosor tal-ħruġ- provvisti għall-vapuri u l-ajruplani (Ara n-noti 3.1 u 4.4)	Dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul- Kunsinni postali u *express* (Ara n-noti 2.1 u 4.1 sa 4.3)
In-numru ta' referenza uniku tal-kunsinna		X/Y	
In-numru tad-dokument tat-trasport		X/Y	
Il-Kunsinnatur	X/Y	X/Y	X/Y
Min qed jippreżenta d-dikjarazzjoni fil-qosor	Y	Y	Y
Id-Destinatarju	X/Y	X/Y	X/Y
It-trasportatur			Z
Il-kodiċi tal-pajjiż(i) minn fejn jgħaddi t-trasport	Y		Y
L-uffiċċju doganali tal-ħruġ	Y	Y	
Il-post fejn qiegħda l-merkanzija	Y	Y	
Il-post tat-tagħbija			Y
Il-kodiċi tal-post tat-tagħbija			X/Y
Id-deskrizzjoni tal-prodott	X	X	X
In-numru ta' identifikazzjoni tat-tagħmir, jekk imqiegħed f'kontejner		X/Y	
In-numru ta' l-oġġett individwali tal-merkanzija	X	X	X
Il-kodiċi tal-merkanzija	X	X	X
Il-piż gross (kg)	X/Y	X/Y	X/Y
Il-Kodiċi NU għall-Oġġetti Perikolużi	X		X
Il-Kodiċi tal-metodu ta' pagament għall-ħlasijiet tat-trasport	X/Y	X/Y	X/Y
Id-data tad-dikjarazzjoni	Y	Y	Y
Firma — Awtentikazzjoni	Y	Y	Y
Indikatur ieħor ta' ċirkostanza speċifika (	Y	Y	Y

2.3 *Trasport bit-triq — Informazzjoni għad-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul- Tabella 3*

Isem	Triq- Dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul (Ara n-nota 2.1)
In-numru ta' oġġetti	Y
In-numru ta' referenza uniku tal-kunsinna	X/Y
In-numru tad-dokument tat-trasport	X/Y
Il-Kunsinnatur	X/Y
Min qed jippreżenta d-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul	Y
Id-Destinatarju	X/Y
It-Trasportatur	Z
L-identità u nazzjonalità tal-mezz attiv tat-trasport li qed jaqsam il-fruntiera	Z
Il-kodiċi ta' l-ewwel post tal-wasla	Z
Id-data u l-ħin tal-wasla fl-ewwel post tal-wasla fit-territorju doganali	Z
Il-kodiċi tal-pajjiż(i) minn fejn jgħaddi t-trasport	Y
Il-post tat-tagħbija	X/Y
Il-kodiċi tal-post tal-ħatt	X/Y
Id-deskrizzjoni tal-prodott	X
Il-kwalità tal-pakketti (kodiċi)	X
In-numru ta' pakketti	X
In-numru ta' identifikazzjoni tat-tagħmir, jekk imqiegħed f'kontejner	X/Y
In-numru ta' l-oġġett individwali tal-merkanzija	X
Il-kodiċi tal-merkanzija	X
Il-piż gross	X/Y
Il-Kodiċi tal- metodu ta' pagament għall-ħlasijiet tat-trasport	X/Y
Il-Kodiċi NU ta' l-Oġġetti Perikoluż i	X
In-numru tas-siġill	X/Y
Id-data tad-dikjarazzjoni	Y
Firma — Awtentikazzjoni	Y
Indikatur ieħor ta' ċirkostanza speċifika	Y

2.4 *Trasport bil-ferrovija — Informazzjoni għad-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul- Tabella 4*

Isem	Ferrovija — Dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul (Ara n-nota 2.1)
In-numru ta' oġġetti	Y
In-numru ta' referenza uniku tal-kunsinna	X/Y
In-numru tad-dokument tat-trasport	X/Y
Il-Kunsinnatur	X/Y
Min qed jippreżenta d-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul	Y
Id-Destinatarju	X/Y
It-Trasportatur	Z
L-identità u nazzjonalità tal-mezz attiv tat-trasport li qed taqsam il-fruntiera	Z
In-numru ta' referenza tat-twassil	Z
Il-kodiċi ta' l-ewwel post tal-wasla	Z
Id-data u l-ħin tal-wasla fl-ewwel post tal-wasla fit-territorju doganali	Z
Il-kodiċi tal-pajjiż(i) minn fejn jgħaddi t-trasport	Y
Il-post tat-tagħbija	X/Y
Il-kodiċi tal-post tal-ħatt	X/Y
Id-deskrizzjoni tal-prodott	X
Il-kwalità ta l-pakketti (kodiċi)	X
In-numru ta' pakketti	X
In-numru ta' identifikazzjoni tat-tagħmir, jekk imqiegħed f'kontejner	X/Y
In-numru ta' l-oġġetti individwali tal-merkanzija	X
Il-kodiċi tal-merkanziji	X
Il-piż gross	X/Y
Il-Kodiċi tal- metodu ta' pagament għall-ħlasijiet tat-trasport	X/Y
Il-Kodiċi NU ta' l-Oġġetti Perikolużi	X
In-numru tas-siġill	X/Y
Id-data tad-dikjarazzjoni	Y
Firma — Awtentikazzjoni	Y
Indikatur ieħor ta' ċirkostanza speċifika	Y

2.5 *Operaturi ekonomiċi awtorizzati — Rekwiżiti mnaqqsa tad-data għal dikjarazzjonijiet fil-qosor tal-ħruġ u tad-dħul — Tabella 5*

Isem	Dikjarazzjoni fil-qosor tal-ħruġ (Ara n-nota 3.2)	Dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul (Ara n-nota 2.2)
In-numru ta' referenza uniku tal-kunsinna	X/Y	X/Y
In-numru tad-dokument tat-trasport	X/Y	X/Y
Il-Kunsinnatur	X/Y	X/Y
Min qed jippreżenta d-dikjarazzjoni fil-qosor	Y	Y
Id-Destinatarju	X/Y	X/Y
It-trasportatur		Z
Il-parti li trid tiġi nnotifikata		X/Y
L-identità u nazzjonalità tal-mezzi ta' trasport attivi li qed jaqsmu l-fruntiera		Z
In-numru ta' referenza tat-twassil		Z
Il-kodiċi ta' l-ewwel post tal-wasla		Z
Id-data u ħin tal-wasla fl-ewwel post tal-wasla fit-territorju doganali		Z
Il-kodiċi tal-pajjiż(i) minn fejn jgħaddi t-trasport	Y	Y
L-uffiċċju doganali tal-ħruġ	Y	
Il-post tat-tagħbija		X/Y
Id-deskrizzjoni tal-prodott	X	X
In-numru ta' pakketti	X	X
In-numru ta' identifikazzjoni tat-tagħmir, jekk imqiegħed f'kontejner	X/Y	X/Y
Il-kodiċi tal-merkanzija	X	X
Id-data tad-dikjarazzjoni	Y	Y
Firma- Awtentikazzjoni	Y	Y
Indikatur ieħor ta' ċirkostanza speċifika	Y	Y

3. **Rekwiżiti għall-proċeduri simplifikati —** *Tabella 6*

Isem	Rilaxx mid-dwana lokaliesportazzjoni (Ara n-Nota 3.1)	Dikjarazzjoni simplifikata esportazzjoni) (Ara n-Nota 3.1)	Dikjarzzjoni mhux kompluta esportazzjoni (Ara n-Nota 3.1)	Rilaxxmid-dwana lokali importazzjoni (Ara n-Nota 2.1)	Dikjarazzjoni simplifikata importazzjoni (Ara n-Nota 2.1)	Dikjarazzjoni mhux kompluta importazzjoni (Ara n-Nota 2.1)
Id-dikjarazzjoni		Y	Y		Y	Y
In-numru ta' oġġetti:		Y	Y		Y	Y
In-numru ta' referenza uniku tal-kunsinna	X	X	X	X	X	X
In-numru tad-dokument tat-trasport:	X/Y	X/Y	X/Y	X/Y	X/Y	X/Y
Il-kunsinnatur/esportatur	X/Y	X/Y	X/Y			
Id-Destinatarju				X/Y	X/Y	X/Y
Min għamel id-dikjarazzjoni/rappreżentant	Y	Y	Y	Y	Y	Y
Il-kodiċi ta' l-istatus ta' min għamel id-dikjarazzjoni/rappreżentant	Y	Y	Y	Y	Y	Y
Il-kodiċi tal-valuta				X	X	X
L-uffiċju doganali tal-ħruġ	Y	Y	Y			
L-uffiċju doganali għad-dikjarazzjoni supplimentari			Y			
Id-deskrizzjoni tal-prodott	X	X	X	X	X	X
Il-kwalitài ta' pakketti (kodiċi)	X	X	X	X	X	X
In-numru ta' pakketti	X	X	X	X	X	X
Il-marki tat-trasport	X/Y	X/Y	X/Y	X/Y	X/Y	X/Y
In-numru ta' identifikazzjoni tat-tagħmir, jekk imqiegħed f'kontejner				X/Y/I	X/Y/I	X/Y/I
In-numru ta' l-oġġett individwali tal-merkanzija		X	X		X	X
Il-kodiċi tal-merkanzija	X	X	X	X	X	X
Il-piż gross (kg)				X	X	X
Il-proċedura	X	X	X	X	X	X
Il-piż nett (kg)	X	X	X	X	X	X
L-ammont ta' l-oġġett				X	X	X
In-numru ta' referenza għall-proċeduri simplifikati	X			X		
In-numru ta' l-awtorizzazzjoni	X	X		X	X	
Informazzjoni addizzjonali				X	X	X
Id-data tad-dikjarazzjoni	Y	Y	Y	Y	Y	Y
Firma — Awtentikazzjoni	Y	Y	Y	Y	Y	Y

4. Noti ta' spjegazzjoni dwar l-elementi ta' informazzjoni.

Dikjarazzjoni

Daħħal il-kodiċi previsti fl-anness 38 għall-kaxxa SAD 1 l-ewwel u t-tieni subdiviżjoni

Numru ta' oġġetti (1)

Numru totali ta' oġġetti ddikjarati fid-dikjarazzjoni jew fid-dikjarazzjoni fil-qosor.

[Ref.: kaxxa SAD 5]

In-numru ta' referenza uniku tal-kunsinna

Numru uniku assenjat lill-merkanzija, għad-dħul, l-importazzjoni, il-ħruġ u l-esportazzjoni. Għandhom jintużaw il-kodiċijiet WCO (ISO15459) jew ekwivalenti.

Dikjarazzjonijiet fil-qosor: alternattiva għan-numru tad-dokument tat-trasport meta ta' l-aħħar ma jkunx disponibbli.

Proċeduri simplifikati: din l-informazzjoni tista' tingħata meta tkun disponibbli.

Dan l-element jipprovdi konnessjoni ma' għejun oħra siewja ta' informazzjoni.

[Ref.: kaxxa SAD 7]

In-numru tad-dokument tat-trasport:

Ir-referenza tad-dokument tat-trasport li tkopri t-trasport tal-merkanzija fi jew 'il barra mit-territorju doganali.

Dan jinkludi l-kodiċi għat-tip ta' dokument ta' trasport kif previst fl-anness 38, segwit min-numru ta' identifikazzjoni tad-dokument ikkonċernat.

Dan l-element huwa alternattiva għan-numru ta' referenza uniku tal-kusinna [UCR] meta ta' l-aħħar ma jkunx disponibbli. Jipprovdi konnessjoni ma' għejun oħra siewja ta' informazzjoni)

Dikjarazzjonijiet fil-qosor għall-provvisti għall-ħruġ għall-vapuri u l-ajruplani: fattura jew in-numru tal-lista tat-tagħbija.

Dikjarazzjonijiet fil-qosor għad-dħul bit-trasport bit-triq: din l-informazzjoni għandha tingħata sa fejn disponibbli u tista' tinkludi referenzi sew għall-Libretti TIR u CMR

[Ref.: kaxxa SAD 44]

Il-Kunsinnatur (2)

Il-parti li qed tikkunsinna l-merkanzija stipulata fil-kuntratt tat-trasport mill-parti li qed tordna t-trasport.

Dikjarazzjonijiet fil-qosor tal-ħruġ: dan l-element għandu jingħata meta jkun differenti mill-persuna li qed tippreżenta d-dikjarazzjoni fil-qosor.

Kunsinnatur/esportatur (2)

Il-parti — jew min f'isimha — jagħmel id-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni u li hija sid il-merkanzija jew għandha dritt simili fuqhom fil-waqt meta tiġi aċċettata d-dikjarazzjoni.

[Ref.: kaxxa SAD 2]

(1) Iġġenerat awtomatikament minn sistemi informatiċi.
(2) Verżjoni kkodifikata, fejn disponibbli.

Min qed jippreżenta d-dikjarazzjoni fil-qosor (1)

Dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul: Waħda mill-persuni msemmija fl-Artikolu 36b, paragrafi 3 u 4 tal-Kodiċi.

Dikjarazzjoni fil-qosor tal-ħruġ: Il-parti definita fl-Artikolu 182d (3) tal-Kodiċi. Din l-informazzjoni m'għandhiex tingħata meta, f'konformità ma' l-Artikolu 182a (1), tal-Kodiċi, il-merkanzija tkun koperta minn dikjarazzjoni doganali.
Nota: Din l-informazzjoni hija meħtieġa għall-identifikazzjoni tal-persuna responsabbli għall-preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni.

Id-Destinatarju (1)

Il-parti li tirċievi effettivament il-kunsinna.

Dikjarazzjonijiet fil-qosor tad-dħul: dan l-element għandu jingħata meta jkun differenti mill-persuna li qed tippreżenta d-dikjarazzjoni fil-qosor. Meta l-merkanzija tkun trasportata taħt polz tat-tagħbija negozzjabbli li tkun 'to order blank endorsed', id-destinatarju ma jkunx magħruf u d-dettaliji tiegħu għandhom ikunu mibdula bil-kodiċi 10600 li ġej:

Bażi Legali	Suġġett	Kaxxa	Kodiċi
Anness 30A	Sitwazzjonijiet fejn polz tat-tagħbija negozzjabbli li huma 'to order blank endorsed" huma kkonċernati, fil-każ ta' dikjarazzjonijiet fil-qosor tad-dħul, fejn id-dettalji tad-destinatarju m'humiex magħrufa	44	10600

Dikjarazzjonijiet ta' l-aħħar fil-qosor: Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 789, din l-informazzjoni għandha tiġi mogħtija meta hi disponibbli.

[Ref.: kaxxa SAD 8]

Min għamel id-dikjarazzjoni/rappreżentant (1)

Meħtieġa jekk differenti mill-kunsinnatur/esportatur fil-waqt ta' l-esportazzjoni/mid-destinatarju fil-waqt ta' l-importazzjoni.

[Ref.: kaxxa SAD 14]

Kodiċi ta' min għamel id-dikjarazzjoni/rappreżentant

Kodiċi li jirrappreżenta min qed jagħmel id-dikjarazzjoni jew l-istatus tar-rappreżentant. Il-kodiċi li għandhom jintużaw huma dawk previsti fl-anness 38 għall-kaxxa 14 tas-SAD.

It-Trasportatur (1)

Il-parti li tittrasporta l-merkanzija mad-dħul fit-territorju doganali. Din l-informazzjoni għandha tingħata meta tkun differenti mill-persuna li qed tippreżenta d-dikjarazzjoni fil-qosor. Mhemmx bżonn li tingħata din l-informazzjoni meta tkun tista' tiġi dedotta awtomatikament u mingħajr ambigwità minn elementi oħra tad-data previst min-negozjant.

Il-parti li trid tiġi nnotifikata (1)

Il-parti li trid tiġi nnotifikata mad-dħul bil-wasla tal-merkanzija. Din l-informazzjoni għandha tingħata meta tkun disponibbli. Meta l-merkanzija tkun ittrasportata b'polza tat-tagħbija negozzjabbli li hija 'to order blank endorsed', f'liema każ ma jissemmiex id-destinatarju u l-kodiċi 10600 hija mdaħħla, il-parti li trid tiġi nnotifikata għandha dejjem tiġi pprovduta.

Identità u nazzjonalità tal-mezz attiv tat-trasport li qed jaqsam il-fruntiera

Identità u nazzjonalità tal-mezz attiv tat-trasport li qed jaqsam il-fruntiera tat-territorju doganali ta' l-UE. Id-definizzjonijiet previsti fl-anness 37 għall-kaxxa SAD 18 għandhom jintużaw għall-identità Il-kodiċi previsti fl-anness 38 għall-kaxxa SAD 21 għandhom jintużaw għan-nazzjonalità.

Trasport bil-ferrovija: għandu jingħata n-numru tal-vagun.

(1) Verżjoni kkodifikata, fejn disponibbli.

Numru ta' referenza tat-twassil (1)

Identifikazzjoni tal-vjaġġ tal-mezz ta' trasport, pereżempju n-numru tal-vjaġġ, in-numru tat-titjira, in-numru tal-ħruġ, jekk applikabbli.

Trasport bil-ferrovija: in-numru tal-ferrovija (trejn) għandu jingħata. Dan l-element tad-data għandu jingħata fil-każ tat-trasport multi modali, fejn applikabbli.

Kodiċi ta' l-ewwel post tal-wasla

Identifikazzjoni ta' l-ewwel post tal-wasla fit-territorju doganali. Dan ikun port għall-baħar, ajruport għall-ajru u post tal-fruntiera għal fuq l-art.

Il-kodiċi għandu jimxi ma'din il-forma: UN/LOCODE (an..5) + kodiċi nazzjonali (an..6)

Trasport fuq it-triq jew bil-ferrovija: il-kodiċi għandu jsegwi l-formula pprovduta għall-uffiċji doganali fl-Anness 38.

Id-data u l-ħin tal-wasla fl-ewwel post tal-wasla fuq it-territorju doganali

Id-data u l-ħin/id-data u l-ħin skedati tal-wasla tal-mezz tat-trasport (bl-ajru) fl-ewwel ajruport, wasla (mill-art) fl-ewwel post tal-fruntiera u l-wasla (bil-baħar) fl-ewwel port; għandu jintuża l-kodiċi n12 (CCYYMMDDHHMM). Il-ħin lokali ta' l-ewwel post tal-wasla għandu jingħata.

Kodiċi tal-pajjiż(i) minn fejn jgħaddi t-trasport

Identifikazzjoni f'ordni kronoloġika tal-pajjiżi li minnhom tgħaddi l-merkanzija bejn il-pajjiż tat-tluq oriġinali u d-destinazzjoni aħħarija. Dan jinkludi l-pajjiż tat-tluq oriġinali u d-destinazzjoni aħħarija tal-merkanzija. Il-kodiċijiet previsti fl-anness 38 għall-kaxxa SAD 2 għandhom jintużaw għan-nazzjonalità. Din l-informazzjoni għandha tingħata safejn tkun magħrufa.

Dikjarazzjonijiet fil-qosor tal-ħruġ għal kunsinni postali u*express*: għandu jingħata biss il-pajjiż tad-destinazzjoni aħħarija.

Dikjarazzjonijiet fil-qosortad-dħul għal kunsinni postali u*express*: għandu jingħata biss il-pajjiż tat-tluq oriġinali

Kodiċi tal-valuta

Il-kodiċi previsti fl-anness 38 għall-kaxxa SAD 22 għall-valuta li biha nħarġet il-fattura kummerċjali.

Din l-informazzjoni tintuża flimkien ma' 'Numru ta' oġġetti' fejn tkun meħtieġa għall-kalkolu tad-dazji ta' l-importazzjoni.

L-Istati Membri jistgħu ma jirrikjedux dan ir-rekwiżit għad-dikjarazzjonijiet simplifikati u l-proċeduri għar-rilaxx lokali mid-dwana fil-waqt ta' l-importazzjoni meta l-kundizzjonijiet preskritti fl-awtorizzazzjonijiet assoċjati ma' dawn il-proċeduri jippermettuhom jiddifferixxu l-ġbir ta' dan l-element ta' informazzjoni fid-dikjarazzjoni supplimentari. [Ref.: Kaxxi 22 and 44]

Uffiċċju doganali tal-ħruġ

Il-kodiċi previsti fl-anness 38 għall-kaxxa SAD 29 għall-uffiċċju doganali tal-ħruġ, skond l-Artikolu 793(2).

Dikjarazzjonijiet fil-qosortal-ħruġ għal kunsinni postali u*express*: m'hemmx bżonn li dan l-element jingħata meta jkun jista' jiġi dedott awtomatikament u mingħajr ambigwità minn elementi oħra ta' l-informazzjoni pprovduta min-negozjant.

Uffiċċju doganali għad-dikjarazzjoni supplimentari

Dikjarazzjonijiet ta' l-esportazzjoni mhux kompluti: dan l-element jista' biss jintuża fil-każi msemmija fl-Artikolu 281(3)

Il-post fejn qiegħda l-merkanzija (1)

Il-post eżatt fejn il-merkanzija tista' tiġi eżaminata.

[Ref.: kaxxa SAD 30]

(1) Informazzjoni biex tintwera meta xieraq.

Post tat-tagħbija (1)

Isem ta' port, ajurport, terminal għall-merkanzija, stazzjon tal-ferrovija jew post ieħor li fih il-merkanzija titgħabba fuq il-mezz tat-trasport użat għall-ġarr tagħhom, inkluż il-pajjiż fejn jinsab.

Dikjarazzjonijiet fil-qosor tad-dħul għal kunsinni postali u*express*: m'hemmx bżonn li jingħata dan l-element meta jkun tista' tiġi dedott awtomatikament u mingħajr ambigwità minn elementi oħra ta' l-informazzjoni pprovdut min-negozjant.

Trasport fuq it-triq u bil-ferrovija: dan jista' jkun il-post fejn il-merkanizja ttieħedet skond il-kuntratt tat-trasport jew l-uffiċċju doganali tat-tluq tat-TIR.

Post tal-ħatt (1)

Isem ta' port, ajurport, terminal għall-merkanzija, stazzjon tal-ferrovija jew post ieħor li fih il-merkanzija tinħatt minn fuq il-mezz tat-trasport użat għall-ġarr tagħhom, inkluż il-pajjiż fejn jinsab.

Trasport fuq it-triq u bil-ferrovija: meta l-kodiċi ma jkunx disponibbli, għandu jingħata isem il-post, bl-akbar preċiżjoni possibbli.

Nota: Dan l-element jipprovdi informazzjoni siewja għall-ġestjoni tal-proċedura.

Deskrizzjoni tal-prodott

Dikjarazzjonijiet fil-qosor: deskrizzjoni b'lingwaġġ sempliċi li hija preċiża biżżejjed biex is-servizzi tad-Dwana jkunu jistgħu jidentifikaw il-merkanzija. Ma jistgħux jiġu aċċettati termini ġenerali (bħalma huma '*consolidated*', '*general cargo*' jew '*parts*'). Lista ta' termini ġenerali bħal dawn se tiġi ppubblikata mill-Kummissjoni. M'hemmx bżonn li tingħata l-informazzjoni meta jkun hemm il-kodiċi Komunitarju pprovdut.

Proċeduri simplifikati: deskrizzjoni għall-għanijiet tat-tariffi.

[Ref.: kaxxa SAD 31]

Kwalità ta' pakketti (kodiċi)

Il-kodiċi li jisspeċifikaw il-kwalità ta' pakkett kif previst fl-Anness 38 għall-kaxxa 31 tas-SAD (Rakkomandazzjoni UN/ECE 21 Anness VI)

Numru ta' pakketti

Numru ta' oġġetti individwali ppakkjati b'tali mod li ma jistgħux jinqasmu qabel ma l-ewwel jinħall l-imballaġġ, jew inkella numru ta' biċċiet, jekk mhux ippakkjat. Din l-informazzjoni m'għandhiex tingħata meta l-oġġetti jkunu fi kwantità.

[Ref.: kaxxa SAD 31]

Marki tat-trasport

Deskrizzjoni ħielsa tal-marki u tan-numri fuq l-unitajiet tat-trasport jew il-pakketti.

Din l-informazzjoni għandha tingħata biss għall-oġġetti ppakkjati fejn applikabbli. Meta l-merkanzija tkun f'kontejner, in-numru tal-kontejner jista' jissostiwixxi l-marki tat-trasport, li jistgħu madankollu jiġu pprovduti min-negozjant meta disponibbli. UCR jew ir-referenzi fid-dokument tat-trasport li jippermettu l-identifikazzjoni mhux ambigwa tal-pakketti kollha fil-kunsinna jistgħu jissostitwixxi l-marki tat-trasport.

Nota: Dan l-element jgħin fl-identifikazzjoni tal-kunsinni.

[Ref.: kaxxa SAD 31]

Numru ta' identifikazzjoni tat-tagħmir, jekk imqiegħed f'kontejner

Marki (ittri jew numri) li jidentifikaw il-kontejner.

[Ref.: kaxxa SAD 31]

(1) Verżjoni kkodifikata, fejn disponibbli.

In-numru ta' l-oġġett individwali tal-merkanzija (1)

Numru ta' l-oġġetti f'relazzjoni man-numru totali ta' oġġetti fid-dikjarazzjoni jew fid-dikjarazzjoni fil-qosor.

Tintuża biss meta hemm aktar minn oġġett wieħed tal-merkanzija.

Nota: Dan l-element, li huwa awtomatikament iġġenerat minn sistema kompjuterizzata, jgħin fl-identifikazzjoni tal-merkanzija kkonċernata fid-dikjarazzjoni.

[Ref.: kaxxa SAD 32]

Kodiċi tal-merkanzija

Numru tal-kodiċi li jikkorrispondi għall-oġġett in kwistjoni;

Dikjarazzjonijiet fil-qosor tad-dħul: L-ewwel erba' numri tal-kodiċi NM; Mhemmx bżonn li tingħata din l-informazzjoni meta jkun hemm id-deskrizzjoni ta' l-oġġetti prevista.

Proċeduri simplifikati għall-importazzjoni: Kodiċi TARIC b'10 numri. In-negozjanti jistgħu jissupplimentaw din l-informazzjoni fejn ikun xieraq, b'kodiċi TARIC addizzjonali. L-Istati Membri jistgħu ma jirrikjedux dan ir-rekwiżit għad-dikjarazzjonijiet simplifikati u l-proċeduri għar-rilaxx lokali fil-waqt ta' l-importazzjoni meta l-kundizzjonijiet preskritti fl-awtorizzazzjonijiet assoċjati ma' dawn il-proċeduri jippermettuhom biex jiddifferixxu l-ġbir ta' dan l-element ta' informazzjoni fid-dikjarazzjoni supplimentari.

Dikjarazzjonijiet fil-qosor tal-ħruġ: L-ewwel erba' numri tal-kodiċi NM. M'hemmx bżonn li tingħata l-informazzjoni meta jkun hemm id-deskrizzjoni ta' l-oġġetti prevista.

Dikjarazzjonijiet fil-qosor tal-ħruġ għall-provvisti fuq vapuri u ajruplani: se tiġi ppubblikata mill-Kummissjoni nomenklatura tal-merkanizja speċifika u simplifikata

Proċeduri simplifikati għall-esportazzjoni: Kodiċi NM b'8 ċifri. In-negozjanti jistgħu jikkumplimentaw din l-informazzjoni fejn ikun xieraq, b'kodiċi TARIC addizzjonali. L-Istati Membri jistgħu ma jirrikjedux dan ir-rekwiżit għad-dikjarazzjonijiet simplifikati u l-proċeduri għar-rilaxx lokali mid-dwana fil-waqt ta' l-esportazzjoni meta l-kundizzjonijiet preskritti fl-awtorizzazzjonijiet assoċjati ma' dawn il-proċeduri jippermettuhom biex jiddifferixxu l-ġbir ta' dan l-element ta' informazzjoni fid-dikjarazzjoni supplimentari.

[Ref.: kaxxa SAD 33]

Piż gross (kg)

Piż (massa) tal-merkanzija inkluż l-imballaġġ imma eskluż tagħmir tat-trasportatur għad-dikjarazzjoni.

Fejn possibbli, in-negozjant jista' jagħti dak il-piż fuq il-livell tar-rubrika fid--dikjarazzjoni.

Proċeduri simplifikati għall-importazzjoni: din l-informazzjoni għandha tingħata biss fejn tkun meħtieġa għall-kalkolu tad-dazji ta' l-importazzjoni.

L-Istati Membri jistgħu ma jirrikjedux dan ir-rekwiżit għad-dikjarazzjonijiet simplifikati u l-proċeduri għar-rilaxx lokali fil-waqt ta' l-importazzjoni meta l-kundizzjonijiet preskritti fl-awtorizzazzjonijiet assoċjati ma' dawn il-proċeduri jippermettuhom biex jiddifferixxu l-ġbir ta' dan l-element ta' informazzjoni fid-dikjarazzjoni supplimentari.

[Ref.: kaxxa SAD 35]

Proċedura

Kodiċi ta' proċedura kif previst fl-Anness 38 għall-kaxxa SAD 37, l-ewwel u t-tieni subdiviżjoni.

L-Istati Membri jistgħu ma jirrikjedux l-obbligu għall-għoti tal-kodiċi kif definit fl-Anness 38 għall-kaxxa 37, it-tieni subdiviżjoni ta' l-SAD għad-dikjarazzjonijiet simplifikati u l-proċeduri għar-rilaxx lokali mid-dwana fil-waqt ta' l-importazzjoni u ta' l-esportazzjoni meta l-kundizzjonijiet preskritti fl-awtorizzazzjonijiet assoċjati ma' dawn il-proċeduri jippermettuhom biex jiddifferixxu l-ġbir ta' dan l-element ta' informazzjoni fid-dikjarazzjoni supplimentari.

(1) Iġġenerat awtomatikament minn sistemi informatiċi.

Piż nett (kg)

Piż (massa) tal-merkanzija nnifisha mingħajr imballaġġ.

L-Istati Membri jistgħu ma jirrikjedux dan ir-rekwiżit għad-dikjarazzjonijiet simplifikati u l-proċeduri għar-rilaxx lokali fil-waqt ta' l-importazzjoni u l-esportazzjoni meta l-kundizzjonijiet preskritti fl-awtorizzazzjonijiet assoċjati ma' dawn il-proċeduri jippermettuhom jiddifferixxu l-ġbir ta' dan l-element ta' informazzjoni fid-dikjarazzjoni supplimentari.

[Ref.: kaxxa SAD 38]

Ammont ta' l-oġġetti individwati

Prezz ta' l-oġġetti għar-rubrika kkonċernata fid-dikjarazzjoni. Din l-informazzjoni tintuża flimkien ma' 'Kodiċi tal-valuta' fejn tkun meħtieġa għall-kalkolu tad-dazji ta' l-importazzjoni.

L-Istati Membri jistgħu ma jirrikjedux dan ir-rekwiżit għad-dikjarazzjonijiet simplifikati u l-proċeduri għar-rilaxx lokali fil-waqt ta' l-importazzjoni meta l-kundizzjonijiet preskritti fl-awtorizzazzjonijiet assoċjati ma' dawn il-proċeduri jippermettuhom biex jiddifferixxu l-ġbir ta' dan l-element ta' informazzjoni fid-dikjarazzjoni supplimentari.

[Ref.: kaxxa SAD 42]

Numru ta' referenza għall-proċeduri simplifikati

In-numru ta' referenza ta' l-entrata fir-rekords għall-proċeduri deskritti fl-Artikoli 266 u 285a. L-Istati Membri jistgħu ma jirrikjedux dan ir-rekwiżit meta jkun hemm sistemi sodisfaċenti oħra għat-traċċar tal-kunsinni.

Informazzjoni addizzjonali

Daħħal il-kodiċi 10100 fejn japplika l-Artikolu 2 paragrafu 1 tar-Regolament Nru 1147/2002 [1] (prodotti importati b'ċertifikati li tajbin għat-tajran)

[Ref.: kaxxa SAD 44]

Numru ta' l-awtorizzazzjoni

Numru ta' l-awtorizzazzjoni għall-proċeduri simplifikati. L-Istati Membri jistgħu ma jirrikjedux dan ir-rekwiżit meta jkunu sodisfatti li s-sistemi kompjuterizzati tagħhom ikunu jistgħu joħorġu din l-informazzjoni mingħajr ambigwità minn elementi oħra tad-dikjarazzjoni, bħal l-identifikazzjoni tan-negozjant.

Kodiċi NU ta' l-Oġġetti Perikoluż

L-Identifikatur tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Oġġetti Perikoluż (UNDG) huwa l-uniku numru tas-serje (n4) assenjat fi ħdan in-Nazzjonijiet Uniti għal sustanzi u oġġetti oħra li hemm f'lista ta' l-oġġetti perikoluż li jinġarru l-aktar ta' spiss.

Din l-informazzjoni għandha tingħata biss meta tkun rilevanti.

Numru tas-siġill [2]

In-numri ta' l-identifikazzjoni tas-siġilli mwaħħlin mat-tagħmir għat-trasport, fejn applikabbli.

Kodiċi tal-metodu tal-ħlas għat-taxxi tat-trasport

Il-kodiċi li ġejjin għandhom jintużaw:

A Ħlas kontanti
B Ħlas bil-karta tal-kreditu
C Ħlas b'ċekk
D Ħlas mod ieħor (eż. debitu dirett lil kont tal-flus)
H Trasferiment elettroniku tal-kreditu
Y Detentur ta' kont mat-trasportatur
Z Mhux imħallas minn qabel

Din l-informazzjoni għandha tingħata biss meta tkun dipsonibbli.

[1] ĠU L 170, 29.6.2002, p. 8.
[2] Informazzjoni biex tintwera meta xieraq.

Id-data tad-dikjarazzjoni (1)

Id-data li fiha nħarġu d-dikjarazzjonijiet rispettivi u fejn xieraq, iffirmati jew awtentikati b'mod ieħor.

Għal proċeduri ta' rilaxx lokali skond l-Artikoli 266 u 285a, din hija d-data ta' l-entrata fir-rekordsrekords.

[Ref.: kaxxa SAD 54]

Firma/Awtentikazzjoni (1)

[Ref.: kaxxa SAD 54]

Indikatur ta' ċirkostanza speċifika ieħor

Element kodifikat li jindika ċ-ċirkostanza speċjali li għalija n-negozjant ikkonċernat jitlob benefiċċju.

A Kunsinni postali u *express*

B Provvisti għall-vapuri u l-ajruplani

C Trasport fuq it-triq

D Trasport bil-ferrivija

E Operaturi ekonomiċi awtorizzati

Dan l-element għandu jingħata biss meta jintalab benefiċċju għal ċirkostanza speċjali ħlief dawk imsemmija fit-tabella 1 mill-persuna li qed tiddepożita d-dikjarazzjoni fil-qosor.

M'hemmx bżonn li dan l-element jingħata meta jista' jiġi dedott awtomatikament u b'mod mhux ambigwu minn elementi oħra ta' informazzjoni pprovduti min-negozjant.

(1) Iġġenerat awtomatikament minn sistemi informatiċi."

ANNESS IV

"ANNESS 45c

DOKUMENT MEHMUŻ TA' L-ESPORTAZZJONIJIET

Kapitolu I

Mudell tad-dokument mehmuż ta' l-esportazzjonijiet

EUROPEAN COMMUNITY

EXPORT ACCOMPANYING DOCUMENT

2 Consignor/Exporter ☐	No	1 DECLARATION	MRN
		5 Items / 6 Total packages	Issuing date: Customs office:
8 Consignee	No		
		15 C. disp./exp. Code a	17 Country destin. Code a
18 Identity of means of transport at departure			
29 Office of exit			

31 Packages and description of goods	Marks and numbers — Container No(s) — Number and kind	32 Item No	33 Commodity Code
			35 Gross mass (kg)
			38 Net mass (kg)
			40 Summary declaration/Previous document
44 Additional information/ Documents produced/ Certificates and authorizations			46 Statistical value

E CONTROL BY OFFICE OF DISPATCH/EXPORT	K CONTROL BY OFFICE OF EXIT
Result:	Date of arrival:
Seals affixed: Number:	Examination of seals:
identity:	Remarks:
Time limit (date):	

Kapitolu II

Noti ta' spjegazzjoni u d-dettalji (informazzjoni) għad-Dokument Mehmuż ta' l-Esportazzjonijiet

Id-dokument mehmuż ta' l-esportazzjonijiet għandu jiġi stampat skond l-informazzjoni ġejja mid-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni, emendati, jekk ikun il-każ, mid-dikjarant/rappreżentant u/jew kontrollati mill-uffiċċju ta' l-esportazzjoni, u kkompletat bi:

1. *MRN (numru ta' referenza tal-moviment)*

L-informazzjoni hija mogħtija f'forma alfanumerika bi 18-il karattru skond il-mudell li ġej:

	Kontenut	Tip ta' kamp	Eżempji
1	L-aħħar żewġ ċifri tas-sena ta' l-aċċettazzjoni formali tad-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni (YY)	Numeriku 2	06
2	Identifikatur tal-pajjiż esportatur (kodiċi alpha 2 kif provdut għall-kaxxa 2 tad-dokument amministrattiv singolu fl-Anness 38	Alfabetiku 2	PL
3	Identifikatur uniku ta' l-operazzjoni ta' esportazzjoni għal kull sena u kull pajjiż	Alfanumeriku 13	9876AB8890123
4	Ċifri ta' kontroll	Alfanumeriku 1	5

Il-kamp 1 u 2 huma spjegati hawn fuq.

Il-kamp 3 għandu jimtela b'identifikatur tat-tranżazzjoni tas-sistema ta' kontroll ta' l-esportazzjonijiet. Il-mod kif jintuża dak il-kamp huwa taħt ir-responsabbiltà ta' l-amministrazzjonijiet nazzjonali iżda kull tranżazzjoni ta' esportazzjoni magħmula matul sena f'pajjiż partikolari għandha jkollha numru esklussiv. L-amministrazzjonijiet nazzjonali li jridu jdaħħlu n-numru ta' referenza ta' l-uffiċċju doganali ta' l-awtoritajiet kompetenti fl-MRN, jistgħu jużaw sa l-ewwel 6 karattri biex idaħħlu n-numru nazzjonali ta' l-uffiċċju.

Fil-kamp 4 għandu jiddaħħal b'valur li hu ċifra ta' kontroll għall-MRN kollu. Dan il-kamp jippermetti l-individwazzjoni ta' żbalji waqt li jitniżżel l-MRN kollu.

L-'MRN' għandu wkoll ikun stampat f'għamla ta' bar code bl-użu ta' 'kodiċi 128' standard, sett ta' karattri 'B'.

2. *Uffiċċju doganali*

Numru ta' referenza ta' l-uffiċċju ta' l-esportazzjoni.

Id-dokument ta' akkumpanjament ta' l-esportazzjonijiet m'għandux ikun immodifikat u lanqas ma għandha tiżdiedlu jew tiħassarlu xi parti għajr jekk speċifikat f'dan ir-regolament."

ANNESS V

"ANNESS 45d

LISTA TA' OĠĠETTI GĦALL-ESPORTAZZJONI

Kapitolu I

Mudell tal-lista ta' oġġetti għall-esportazzjoni

EUROPEAN COMMUNITY

LIST OF ITEMS — EXPORT			MRN
Consignor/Exporter (2)			Consignee (8)
Item No (32)	Gross mass (kg) (35)	Commodity Code (33)	Statistical value (46)
Declaration (1)	Net mass (kg) (38)	Summary declaration/Previous document (40)	Description of goods (31-1)
C. Exp. (15)	Container numbers (31-3)	Produced documents/certificates (44-1)	Marks and numbers of Packages (31-2)
C. Dest. (17)	No/kind pack./pces (31-4)	Special mentions (44-2)	

Kapitolu II

Noti ta' spjegazzjoni u d-dettalji (data) għal-Lista ta' Oġġetti

Meta esportazzjoni tikkonsisti f'aktar minn oġġett wieħed, il-lista ta' oġġetti għandha dejjem tkun stampata mis-sistema tal-kompjuter u għandha tinħemeż mad-dokument meħmuż ta' l-esportazzjonijiet.

Il-kaxex tal-lista ta' oġġetti jistgħu jitwessgħu vertikalment.

Id-dettalji għandhom ikunu stampati hekk:

1. *MRN* — in-numru ta' referenza tal-moviment hekk kif definit fl-Anness 45c.

2. Id-dettalji tal-kaxex differenti f'livell ta' l-oġġett għandhom ikunu stampati hekk:

   (a) Nru ta' l-oġġett — in-numru tas-serje ta' l-oġġett attwali;

   (b) Il-bqija tal-kaxex jimtlew skond ir-rekwiżiti fin-noti ta' spjegazzjoni fl-Anness 37, jekk ikun il-każ f'forma kodifikata."